Prospectus

2022-2023

MCAST

Mission Statement

To provide universally accessible vocational and professional education and training with an international dimension, responsive to the needs of the individual and the economy.

Il-Missjoni tal-Kulleġġ

Biex jipprovdi edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali u professjonali li jintlaħqu minn kulħadd, b'dimensjoni internazzjonali, u li jaqdu l-bżonnijiet tal-individwu u tal-ekonomija

Welcome
Merħba

A Community College for All

Established in 2001, the Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST) is the country's leading Vocational and Professional Education and Training institution. The College, through its Institutes, is driving forward the development of courses and more focused methodologies and pedagogies for the respective levels falling under their remit. Recent developments include the Skills Kits programme, more new courses on Apprenticeship mode, Apprenticeship Degrees and Master Degrees. Our students are prepared for careers in different sectors as we collaborate closely with local industry to ensure that the knowledge, skills and competences within our programmes are appropriate and relevant to a dynamic economy. This relationship enhances the College's flexible, relevant, and responsive programmes to the aspirations of our students and the needs of industry, which are constantly evolving.

Il-Kulleġġ fil-Komunità

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija (MCAST), li ġie mwaqqaf fl-2001, huwa l-istituzzjoni ewlenija tal-pajjiż għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali u Professjonali. Il-Kulleġġ, permezz tal-Istituti tiegħu, qed imexxi 'l quddiem l-iżvilupp ta' korsijiet u metodoloġiji u pedagoġiji aktar iffokati fuq il-livelli rispettivi li jaqgħu taħt il-mandat tagħhom. Żviluppi riċenti jinkludu l-programm Skills Kits, aktar korsijiet ġodda bl-Apprendistat, Degrees bl-Apprendistat u d-Degrees li jwasslu għal-livell ta' Master, fost oħrajn. L-istudenti tagħna jitħejjew għal karrieri f'setturi differenti, billi nikkollaboraw mill-qrib mal-industrija lokali biex niżguraw li l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi fil-programmi tagħna huma xierqa u rilevanti għal ekonomija dinamika. Din ir-relazzjoni ssaħħaħ il-programmi tal-Kulleġġ li huma flessibbli, rilevanti u li jwieġbu għall-aspirazzjonijiet tal-istudenti tagħna u l-ħtiġijiet tal-industrija, li dejjem jevolvu.

Content
Werrej

Professor Ian Refalo

Professor Joachim James Calleja

Message from the President of the Board of Governors Professor Ian Refalo and Principal and the CEO Professor Joachim James Calleja

Choosing your learning and career path can be exciting and overwhelming all at once. Our message is clear: MCAST is here to support you every step of the way. This Prospectus will help you understand the variety of courses available across our six Institutes and the Gozo campus. Even before you join the College and as you navigate through the different options, you can make use of our career guidance service. This service will help you better understand the appropriate levels, learning pathways and career options available.

You have much to look forward to when joining MCAST. Our priority is to ensure that you have a successful learning experience in an enjoyable and safe environment. You will be joining our community of over 7,000 full-time students and around 1,000 employees who have chosen MCAST as their place to learn and work. You will be part of our community of creators, makers and innovators. We are proud to offer the unique opportunity to learners to progress from entry level courses to Bachelor's, Master's and even Doctoral level.

Through the Strategic Plan 2022-2027, MCAST has set a bold vision to lead in vocational and professional education and training. Ours is the vision of a College that builds a learning community that leads to a better quality of life by means of quality education, new infrastructure that facilitates learning and research, and a greener College. We will continue to strengthen our networking with industry to increase apprenticeships while ensuring that our students get the right placements and have the industry experience they need to make significant contributions to their future workplace.

Choosing MCAST means opting for a learning experience focused on your future career success. Get ready to take the first step to gain the knowledge, skills and confidence to make your mark in your chosen career.

Messaġġ mill-President tal-Bord tal-Gvernaturi l-Professur Ian Refalo u mill-Prinċipal u s-CEO l-Professur Joachim James Calleja

L-għażla tat-tagħlim u t-triq tal-karriera tiegħek tista' tkun eċċitanti iżda tista' ġġib magħha xi ftit dubji wkoll. Il-messaġġ tagħna huwa ċar: l-MCAST qiegħed hawn biex jgħinek f'kull pass li tagħmel. Dan il-Prospett jgħinek tifhem il-varjetà ta' korsijiet fis-sitt Istituti tagħna u l-kampus ta' Għawdex. Anke qabel ma tissieħeb fil-Kulleġġ u int u tesplora l-għażliet differenti, tista' tagħmel użu mis-servizz tal-gwida għall-karriera. Dan is-servizz jgħinek tifhem aħjar il-livelli differenti u l-għażliet li għandek meta tiġi biex tagħżel kors u karriera.

Hemm ħafna opportunitajiet jistennewk. Il-prijorità tagħna hija li niżguraw li jkollok esperjenza ta' tagħlim b'suċċess f'ambjent pjaċevoli u sigur. Int ser tingħaqad mal-komunità tagħna ta' 'l fuq minn 7,000 student full-time u madwar 1,000 impjegat li għażlu l-MCAST bħala l-post fejn jitgħallmu u jaħdmu. Int se tkun parti mill-komunità tagħna ta' nies dinamiċi, kreattivi u innovattivi. Aħna kburin li noffru l-opportunità unika lill-istudenti li jagħmlu progress minn korsijiet li jibdew mill-ewwel livell u jkomplu javvanzaw għal-livell ta' Baċellerat, Master u Dottorat.

Permezz tal-Pjan Strateġiku 2022-2027, l-MCAST stabbilixxa viżjoni ċara biex ikun ta' quddiem nett fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u professjonali. Il-viżjoni tagħna hija waħda ta' Kulleġġ li jibni komunità ta' tagħlim li twassal għal kwalità ta' ħajja aħjar permezz ta' tagħlim ta' kwalità, infrastruttura ġdida li tiffaċilita t-tagħlim u r-riċerka, u Kulleġġ aktar ekoloġiku. Fuq kollox, aħna se nkomplu nsaħħu n-networking tagħna mal-industrija biex inżidu l-apprendistati filwaqt li niżguraw li l-istudenti tagħna jiksbu dik l-esperjenza fl-industrija li għandhom bżonn biex 'il quddiem jagħtu kontribut validu fil-post tax-xogħol tagħhom.

Li tagħżel l-MCAST ifisser li tagħżel esperjenza ta' tagħlim iffokata fuq is-suċċess fil-karriera tiegħek. Inħeġġek tagħmel l-ewwel pass biex tikseb l-għarfien, il-ħiliet u l-kunfidenza li jagħmlu differenza pożittiva għall-futur tiegħek.

With a history of over 7,000 years and located at the centre of the Mediterranean Sea, Malta is only around 100km away from mainland Europe, to which it is linked via air and sea. The Malta International Airport offers easy access through connections to most major cities across Europe and beyond. Malta is bilingual, which means that practically everyone in Malta speaks both Maltese and English fluently, making communication simple, straightforward and friendly.

Our sun-kissed islands are jam-packed with culture and history, as well as entertainment, nightlife and beaches. MCAST has a growing international community from all over the world following a diverse range of study programmes delivered in English.

Students may apply at MCAST individually and are guided towards the field of interest that is most appropriate for them. Alternatively, at MCAST we offer custom-made programmes for cohorts of students that are usually brought together by common interests and/or goals. This allows greater flexibility in terms of course delivery and time frames. As a further and higher education institution, MCAST gives you access to high-quality qualifications and degrees recognised on the European Qualifications Framework and are therefore internationally recognised.

+356 2398 7879
+356 2398 7160
mg2i.international@mcast.edu.mt

Choose Malta

MCAST
My Future

The learning opportunities you require

Every year, we provide training opportunities to over 6,500 full-time students. New programmes are constantly added to our list of courses to give you more new training options to choose from. If you are determined to advance in your career, we have the right training programme for you.

A rewarding career

MCAST provides a holistic educational experience by offering you a hands-on education in the latest best practices and technologies. Get ready to roll up your sleeves and put what you learn into practice in our workshops, laboratories, and real work settings through placements and apprenticeships. Our ultimate goal is to provide you with the competences required to help you achieve the career you aspire for.

A caring and vibrant campus

We believe that education is not simply a matter of qualifications and technical skills. We are committed to helping you develop into responsible, enthusiastic adults with strong social values. Beyond the classroom, at MCAST you will participate in sport, cultural and other fun activities that help you make new friends, gain confidence and improve your teamwork and communication skills. You will also have opportunities to join national and international competitions and events and gain invaluable experience through international student exchange programmes.

Improving Your Learning Experience

MCAST always aims at providing the best possible learning experience to its learners. The set-up of the College is aimed at addressing the specific needs of individual learners at the different course levels whilst providing a seamless progression.

Agħżel l-MCAST

L-opportunitajiet ta' tagħlim

Kull sena nipprovdu opportunitajiet ta' taħriġ għal 'il fuq minn 6,500 student full-time. Programmi ġodda ta' studju u taħriġ jiġu kontinwament miżjuda mal-lista ta' korsijiet offruti mill-MCAST biex nagħtuk selezzjoni akbar minn fejn tagħżel. Jekk inti determinat li timxi 'l quddiem fil-karriera tiegħek, għandna l-programm ta' taħriġ tajjeb għalik.

Karriera li tagħtik sodisfazzjon

L-MCAST jipprovdilek esperjenza edukattiva sħiħa billi joffrilek taħriġ prattiku fl-aħħar u fl-aħjar prattiċi u teknoloġiji. Lesti ruħek biex taħdem u biex dak li titgħallem fil-klassi tipprattikah fil-workshops tal-Kulleġġ, fil-laboratorji jew f'ambjenti tax-xogħol waqt perjodi ta' taħriġ fuq il-post tax-xogħol jew waqt l-apprendistat. L-għan aħħari tagħna huwa li nagħtuk il-kompetenzi li tinħtieġ biex jirnexxilek tikseb il-karriera li qed taspira għaliha.

Kampus mimli ħajja u li jieħu ħsiebek

Aħna nemmnu li l-edukazzjoni ma tfissirx sempliċement kwalifiki u ħiliet tekniċi. Ninsabu impenjati biex ngħinuk issir adult responsabbli u mimli entużjażmu, b'valuri soċjali sodi. Lil hinn mill-klassi, fl-MCAST inti tkun tista' tipparteċipa f'attivitajiet sportivi u kulturali u f'attivitajiet oħrajn ta' divertiment li jgħinuk tagħmel ħbieb ġodda, trabbi l-kunfidenza u ttejjeb il-ħiliet tiegħek biex taħdem f'tim u biex tikkomunika mal-oħrajn. Ikollok ukoll opportunitajiet biex tieħu sehem f'kompetizzjonijiet u avvenimenti nazzjonali u internazzjonali, kif ukoll biex takkwista esperjenza siewja ferm permezz ta' programmi ta' skambji għal studenti internazzjonali.

Esperjenza ta' tagħlim

L-MCAST jaħdem bla waqfien biex jilħaq il-mira tiegħu li jipprovdi l-aħjar esperjenza possibbli ta' tagħlim lill-istudenti tiegħu. Il-Kulleġġ għandu l-għan li jindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi tal-istudenti individwali li jkunu qed isegwu korsijiet fil-livelli differenti, waqt li jiġi assigurat li kull student ikollu l-possibilità li jimxi mingħajr diffikultà għal korsijiet ta' livelli ogħla.

Conditions for Application

1. **A new applicant is:**
   Either: One who up to June 2022 was not attending a full-time course at MCAST,
   Or: An MCAST student who completely failed all units forming part of the first year of a full-time course of studies and wishes to re-apply to start the same course from scratch,
   Or: A student who up to June 2022 attended a course at MCAST but now wishes to start a different course, not through progression, but in a different area of study,
   Or: A student registered as an MCAST student up to June 2022 but who stopped attending for some reason and now wishes to come back to proceed with their studies at MCAST.

2. All applicants must fill in the official online Application Form, which is made available through the MCAST Web Portal …. How to Apply Online Section throughout the application time window. During the application time window, applicants will find guides and resources on the same Web Portal to find online applications easier to handle. Application time windows will be published on the MCAST Web Portal. Where applicants possess a local and active e-ID, applications are submitted using that e-ID. International applicants are guided to present their online applications by communicating with internationalappl@mcast.edu.mt. In the case of International non-EU applicants, the last possible date of application is 15th August 2022 – unless otherwise published on the MCAST Web Portal.

3. Applications submitted without all the necessary documentation cannot be processed. Only official MATSEC / SEC result documents must be uploaded (and not screenshots of SMSs sent by MATSEC). In the case of the SSC&P (Secondary School Certificate & Profile), all four pages of the document are to be uploaded. Any other Certificates / Transcripts or documents showing qualification achievement are to be uploaded with no parts clipped off. In all such documents, the bearer's full name and surname and - where applicable – the ID Number is to be clearly shown. Uploads that are not clear cannot be processed. Applicants are kindly asked to label all the scans they upload using their full name and surname and the type of document uploaded to the scan. On the Online Application – Uploads section - one will find further guidance on uploading the required documents.

4. Grades 5/C or better are considered as 'O' level passes. In the case of 'O' level passes in Maltese, Italian and Religion, only the SEC results are accepted.

5. Applicants who sit for examinations of Overseas Examination Boards and at the time of receipt of applications are still waiting for results, may submit a provisional application as long as the results are presented by the end of the last week in August. The grades of these subjects are to be listed as 'Provisional'.

6. After the closing date for the receipt of applications, no changes in application forms are accepted except for the results of Overseas Boards for Provisional subjects.

ACCESS ARRANGEMENTS

7. MCAST strives to be an equal opportunities College and welcomes students with learning difficulties and disabilities. Special needs students are required to:
   - Have the necessary entry qualifications
   - Discuss their needs with a member of the MCAST Inclusive Education Unit (IEU)
   - Produce recent professional documents on their special requirements to follow the course
   - Set up an appointment to discuss particular educational needs by contacting the Inclusive Education Unit on 2398 7127.

SELECTION OF APPLICANTS AND FURTHER INFORMATION

8. Applicants in possession of any other qualifications not listed as an entry requirement in this Prospectus will have their application received as 'Provisional'. The application will be considered by the MCAST Admissions Board.

9. If applicants cannot find the desired progression route, their application will be received as 'Provisional', and the MCAST Admissions Board will consider their application.

10. Applications received after the final closing date will not be considered.

11. a. When the number of places available on a course is limited, and the number of applicants who choose the course and satisfy the entry requirements exceeds the number of available places, an order of merit is drawn up for all applicants selecting the course. On the other hand, it is to be noted that an MCAST full-time course will take off only if there is a minimum number of eligible applicants.

   b. Students who, in July 2022, successfully completed a course at MCAST and apply to progress (Form B) to a higher course in the same area of study will be given priority over those applicants who apply for the same course from outside MCAST.

   c. Aptitude Tests and/or Interviews - In those cases where an aptitude test and/or an interview is carried out, the admission of applicants will be based on the number of points acquired based on their qualifications after having passed the aptitude test and/or interview.

   d. Initial Assessment Tests - Applicants having an unrated SSC&P will be required to sit for the Initial Assessment Tests in Maltese, English Language and Mathematics. Applicants found to require significant support will be guided to join the Level 1 Introductory Certificate course. Applicants with SEC/O-Levels at grades 6 or 7 in at least two subjects from Maltese, English Language and Mathematics or an SSC&P with an overall rating of Level 1 or Level 2 will be exempted from the Initial Assessment Tests and will start directly at Level 2.

e. Applicants are selected for the Level 1 or Level 2 courses based on the results obtained in their SSC&P or on the results obtained in the Initial Assessment Tests in cases where the SSC&P is not available or is unrated.

12. All grades of SEC Ordinary, Intermediate and Advanced level examination results are allocated a number of points, as shown in the following table:

Ordinary Level		Intermediate Level		Advanced Level	
Grade	Points	Grade	Points	Grade	Points
1/A	10	A	16	A	26
2	9	B	15	B	24
3/B	8	C	14	C	22
4	7	D	13	D	20
5/C	6	E	12	E	18
				O	6

13. After an applicant is considered eligible for a course, the number of points is worked according to the course requirements;
a. The total points for Compulsory subjects are multiplied by 5;
b. The total points for Preferred subjects are multiplied by 3;
c.The total of all the points obtained by an applicant indicates the place in the order of merit for admission into a course.

14. For the application to be considered complete, the applicant must fill in the GDPR Consent Form granting MCAST permission to process the data accordingly. In instances of applicants under 18 years of age (at the date of application submission), parental consent through the same online application portal is required.

15. If there are courses where places are still available after the first call for applications, there will be other calls for application. The application time windows are mainly defined by the MATSEC results publication dates – before the start of the academic year.

16. Any application to join a course or any request to change a course application must go through the Admissions and Records Department within the Office of the Registrar and will not be accepted beyond a date agreed upon by the Council of Institutes unless approved by the MCAST Registrar.

17. When the number of applicants for a course is not viable, the College reserves the right not to offer the course, and applicants will be given the opportunity to change their course choice.

VOCATIONAL DEGREES

18. Holders of a full Level 5 Higher Diploma issued by MCAST or equivalent may request to access directly the final year of the Bachelor's Degree programme subject to validation by the MCAST Admissions Board. Appropriate considerations in line with MCAST Regulations and Procedures in this aspect will be taken by the mentioned Board. Applicants with equivalent HNDs from approved Further Education Institutions may be considered for eligibility. Applicants with other qualifications as approved by the College will be considered after following the appropriate College procedures for such cases.

APPLICATIONS SUBMITTED UNDER THE MATURITY CLAUSE

19. Applicants who satisfy the following conditions may apply for consideration to join MCAST programmes as mature students:
- Be in possession of a School Leaving Certificate and other certificates achieved at various levels – depending on the course level one is aspiring to follow.
- Have, by the end of the same calendar year, attained:
  a. the age of 27 years for entry to programmes at MQF Level 7
  b. the age of 23 years for entry to programmes at MQF Levels 5/6
  c. the age of 21 years for entry to programmes at MQF Level 4
  d. the age of 19 years for entry to programmes at MQF Level 3.
- Demonstrate that they stand to benefit and show that they can follow the chosen programme of study. This is done through an interview held for the purpose and any other possible actions that gauge the applicant's standing and sound preparation for the chosen programme of studies. Shortlisted applicants will be called for an interview to assess their suitability for the selected programme. Age is not the only criteria for eligibility. The Maturity Clause Selection Board may require candidates to undertake additional studies as part of their acceptance. The Board may recommend an alternative programme where this is considered appropriate. The Board reserves the right to evaluate the applicant's competences through various modes of assessment.

20. Prospective applicants who may wish to be considered through avenues that are alternative to the entry requirements set in this Prospectus are guided to look at the following important policies found on the MCAST Web Portal:
- Recognition of Prior Certified Learning (RPCL)
- Recognition of Prior Experiential Learning (RPEL).

21. Vocational programmes for secondary schools (BTEC L2 Extended Certificate) shall enjoy the same parity of esteem as one SEC/O Level at:
Distinction = Grade 1
Merit = Grade 3
Pass = Grade 5.

Kundizzjonijiet għal min japplika

1. **Applikant ġdid huwa:**
   Jew: Xi ħadd li sa Ġunju 2022 ma kien jattendi l-ebda kors full-time l-MCAST,
   Jew: Student tal-MCAST li ma għadda mill-ebda unità tal-ewwel sena tal-kors full-time li kien jattendi, u jixtieq jerġa' japplika biex jibda l-istess kors mill-ġdid,
   Jew: Student li attenda kors l-MCAST sa Ġunju 2022 imma jixtieq li, minflok ikompli, bl-istudji tiegħu fl-istess kors, jibda kors f'qasam totalment differenti,
   Jew: Student li sa Ġunju 2022 kien reġistrat l-MCAST bħala student imma li, għal xi raġuni, waqaf jattendi u issa jixtieq jerġa lura l-MCAST biex ikompli l-istudji tiegħu.

2. L-applikanti kollha għandhom jimlew il-Formola ta' Applikazzjoni uffiċjali li tinkiseb online mill-MCAST Web Portal tul iż-żmien kollu li fih ikunu qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet. Applikanti li għandhom eID lokali valida għandhom jużaw dik l-eID biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom. Applikanti barranin jiġu ggwidati biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom online billi jikkomunikaw ma' internationalapps@mcast.edu.mt.

3. Applikazzjonijiet li jiġu sottomessi mingħajr id-dokumenti kollha meħtieġa ma jkunux jistgħu jiġu pproċessati. Għandhom jiġu uploaded biss ir-riżultati uffiċjali tal-MATSEC/SEC (u mhux screenshots tal-SMSs mibgħuta mill-MATSEC). Fil-każ tal-SSC&P (Secondary School Certificate & Profile) għandhom jiġu uploaded l-erba' paġni tad-dokument. Ċertifikati / Transcripts jew dokumenti oħra li juru l-kisba ta' kwalifiki għandhom jiġu uploaded mingħajr ma tinqata' ebda parti. F'dawn id-dokumenti kollha, l-isem u l-kunjom tal-applikant, kif ukoll in-numru tal-ID – fejn applikabbli – għandhom ikunu jidhru cari. Uploads li ma jkunux ċari ma jkunux jistgħu jiġu pproċessati. L-applikanti huma ġentilment mitluba jimmarkaw l-iscans kollha li japplowdjaw billi jniżżlu isimhom sħiħ, kunjomhom u t-tip ta' dokument li jkun qed jiġi applowdjat fl-iscan.

4. Il-gradi 5/C jew aħjar huma meqjusa bħala pass fil-Livell Ordinarju. Fil-każ ta' passes fil-Livell Ordinarju fil-Malti, it-Taljan u r-Reliġjon jiġu aċċettati biss ir-riżultati tas-SEC.

5. Applikanti li jagħmlu eżamijiet ta' Bordijiet ta' Eżamijiet Barranin u li fiż-żmien li jkunu qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet ikunu għadhom jistennew ir-riżultati, jistgħu jissottomettu applikazzjoni proviżorja basta r-riżultati jiġu ppreżentati sa tmiem l-aħħar ġimgħa ta' Awwissu. Il-gradi ta' dawn is-suġġetti għandhom jitniżżlu bħala 'Proviżorji'.

6. Wara li tagħlaq id-data li fiha jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, ma jiġi aċċettat li jsir ebda tibdil fil-formoli ta' applikazzjoni barra dak fis-suġġetti Proviżorji wara li joħorġu r-riżultati tal-Bordijiet tal-Eżamijiet Barranin.

ARRANĠAMENTI SPEĊJALI

7. L-MCAST jaħdem bis-sħiħ biex ikun Kulleġġ li joffri opportunitajiet indaqs lil kulħadd u għalhekk jilqa' studenti b'diffikultajiet fit-tagħlim u b'diżabilità. Studenti bi bżonnijiet speċjali huma meħtieġa li:

   · Ikollhom il-kwalifiki tad-dħul neċessarji

   · Jiddiskutu l-ħtiġijiet tagħhom ma' membru tal-Inclusive Education Unit (IEU) tal-MCAST

   · Jipproduċu dokumenti riċenti, maħruġa minn professjonisti, dwar il-bżonnijiet speċjali li għandhom biex ikunu jistgħu jsegwu l-kors

   · Jagħmlu appuntament biex jiddiskutu bżonnijiet partikolari għat-tagħlim billi jikkuntattjaw lill-Inclusive Education Unit fuq 2398 7127.

L-GĦAŻLA TAL-APPLIKANTI U IKTAR INFORMAZZJONI

8. L-applikazzjoni ta' applikanti li jkollhom kwalifiki oħra li mhumiex imniżżlin f'dan il-Prospett bħala kwalifiki għad-dħul, tintlaqa' bħala 'Proviżorja' u tigi kkunsidrata mill-MCAST Admissions Board.

9. L-applikazzjoni ta' dawk l-applikanti li ma jkunux jistgħu jsibu l-progression route mixtieqa, tintlaqa' bħala 'Proviżorja' u tigi kkunsidrata mill-MCAST Admissions Board.

10. Applikazzjonijiet li jaslu wara li jagħlaq iż-żmien biex jintlaqgħu l-applikazzjonijiet ma jiġux aċċettati.

11. a. Meta n-numru ta' postijiet disponibbli f'kors ikun limitat, u n-numru ta' applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-dħul u li jagħżlu l-kors jeċċedi n-numru ta' postijiet disponibbli, isir ordni tal-mertu għall-applikanti kollha li japplikaw ghall-kors.

    b. Studenti li f'Lulju 2022 ikunu temmew kors l-MCAST b'suċċess u japplikaw biex javvanzaw għal kors ta' livell ogħla fl-istess qasam ta' studju, jingħataw prijorità fuq applikanti li ma jkunux studenti tal-MCAST u japplikaw għall-istess kors.

    ċ. Aptitude Tests u/jew Intervisti – F'dawk il-każi fejn isiru Aptitude Test u/jew Intervista, l-għażla tal-applikanti tkun ibbażata fuq in-numru ta' punti miksuba mill-kwalifiki li jkollhom l-applikanti, wara li dawn ikunu għaddew mit-test u/jew mill-intervista.

    d. Initial Assessment Tests – Applikanti li jkollhom l-SSC&P mhux ikklassifikat, ikunu meħtiega joqogħdu għal Initial Assessment Tests fil-Malti, fil-Lingwa Ingliża u fil-Matematika. Dawk l-applikanti li jinstabu li jkollhom bżonn ta' ħafna għajnuna jiġu ggwidati biex jidħlu fil-kors tal-Livell 1 li jwassal għal Introductory Certificate. Applikanti li jkollhom grad 6 jew 7 tal-Livell Ordinarju tas-SEC f'mill-inqas żewġ suġġetti minn fost il-Malti, il-Lingwa Ingliża u l-Matematika, jew li jkollhom SSC&P bi klassifikazzjoni ġenerali ta' Livell 1 jew Livell 2, jiġu eżentati mill-Initial Assessment Tests u jibdew direttament fil-Livell 2.

    e. Applikant jintgħazel biex jidħol f'kors tal-Livell 1 jew f'kors tal-Livell 2 skont ir-riżultati miksuba fl-SSC&P jew, f'każ li ma jkollux l-SSC&P jew dan ma jkunx ikklassifikat, fuq ir-riżultati miksuba fl-Initial Assessment Tests.

12. Il-gradi kollha miksuba fir-riżultati tal-eżamijiet tas-SEC fil-Livell Ordinarju, fil-Livell Intermedju u fil-Livell Avvanzat jiġu allokati numru ta' punti kif jidher fit-tabella ta' hawn taħt:

Livell Ordinarju		Livell Intermedju		Livell Avvanzat	
Grad	Punti	Grad	Punti	Grad	Punti
1/A	10	A	16	A	26
2	9	B	15	B	24
3/B	8	C	14	C	22
4	7	D	13	D	20
5/C	6	E	12	E	18
				O	6

13. Wara li applikant jiġi mejjus eliġibbli għal kors, in-numru ta' punti jiġi maħdum skont ir-rekwiżiti tal-kors:

  a. il-punti totali għas-suġġetti Obbligatorji jiġu mmultiplikati b'5;
  b. il-punti totali għal suġġetti Ppreferuti jiġu mmultiplikati bi 3;
  ċ. it-total ta' punti miksuba jindika l-post tal-applikant fl-ordni tal-mertu għad-dħul fil-kors.

14. Biex l-applikazzjoni tiġi kkunsidrata kompluta, l-applikant irid jimla l-Formola ta' Kunsens tal-GDPR li tagħti permess lill-MCAST jipproċessa l-informazzjoni skont il-bżonn. Fil-każ ta' applikanti li ma jkunux għalqu t-18-il sena, ikun meħtieġ il-kunsens tal-ġenituri, jew tal-persuna/i li l-applikanti jkunu taħt il-ħarsien u l-kustodja tagħha/hom.

15. F'każ ta' korsijiet fejn jibqa' postijiet disponibbli wara l-ewwel sejħa għal applikazzjonijiet, jinħargu sejħiet oħra għal applikazzjoni. Id-data tal-għeluq għal dawn l-applikazzjonijiet tiddependi mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultati tal-MATSEC. Postijiet li jibqgħu ma jimtlewx wara numru ta' sejħiet għal applikazzjoni jiġu offruti fuq il-bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel. L-informazzjoni dwar il-perjodu ta' żmien meta jintlaqgħu l-applikazzjonijiet tiġi ppublikata fuq www.mcast.edu.mt kif ukoll tixxandar f'midja differenti.

16. Kull applikazzjoni għal dħul f'kors u kull talba biex tinbidel applikazzjoni għal kors trid tgħaddi mill-Admissions Office tal-Uffiċċju tar-Reġistratur u ma tiġix accettata wara d-data li tkun ġiet maqbula mill-Council of Institutes sakemm dan ma jiġix approvat mir-Reġistratur tal-MCAST.

17. Il-Kulleġġ jirriżerva d-dritt li ma jiftaħx il-kors jekk in-numru ta' applikazzjonijiet ma jkunx vijabbli. F'dan il-każ, l-applikanti jingħataw iċ-ċans li jagħżlu kors ieħor.

DEGREES VOKAZZJONALI

18. Individwi li jkollhom Higher Diploma sħiħa (Livell 5) maħruġa mill-MCAST, jew xi kwalifika ekwivalenti, jistgħu jitolbu li jidħlu direttament fl-aħħar sena ta' programm li jwassal għal baċellerat, dejjem jekk il-kwalifika tiġi aċċettata bħala valida mill-Admissions Board tal-MCAST. Dawn il-każi jingħataw konsiderazzjoni xierqa minn dan il-Bord fid-dawl tal-provvedimenti tar-Regoli u l-Proċeduri tal-MCAST. Tista'

wkoll tiġi kkunsidrata l-eliġibilità ta' applikanti li jkollhom Higher National Diplomas miksuba minn Istituzzjonijiet ta' Edukazzjoni Ulterjuri approvati. Applikanti li jkollhom kwalifiki oħrajn approvati mill-Kulleġġ jiġu kkunsidrati wara li jiġu segwiti l-proċeduri tal-Kulleġġ applikabbli għal talbiet bħal dawn.

APPLIKAZZJONIJIET LI JAQGĦU TAĦT IL-KLAWSOLA TA' MATURITÀ

19. Applikanti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' hawn taħt jistgħu japplikaw biex jiġu kkunsidrati biex jidħlu f'korsijiet tal-MCAST bħala studenti maturi:

   · Ikollhom iċ-Ċertifikat tat-Tmiem tal-Iskola
   · Sal-aħħar tal-istess sena kalendarja, ikunu:

   a. laħqu l-età ta' 27 sena biex jidħlu fi programmi tal-Livell 7 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki

   b. laħqu l-età ta' 23 sena biex jidħlu fi programmi tal-Livelli 5/6 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki

   ċ. laħqu l-età ta' 21 sena biex jidħlu fi programmi tal-Livell 4 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki

   d. laħqu l-età ta' 19-il sena biex jidħlu fi programmi tal-Livell 3 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki.

   · Juru li huma kapaċi jsegwu u jistgħu jibbenefikaw mill-programm magħżul permezz ta' intervista li ssirilhom għal dan il-għan u bl-użu ta' metodi oħra li jistgħu jiġu applikati biex jiġi vverifikat li l-applikant għandu l-preparazzjoni neċessarja. L-applikanti li jiġu shortlisted jintalbu jattendu intervista biex jiġi stabbilit jekk il-kors magħżul hux addattat għalihom. Il-Bord ta' Selezzjoni għal Studenti Maturi jista' jitlob lill-kandidati jagħmlu studji addizzjonali bħala kundizzjoni biex jiġu aċċettati. Il-Bord jista' jirrakkomanda kors alternattiv fejn jinħass li dan ikun aktar addattat għall-kandidat rispettiv. Il-Bord jirriżerva d-dritt li jevalwa l-kompetenzi tal-applikant permezz ta' assessment.

20. Kandidati prospettivi li jixtiequ li l-applikazzjoni tagħhom tiġi kkunsidrata fuq kriterji li huma differenti mir-rekwiżiti tad-dħul stabbiliti f'dan il-Prospett, għandhom jaqraw id-dokumenti importanti li jidhru hawn taħt:

   · Recognition of Prior Certified Learning (RPCL)
   · Recognition of Prior Experiential Learning (RPEL).

   Wieħed jista' jsib dawn id-dokumenti fuq il-Web Portal tal-MCAST.

21. Programmi vokazzjonali għall-iskejjel sekondarji (BTEC L2 Extended Certificate) ikollhom l-istess valur ta' suġġett wieħed tas-SEC fil-Livell Ordinarju, kif jidher hawn taħt:
   Distinction = Grad 1
   Merit = Grad 3
   Pass = Grad 5

Events

As you begin to settle down, you may wonder what your campus social life will look like for the rest of the year. MCAST helps each student maximise their experience on campus by organising a variety of thematic, cultural and sports events to engage the MCAST population. With so much to do around campus, there is a little something for everyone. Here are some fun student activities:

Freshers' Days
Every year, MCAST welcomes over 7,000 new and progressing students for the upcoming Academic Year. Freshers' Days include various activities for new students to discover more about the respective Institutes and opportunities for work placements and volunteering. Freshers' Days are the perfect opportunity for students to meet many of MCAST's industry partners and local businesses and to learn more about organisations working in collaboration with MCAST. Stalls managed by local businesses and non-governmental organisations are set up, and cool stuff is given.

Diversity Day
The College celebrates Diversity Day in May on the Main Campus. Various activities promote cultural diversity to celebrate and raise awareness of the different nationalities represented at MCAST. Stalls are set up in the MCAST Student House, where students present various crafts and traditional exhibitions worldwide. Visitors have the opportunity to taste traditional food from different countries and view students dressed in traditional costumes.

Cultural Activities
Activities help students identify themselves with MCAST and assist them in developing themselves in a desired field and improving organisational, presentation, leadership, and interpersonal communication skills. As cultural activities are of paramount importance, MCAST encourages all extra-curricular activities that are both in line with the institution's educational objectives and meet the needs of the students. In this regard, each year, a creative arts festival is organised to increase brand perception and create an event that builds hype and anticipation for years to come. The ICA Festival celebrates creativity and acts as a platform to showcase the students' hard work and collaboration with relevant stakeholders in the industry.

Open Days
Open Days offer the perfect opportunity to prospective students and their families to look around the College campus, meet lecturers and current students, and speak to representatives from the College's Admissions and Outreach teams. Tours around the MCAST campus are organised, and MCAST staff can answer any questions you might have about student life on campus. Subject-specific talks are scheduled throughout the days.

During the COVID-19 pandemic and the social gatherings restrictions, we missed the campus events at MCAST, which play an essential role in shaping each student's social and intellectual life. MCAST organised various online activities in 2020 and 2021. We are now relieved to have our community back on campus while ensuring that the health and safety of staff and students remain our priority.

Sport

Being physically active plays a significant role in maintaining a healthy lifestyle. Sports and exercise are not only beneficial to one's physical and mental health but can also have a positive effect on study results. Whether you are a serious athlete, casual gym-goer, or need to unwind before, in between or after lectures, you are welcome to visit our sports facilities on campus. Football, basketball, handball and tennis courts and pitches are available to all students and staff. You can also visit our Fitness Centre and get a chance to speak with a staff member for advice to help you get started or follow your programme. Furthermore, tournaments in different sports disciplines are organised, and all students and staff are encouraged to participate and have fun while keeping in shape.

We Care Wellbeing Hub

The Wellbeing Hub offers a variety of services directed towards self-fulfilment, serenity and health. Counselling and therapeutic interventions are provided to assist students and staff through a process of personal growth. Other specialised services focus on addictions, mental health, nutrition and sexual health. All services are provided by professionals in the relevant fields on a high level of confidentiality.

Youth Hub
The Youth Hub is a safe space for young people to chill out, relax and enjoy different indoor activities. It is also meant to be an educational hub that attracts young people's ideas that can be transformed into discussions, campaigns, projects, and activities. New opportunities and information can also be accessed.

Integration Office
The Unit aims to welcome and integrate all students during their time at MCAST while celebrating diversity. It provides support to members of staff in collaboration with NGOs working in the field of integration.

Career Guidance Service
Not decided yet on your career? Do you not know how to realise your dream? Let us help empower you to make your own choices and select the best route to get you there.

Student Liaison Office
This office aims to offer students a holistic experience towards educational and personal growth through assistance and guidance to all services provided by the College.

Grievance Office
The MCAST Grievance Office provides support and enhances solutions for students and staff who have a complaint to be resolved.

MCAST Salesian Chaplaincy Team
The MCAST Chaplaincy Team is a Salesian presence among staff and students that supports MCAST to become a place where young people are taught and listened to, prepared for life and valued.

Corporate Social Responsibility Office
The MCAST CSR Office collaborates with various voluntary organisations, sports associations and local councils to provide all learners with an opportunity to enrich their studies with experiences that add value to their knowledge base.

What is WBL?

- Work-based learning prepares you for real-world careers through a combination of relevant work experience and College-based learning.

- Work-based learning improves your career opportunities.

- Work-based learning allows you to undertake real work through the production of real goods and services.

- Work-based learning provides learners with the skills needed to be employable and progress in their professional development. Depending on the course chosen, MCAST provides work-based learning in different formats: placements, apprenticeships, internships, live cases.

- A placement offers students up to MQF Level 4 the opportunity to gain basic work experience and skills leading to a vocational qualification or award. This can be paid or unpaid at the discretion of the sponsor.

- Through an apprenticeship programme, you can obtain paid, relevant work experience combined with College-based learning in preparation for a career in different industry areas. Apprenticeships are offered in selected courses at MQF Levels 3-6.

- An internship offers students following certain programmes at MQF Level 5 or higher the opportunity to gain practical work experience leading to a vocational qualification or award. This can be paid or unpaid at the discretion of the sponsor. Live cases use the units of the creative arts programme as a vehicle through which industry experience can be gained. They enable the student to work directly with a client to research, design, develop and produce a tangible creative concept.

Work-Based Learning

Entrepreneurship

The MCAST Entrepreneurship Centre (MEC) is a non-profit centre created to help MCAST students and alumni. It is the purpose of MCAST to foster economic development at MEC and promote small business development by supporting the formation and growth of new companies that will commercially develop new products and services and create new job opportunities. MEC aims to provide MCAST students and alumni with the opportunity to transform their creative and innovative ideas into profitable and sustainable business ventures. We strive to teach our tenants how to be decisive and negotiate, and mentor them to develop ideas into a profitable business.

Learning Support Unit

The Learning Support Unit is a team of lecturers who deliver the key skills transversally across all Institutes and levels. Key skills include Mathematics, English, Maltese, Information Technology, Individual Social Responsibility, Science and Entrepreneurship. Staff is engaged in giving one to one or small group support in the key skills and some vocational areas according to the need. The LSU also provides specific services, such as Organisational skills, the Pastoral Care programme to all Foundation students, and the Maltese as a Foreign Language unit.

Inclusive Education Unit Services include:

Access Arrangements (e.g. extra time, reader*)
· Individual LSE Support Sessions in Maltese, Mathematics, English and general support*
· In-Class LSE Support Sessions (Intro A to Level 3 depending on the group abilities)*
· Map Sessions to identify students' challenges and the support required*
· Orientation Tours for students to familiarise themselves with the campus (particularly for anxiety, autism and orientation-related needs)
· Peer Preparation Sessions to foster classmates' respect and encourage support*
· Multi-Disciplinary Support through liaison with other support services
· Transport for mobility-impaired students
· Personal Assistants for students with considerable motor skills difficulties
· Student Needs Notification to the respective management and lecturing staff
· Reasonable Accommodation on a case-by-case basis.
*Available both on campus and online.

MCAST aims at creating an inclusive environment where learners are provided with the educational support required to develop their full potential. Students with particular needs or disabilities, including dyslexia, autism, visual/hearing impairment etc., are registered with the IEU through an online application followed by a meeting to discuss their needs further. IEU services are spread across all levels and Institutes, reaching out to all IEU students.

Documents Required for IEU Registration
(applicable ones only):

· Psychological Report
· Occupational Therapy Report
· Medical Report / Evidence
· MATSEC / ADSC Confirmation Letter regarding access arrangements
· Individual Education Plan (IEP).

+356 2398 7237 / 7324 / 7127
 inclusiveeducation@mcast.edu.mt

ERASMUS+ Projects and Mobility Office

The MCAST Erasmus+ Projects and Mobility Office identifies international opportunities to provide students' experience abroad both in their studies and in the world of work, mainly through the Erasmus+ programme. We support students before, during and after their mobility to get the best possible exposure to the work environment. Apart from providing a learning/training experience, Erasmus+ helps students grow up, mature and learn about different European people and cultures. We have partners across Europe.

There are various opportunities for students, following different education paths at MCAST:

· Students in the final year of Level 4 courses can benefit from a 2 or 3-week work placement abroad in a company;

· Higher Diploma and Degree students can benefit from a 2-3 months' work placement abroad in summer or even follow a semester of studies abroad that will be included with the course they are following at MCAST;

· Degree students benefit from a similar opportunity within one year of graduating, for a minimum period of 2 months.

Uffiċċju Proġetti ERASMUS+ u Mobilità

L-Uffiċċju Proġetti Erasmus+ u Mobilità tal-MCAST jaħdem biex isib opportunitajiet ta' xogħol barra minn Malta bil-għan li jipprovdi lill-istudenti l-possibilità li jieħdu esperjenza Ewropea kemm fl-istudju kif ukoll fid-dinja tax-xogħol, anke permezz tal-programm Erasmus+. Aħna ngħinu lill-istudenti tal-MCAST qabel isiefru, waqt li qegħdin barra u meta jiġu lura Malta. Apparti mill-esperjenza ta' studju/xogħol li jakkwistaw, l-Erasmus+ jgħin lill-istudenti sabiex isiru indipendenti fil-ħajja ta' kuljum u jitgħallmu dwar il-kultura u l-popli Ewropej.

Aħna naħdmu ma' diversi msieħba mal-Ewropa kollha u qed insibu work placements u study mobilities għal studenti fi stadji differenti tal-edukazzjoni tagħhom fl-MCAST:

· L-istudenti fl-aħħar sena tal-korsijiet tal-Livell 4 jistgħu jibbenefikaw minn work placement ta' 2-3 ġimgħat f'kumpaniji barra minn Malta;

· Studenti li jkunu qed jagħmlu kors li jwassal għal Higher Diploma jew għal Degree jistgħu jagħmlu work placement ta' bejn xahrejn u tliet xhur barra minn Malta fis-sajf jew inkella jsegwu simestru ta' studju barra minn Malta li jiġi inkluż mal-kors tagħhom;

· Studenti tad-Degree jistgħu jagħmlu work placement ta' mhux inqas minn xahrejn barra minn Malta, sa sena wara li jiggradwaw.

MCAST Library & Learning Resource Centre

You can find library services at the Main Campus in Paola and the Institute for the Creative Arts in Mosta, at the Centre for Agriculture, Aquatics and Animal Sciences in Qormi and at the MCAST Gozo Campus.

The MCAST Library and Learning Resource Centre (LLRC) provides quality physical and online resources to support the teaching, learning, and research strategies of the MCAST community. We ensure that various information services and systems are in place to meet the requirements of individuals and group members. The LLRC has now got a collection of 65,000+ books and a vast collection of electronic resources, including more than 165,000 e-books and millions of electronic articles, conference proceedings, standards, etc.

The LLRC subscribes to IEEE, ProQuest, EBSCO and Emerald databases to meet your resource needs. In addition to this, we also have these services:

· The Library welcomes newcomers with fun-filled events, tours and activities.
· Our Library Webpage (https://www.mcast.edu.mt/mcast-library/) helps you familiarise yourselves with various services we offer.
· An online Library Catalogue helps you find the materials in the libraries.
· Individual and group workshops on how to use the online Catalogue, Electronic access resources, Information Literacy sessions, etc., assist with your study related queries.
· Circulation, which includes borrowing, returning and renewing library items, and answering queries.
· MCAST Libraries Facebook Page to update you with the latest Library information (https://www. facebook.com/MCAST.Libraries/).
· MCAST LLRC YouTube channel for guideline videos (https://www.youtube.com/channel/ UCEkd96YLIL8PXc_XhUPWIZw).
· We provide quiet study areas, group study areas and a dedicated floor for the computer lab. · We also offer services of photocopying, printing, scanning and wi-fi.
· We organise colourful events and activities throughout the year for you to enjoy, think and participate.
· A friendly team of professional staff ever ready to help you with a smile.

We now look forward to welcoming you to the new Library and Learning Resource Centre with attractive, spacious interiors and an advanced collection of resources. So do visit us, learn and let us have fun too. This Library can be like a home for you.

Adult Learners

For more than 15 years, MCAST has been successfully providing professional and accredited courses for adults living in Malta. Our experience has shown us that students who participate in adult education develop a range of valuable skills which can be transferred to enhance individual or work-related aspirations. We offer a wide range of courses and apprenticeships from entry level to degree level. Whether progressing in your career, returning to work, improving your Mathematics and English, working towards a degree or taking up a new interest, we will have a course for you. Our entry requirements allow mature adults to join MCAST programmes when they have a School Leaving Certificate and are of a particular age by the end of the calendar year. Please consult the Conditions for Application in this Prospectus for details.

Part-time Courses

MCAST Gateway to Industry Ltd has been the catalyst for many MCAST tailor-made and accredited level-rated part-time courses. MCAST part-time courses have a solid reputation, based on thousands of satisfied customers. Our interest is to continue offering a more comprehensive range of specialist and hobby courses that suit our customers' needs and the needs of the industry. We understand that many people are constrained by various commitments and by time. We are always seeking ways to offer the most flexible, supportive and high-quality learning experiences possible, all wrapped up into affordable options which guarantee prospects to focus more on students' studies.

L-istudenti prospettivi li jsegwu dan il-programm se jkunu jħabbtu wiċċhom mad-diversi aspetti, ħafna drabi relatati ma' xulxin, tas-saħħa ambjentali li jinkludu: is-saħħa pubblika; is-saħħa u s-sikurezza ambjentali; is-sikurezza tal-ikel u tal-ilma; l-aspetti ta' saħħa relatati ma' ambjenti domestiċi, ta' divertiment u tal-post tax-xogħol, u l-impatt ta' dawn id-diversi fatturi fuq l-individwu u fuq is-soċjetà inġenerali. L-istudenti jiksbu l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi dwar kif jivvalutaw, janalizzaw, ifasslu u jimplimentaw soluzzjonijiet effiċjenti għal kwistjonijiet ta' saħħa ambjentali, bil-għan li dawk li jtemmu l-kors b'suċċess isibu xogħol f'pożizzjonijiet ta' konsulenza jew ta' infurzar, jew anke fil-qasam edukattiv. Huma jitgħallmu wkoll dwar il-politika lokali u l-oqfsa legali kurrenti li jirregolaw dawn il-fatturi ta' saħħa ambjentali. L-istudenti li jtemmu l-kors b'suċċess ikunu eliġibbli biex jirreġistraw mal-Kunsill għall-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina ta' Malta.

Entry Requirements

MCAST Advanced Diploma in Health Sciences
or
MCAST Advanced Diploma in Environmental Sustainability
or
MCAST Advanced Diploma in Food Technology
or
MCAST Advanced Diploma in Applied Science
or
2 A-Level passes and 2 I-Level passes
Compulsory A-Level: Biology

Career Opportunities

Environmental health officer

Course Duration

3 Years Full-time

Course Code

AS6-05-21

Mode

Internship

MQF Level

6

ECTS

180 Credits

Institute of Applied Sciences
Centre for Agriculture, Aquatics and Animal Sciences

Introductory Certificate in Animal Husbandry and Horticultural Skills

This basic programme of study equips learners with a range of skills, enabling them to begin to understand what various land-based animal and crop activities involve. The learner will have the opportunity to handle a variety of farm animals as well as work on crop fields and fruit trees. This course of study includes topics about soil management, establishing crops, animal management, livestock nutrition and farm maintenance. Learners will have the opportunity to feed various animals such as rabbits and poultry, incubate eggs and hatch chicks whilst gaining the required hands-on experience in the horticulture and animal husbandry sector.

Dan il-programm bażiku ta' studju jipprovdi lill-istudenti firxa ta' ħiliet li permezz tagħhom huma jibdew jifhmu x'jinvolvu diversi attivitajiet tal-annimali u l-għelejjel. L-istudent ikollu l-opportunità li jieħu ħsieb varjetà ta' annimali tal-irziezet, kif ukoll li jaħdem fl-għelieqi tal-għelejjel u fuq is-siġar tal-frott. Dan il-kors ta' studju jinkludi suġġetti dwar il-ġestjoni tal-ħamrija, l-istabbiliment ta' għelejjel, il-ġestjoni tal-annimali, in-nutrizzjoni tal-bhejjem u l-manutenzjoni tal-irziezet. L-istudenti jkollhom l-opportunità li jagħlfu diversi annimali bħal fniek u tjur, jużaw l-inkubatur tal-bajd u jfaqqsu l-flieles, filwaqt li jiksbu l-esperjenza prattika meħtieġa fl-ortikultura u fit-trobbija tal-annimali.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
Finished Compulsory Education Initial Assessment Tests (as may be applicable)	1 Year Full-time	1
	Course Code	**ECVET**
	AG1-01-21	40 Credits

Foundation Certificate in Horticulture and Animal Care

This programme of study is designed to equip learners with a range of basic skills and competences enabling them to become competent in various land-based activities related to the agricultural sector. This programme of studies includes a significant amount of vocational practice that will provide a clear idea of the nature of the area that the learner may wish to follow in the future. Learners will have the opportunity to gain hands-on experience with farm animals, exotic animals and plants. Special focus will be given to soil, crop and animal management, livestock nutrition and farm maintenance.

Dan il-programm ta' studju huwa mfassal biex jipprovdi lill-istudenti firxa ta' ħiliet u kompetenzi bażiċi sabiex isiru kompetenti f'diversi attivitajiet li jinvolvu l-art u li huma relatati mas-settur agrikolu. Dan il-programm ta' studju jinkludi ammont sinifikanti ta' prattika vokazzjonali li tagħti idea ċara tan-natura tal-qasam li l-istudent jista' jkun jixtieq jinvolvi ruħu fih fil-futur. L-istudenti jkollhom l-opportunità li jiksbu esperjenza prattika ma' annimali tal-irziezet, annimali eżotiċi u pjanti. Tingħata attenzjoni speċjali lill-ġestjoni tal-ħamrija, tal-għelejjel u tal-annimali, in-nutrizzjoni tal-bhejjem u l-manutenzjoni tal-irziezet.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
MCAST Introductory Certificate or Finished Compulsory Education Initial Assessment Tests (as may be applicable)	1 Year Full-time	2
	Course Code	**ECVET**
	AG2-01-21	60 Credits

Diploma in Animal Care

This programme of study offers an introduction to working with and handling farm animals and pets, and provides the necessary related hands-on experience. It provides the practical skills and background knowledge required to form a solid foundation in animal care. The learner will have the opportunity to acquire knowledge on various habitat designs that can be used as accommodation for farm and pet animals, and study feeding procedures and how to identify and solve animal health problems. A learner who opts for this programme of study will be expected to attend scheduled husbandry duties which form part of this course. This practical experience, coupled with motivation and responsibility, will back up the theoretical knowledge gained during lectures.

Dan il-programm ta' studju joffri introduzzjoni għall-ħidma mal-annimali tal-irziezet u l-annimali domestiċi u t-trattament tagħhom, flimkien mal-esperjenza prattika relatata meħtieġa. Il-kors jipprovdi l-ħiliet prattiċi u l-għarfien bażiku biex tiġi ffurmata bażi soda fir-rigward tal-kura tal-annimali. L-istudent ikollu l-opportunità li jakkwista għarfien dwar diversi disinji ta' abitazzjoni li jistgħu jintużaw bħala akkomodazzjoni għall-annimali tal-irziezet u l-annimali domestiċi, u li jistudja dwar il-proċeduri tal-għalf u kif jidentifika u jsolvi problemi ta' saħħa tal-annimali. Student li jagħżel li jsegwi dan il-programm ta' studju se jkun mistenni jaqdi dmirijiet skedati tat-trobbija tal-annimali li jiffurmaw parti minn dan il-kors. Din l-esperjenza prattika, flimkien mal-motivazzjoni u r-responsabbiltà, se jsaħħu l-għarfien teoretiku li l-istudent ikun kiseb matul il-lezzjonijiet.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
MCAST Foundation Certificate or 2 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes	1 Year Full-time	3
Career Opportunities	**Course Code**	**ECVET**
	AG3-01-21	60 Credits

Career Opportunities

Animal groomer assistant · Pet shop assistant · Animal care assistant

Diploma in Horticulture

This programme of study consists of four different modules: viticulture, floral design, gardening and nursery production, crop production and processing. Practical sessions and work experience form an integral part of the programme of study, providing the learners with the required skills and competences to improve employment opportunities. The course also provides a good foundation for future career prospects in the respective fields as well as for progression to a more advanced qualification. This programme also gives the learner the possibility to choose one's own combination of different modules leading to certification of an award for each individual stand-alone module that the learner has successfully completed.

Dan il-programm ta' studju jikkonsisti f'erba' unitajiet differenti: il-vitikultura, id-disinn tal-fjuri, il-ġardinaġġ u t-tkabbir tal-pjanti, il-produzzjoni u l-ipproċessar tal-għelejjel. Sessjonijiet prattiċi u esperjenza ta' xogħol jiffurmaw parti integrali mill-programm ta' studju u jipprovdu lill-istudenti l-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa biex itejbu l-opportunitajiet tagħhom li jsibu impjieg. Il-kors jipprovdi wkoll bażi tajba għal prospetti ta' karriera fl-oqsma rispettivi fil-futur, jew biex l-istudent ikompli jistudja f'livell aktar avvanzat. Dan il-programm jagħti lill-istudent il-possibiltà li jagħżel huwa stess il-kombinazzjoni ta' unitajiet differenti, li jwasslu biex l-istudent jikseb ċertifikat ta' għotja għal kull unità li jtemm b'suċċess.

Entry Requirements

MCAST Foundation Certificate
or
2 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes

Career Opportunities

Plant nursery assistant · Horticulture farm/greenhouse aide · Florist assistant · Viticulture attendant

Course Duration

1 Year Full-time

Course Code

AG3-01-21

MQF Level

3

ECVET

60 Credits

Diploma in Fish Husbandry

This programme of study introduces the learner to the basics of fish husbandry and provides the knowledge and skills required by the learner for eventual employment in related industries such as the fish farming and aquatics industries. Being the only course in Malta that is solely dedicated to fish husbandry, this programme offers an excellent opportunity for employment in this industry, which has now become an important economic sector in the Maltese Islands. The learner will develop the knowledge and practical skills needed, provided that one attends all the practical sessions which are vital to enhance the theoretical knowledge gained during lectures.

Dan il-programm ta' studju jintroduċi lill-istudent għall-aspetti bażiċi tat-trobbija tal-ħut u jipprovdi l-għarfien u l-ħiliet meħtieġa biex eventwalment isib impjieg f'industriji relatati, bħal dawk tat-trobbija tal-ħut u tal-akkwatika. Billi huwa l-uniku kors f'Malta ddedikat biss għat-trobbija tal-ħut, dan il-programm joffri opportunità eċċellenti għal impjieg f'din l-industrija, li issa saret settur ekonomiku importanti fil-Gżejjer Maltin. L-istudent jiżviluppa l-għarfien u l-ħiliet prattiċi meħtieġa, basta jattendi s-sessjonijiet prattiċi kollha li huma vitali biex jissaħħaħ l-għarfien teoretiku miksub waqt il-lezzjonijiet.

Entry Requirements

MCAST Foundation Certificate
or
2 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes

Career Opportunities

Fish farm assistant · Aquarium shop assistant

Course Duration

1 Year Full-time

Course Code

AG3-02-21

MQF Level

3

ECVET

60 Credits

Advanced Diploma in Animal Management and Veterinary Nursing

This course of study provides learners with a broad knowledge of the animal management and animal care industry. It delves into various topics related to a wide range of companion and livestock animals. The programme of study offers a wide perspective on the latest practices in the animal management, husbandry and care sectors as well as their interconnectivity with entrepreneurship and the related business sector. Learners will be encouraged to relate theory to practice at all stages through assignments, projects, practical work and work placements. Scheduled practical livestock husbandry duties form an integral part of the curriculum.

Dan il-kors ta' studju jipprovdi lill-istudenti għarfien wiesa' fir-rigward tal-industrija tal-ġestjoni u l-kura tal-annimali. Jidħol fid-dettall dwar suġġetti relatati ma' firxa wiesgħa ta' annimali domestiċi u dawk li jitrabbew fl-irziezet. Il-programm ta' studju joffri perspettiva wiesgħa dwar il-prattiċi l-aktar riċenti fis-setturi tal-ġestjoni, it-trobbija u l-kura tal-annimali, kif ukoll ir-rabta tagħhom mal-intraprenditorija u s-settur kummerċjali relatat. L-istudenti jiġu mħeġġa jorbtu t-teorija mal-prattika fl-istadji kollha tal-kors permezz ta' assignments, proġetti, ħidma prattika u esperjenzi ta' xogħol. Id-dmirijiet skedati tat-trobbija prattika tal-bhejjem jiffurmaw parti integrali mill-kurrikulu.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
MCAST Diploma in Fish Husbandry or	2 Years Full-time	4
MCAST Diploma in Animal Care or	**Course Code**	**ECVET**
MCAST Diploma in Horticulture or	AG4-01-21	120 Credits
MCAST Diploma in Applied Science or	**Mode**	
4 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes	Includes Work Placement	

Career Opportunities

Listed Veterinary Nurse · Veterinary Auxiliary · Farm operator · Animal sanctuary warden

---

Advanced Diploma in Horticulture

This programme of study provides learners with an understanding of the horticultural industry including crop management of a wide range of crops, an introduction to garden design, floristry, pest and nutrient management, and studies in rural development and agricultural policies. The programme of study offers a wide perspective on the latest technologies used in the agricultural sector as well as its interconnectivity with entrepreneurship and business and the hospitality sector in relation to garden design and agri- and ecotourism. Learners will be encouraged to relate theory to practice at all stages of learning through assignments, projects and practical work. Scheduled practical crop husbandry duties form an integral part of the curriculum.

Dan il-programm ta' studju jipprovdi lill-istudenti fehim dwar l-industrija tal-ortikultura, inkluż il-ġestjoni ta' firxa wiesgħa ta' għelejjel, id-disinn tal-ġonna (introduzzjoni), il-produzzjoni u l-bejgħ tal-fjuri, il-ġestjoni tal-pesti u tan-nutrizzjoni, u studji dwar il-politika dwar l-iżvilupp rurali u l-agrikoltura. Il-programm ta' studju joffri perspettiva wiesgħa dwar it-teknoloġiji l-aktar riċenti użati fis-settur agrikolu, kif ukoll ir-rabta tiegħu mal-intraprenditorija u s-setturi kummerċjali tal-ospitalità fir-rigward tad-disinn tal-ġonna, l-agrituriżmu u l-ekoturiżmu. L-istudenti jiġu mħeġġa jorbtu t-teorija mal-prattika fl-istadji kollha tal-kors permezz ta' assignments, proġetti, u ħidma prattika. Dmirijiet skedati fil-kura prattika tal-għelejjel jiffurmaw parti integrali mill-kurrikulu.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
MCAST Diploma in Fish Husbandry or	2 Years Full-time	4
MCAST Diploma in Animal Care or	**Course Code**	**ECVET**
MCAST Diploma in Horticulture or	AG4-03-21	120 Credits
MCAST Diploma in Applied Science or	**Mode**	
4 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes	Includes Work Placement	

Career Opportunities

Horticulture assistant inspector · Garden design assistant · Vegetable/fruit grower · Rural development operator

Advanced Diploma in Fish Management

This programme of study offers learners a wide perspective of different aspects of fish management and will provide them with a broad knowledge and aptitude related to the fish husbandry sector and industry. Learners will acquire knowledge, skills and competences in both the farmed and ornamental fish husbandry industries. This programme of study also exposes learners to key concepts related to wild stock fisheries management. The programme will give an opportunity to learners to gain experience while learning new skills. They are constantly encouraged to relate theory to practice at all stages through assignments, projects, practical work and work placements. Scheduled fish husbandry duties form an integral part of the curriculum.

Dan il-programm ta' studju joffri lill-istudenti perspettiva wiesgħa ta' aspetti differenti tal-ġestjoni tal-ħut u jipprovdilhom għarfien u kapaċitajiet mifruxa relatati mas-settur u l-industrija tat-trobbija tal-ħut. L-istudenti jakkwistaw l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa fl-industriji tat-trobbija tal-ħut, ċioè kemm f'dik tal-fish farms kif ukoll f'dik ornamentali. Dan il-programm ta' studju jesponi wkoll lill-istudenti għal kunċetti ewlenin relatati mal-ġestjoni tas-sajd tal-ħut selvaġġ. Il-programm jagħti opportunità lill-istudenti biex jiksbu esperjenza filwaqt li jitgħallmu ħiliet ġodda. Huma jiġu kontinwament imħeġġa li jorbtu t-teorija mal-prattika fl-istadji kollha tal-kors, permezz ta' assignments, proġetti, ħidma prattika u esperjenzi ta' xogħol. Dmirijiet skedati tat-trobbija prattika tal-ħut jiffurmaw parti integrali mill-kurrikulu.

Entry Requirements

MCAST Diploma in Fish Husbandry
or
MCAST Diploma in Animal Care
or
MCAST Diploma in Horticulture
or
MCAST Diploma in Applied Science
or
4 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes

Career Opportunities

Fish farm attendant · Aquaculture/Aquatic technician · Hatchery assistant · Aquarium maintenance technician

Course Duration

2 Years Full-time

Course Code

AG4-02-21

Mode

Includes Work Placement

MQF Level

4

ECVET

120 Credits

Bachelor of Science (Honours) in Animal Management and Veterinary Nursing

This Bachelor's degree aims at providing learners with the opportunity to specialise in the veterinary nursing profession. The students will have the opportunity to study various aspects of veterinary nursing of various animals whilst practising clinical skills throughout the duration of the course. The course will also tackle subjects related to livestock production, wildlife sciences and the business components of animal enterprises. Furthermore, learners will undertake a research project whereby they will be expected to select a topic for investigation following an established methodology.

Dan il-kors, li jwassal għal baċellerat, għandu l-għan li jipprovdi lill-istudenti l-opportunità li jispeċjalizzaw fil-professjoni ta' infirmier/a veterinarju/a. L-istudenti jkollhom l-opportunità li jistudjaw aspetti varji sabiex ikunu kapaċi jassistu fil-kura lil annimali differenti filwaqt li jipprattikaw dawn il-ħiliet kliniċi matul il-kors kollu. Dan il-kors jittratta wkoll suġġetti differenti li għandhom x'jaqsmu mat-trobbija tal-annimali tal-irziezet, xjenzi relatati mal-fawna selvaġġa u aspetti kummerċjali ta' intrapriżi relatati mal-annimali. L-istudenti jwettqu wkoll proġett ta' riċerka li għalih ikunu mistennija jagħżlu suġġett biex jinvestigawh billi jsegwu metodoloġija stabbilita.

Entry Requirements

MCAST Advanced Diploma in Animal Management and Veterinary Nursing
or
MCAST Advanced Diploma in Fish Management
or
MCAST Advanced Diploma in Horticulture
or
2 A-Level passes and 2 I-Level passes

Career Opportunities

Registered veterinary nurse · Veterinary technician, farm manager · Nutritional adviser

Course Duration

3 Years Full-time

Course Code

AG6-01-21

Mode

Internship

MQF Level

6

ECTS

180 Credits

Bachelor of Science (Honours) in Horticulture

This programme gives learners skills in the latest horticultural practices with the use of modern technology. Learners will have the opportunity to study and practise different aspects related to their main area of study, with the aim of seeking employment at management level in private enterprise, in research and development and/or in regulatory services both locally and internationally. This programme offers the required knowledge and competences related to Sustainable Land Use, Integrated Pest Management, Plant Nutrition and Fertilisation, Agricultural Technology, Rural Development and Garden Design/Landscaping. During this course students need to undertake a research project whereby a topic is chosen and subsequently investigated, researched, a methodology formulated and data collected, analysed and discussed.

Dan il-programm jagħti lill-istudenti ħiliet fil-prattiċi ortikulturali l-aktar riċenti bl-użu ta' teknoloġija moderna. L-istudenti jkollhom l-opportunità li jistudjaw u jipprattikaw aspetti differenti relatati mal-qasam prinċipali tal-istudju tagħhom, bil-għan li jsibu impjieg fil-livell maniġerjali fl-intrapriża privata, fir-riċerka u l-iżvilupp u/jew fis-servizzi regolatorji, kemm lokalment kif ukoll barra mill-pajjiż. Dan il-programm joffri l-għarfien u l-kompetenzi meħtieġa relatati mal-Użu Sostenibbli tal-Art, il-Ġestjoni Integrata tal-Pesti, in-Nutrizzjoni u l-Fertilizzazzjoni tal-Pjanti, it-Teknoloġija Agrikola, l-Iżvilupp Rurali u d-Disinn tal-Ġonna/il-Pajsaġġ. Matul dan il-kors l-istudenti jkunu meħtieġa li jaħdmu fuq proġett ta' riċerka fejn jagħżlu suġġett sabiex jinvestigawh, jagħmlu riċerka fuqu, jifformulaw metodoloġija, jiġbru d-data, janalizzawha u jiddiskutuha.

Entry Requirements

MCAST Advanced Diploma in Fish Management
or
MCAST Advanced Diploma in Animal Management and Veterinary Nursing
or
MCAST Advanced Diploma in Horticulture
or
2 A-Level passes and 2 I-Level passes

Course Duration

3 Years Full-time

Course Code

AG6-02-21

Mode

Internship

MQF Level

6

ECTS

180 Credits

Career Opportunities

Farm advisory services provider · Farm inspector · Farm manager · Professional landscaper · Garden designer · EU/National regulatory control manager

Bachelor of Science (Honours) in Fish Management

This programme of study provides learners with a very thorough understanding of aquaculture and fisheries sciences and includes a wide range of aspects that will give them a better understanding of these sectors which are so important to the economy of the Maltese Islands. The study units revolve around the aquaculture and fisheries sciences and relate to the production and management of aquaculture facilities, giving a better understanding of the highly complex field of fisheries. This programme of study is intended for those who want to delve deeper into the fish management sciences and who want to start a career in this sector.

Dan il-programm ta' studju jipprovdi lill-istudenti għarfien dettaljat tax-xjenzi tal-akkwakultura u s-sajd u jinkludi firxa wiesgħa ta' aspetti li jgħinuhom jifhmu aħjar dawn is-setturi li huma tant importanti għall-ekonomija tal-Gżejjer Maltin. L-unitajiet ta' studju jduru madwar ix-xjenzi tal-akkwakultura u s-sajd u jirrigwardaw il-produzzjoni u l-ġestjoni ta' faċilitajiet tal-akkwakultura, biex l-istudenti jkunu jistgħu jifhmu aħjar il-qasam ferm kumpless tas-sajd. Dan il-programm ta' studju huwa maħsub għal dawk li jixtiequ jidħlu aktar fil-fond fix-xjenzi tal-ġestjoni tas-sajd u li għaldaqstant jixtiequ jibdew karriera f'dan is-settur.

Entry Requirements

MCAST Advanced Diploma in Animal Management and Veterinary Nursing
or
MCAST Advanced Diploma in Fish Management
or
MCAST Advanced Diploma in Horticulture
or
2 A-Level passes and 2 I-Level passes

Course Duration

3 Years Full-time

Course Code

AG6-03-21

Mode

Internship

MQF Level

6

ECTS

180 Credits

Career Opportunities

Fisheries inspector · Fish farm manager · Aquarist · Fish enterprise manager · EU/National regulatory control manager

Institute of Business Management and Commerce

Courses

" I joined the Institute of Business; Management and Commerce, graduating with a degree in Business Enterprise.

My journey towards graduation was not easy, but the way the course was designed and the encouragement I received from my lecturers was outstanding. Thanks to the effort put in collectively by myself and the Institute's team, I am now employed as a Sales Manager.

MCAST certainly gives you a jump-start to a successful career! "

– Justin Micallef (Institute of Business Management and Commerce)

Introductory Certificate in Business

This programme is aimed at learners who would like to explore the world of studying business related subjects. During the programme, learners will be exposed to the basics of business concepts including organisational structures and different business areas. The course will also provide learners with skills related to subjects such as English, Mathematics and Maltese as well as other key skills units which will help them in their progression towards further studies.

Dan il-programm huwa mmirat għal studenti li jixtiequ jesploraw id-dinja tal-istudju ta' suġġetti relatati man-negozju. Matul il-programm, l-istudenti se jiltaqgħu mal-kunċetti bażiċi tan-negozju, inklużi strutturi organizzattivi u oqsma differenti tan-negozju. Il-kors se jipprovdi wkoll lill-istudenti l-ħiliet relatati ma' suġġetti bħall-Ingliż, il-Matematika u l-Malti, kif ukoll unitajiet ta' ħiliet ewlenin oħra li jgħinuhom jimxu 'l quddiem biex ikunu jistgħu jkomplu jistudjaw.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
Finished Compulsory Education Initial Assessment Tests and/or Interview (as may be applicable)	1 Year Full-time	1
	Course Code	**ECVET**
	BC1-01-21	40 Credits

Foundation Certificate in Business

This programme provides learners with an introduction to business related topics such as Basic Bookkeeping and Financial Literacy, Human Resources, Sales and Business Concepts. These different topics are introduced at a basic level through a variety of teaching methods as well as assessment techniques with the aim of catering for different learning styles.

Dan il-programm jintroduċi lill-istudenti għal suġġetti relatati man-negozju, bħall-Bookkeeping bażiku u l-Litteriżmu Finanzjarju (l-abbiltà li wieħed jifhem u juża ċerti ħiliet marbuta mal-finanzi), ir-Riżorsi Umani, il-Bejgħ u Kunċetti tan-Negozju. Dawn is-suġġetti differenti huma introdotti f'livell bażiku permezz ta' varjetà ta' metodi ta' tagħlim u modi ta' valutazzjoni differenti bil-għan li dawn jolqtu stili differenti ta' kif wieħed jitgħallem.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
MCAST Introductory Certificate or Finished Compulsory Education Initial Assessment Tests (as may be applicable)	1 Year Full-time	2
	Course Code	**ECVET**
	BC2-01-21	60 Credits

Diploma in Business

This programme is aimed at preparing learners to further their studies in different areas of business. It is a preparatory course for those wishing to further their studies at MCAST on to MQF Level 4. The course aims to allow learners to improve in the areas of written and spoken English and Maltese as well as in their Mathematical and IT skills. The course however also goes into more detail, while starting from the very basics of different business areas and functions such as Accounts, Human Resources, Marketing, Purchasing, and others. This generic background allows the students to bring their academic level up to scratch, while acquiring enough knowledge about the different business areas to be able to progress onto further studies.

Dan il-programm huwa mmirat lejn it-tħejjija ta' studenti biex ikomplu l-istudji tagħhom f'oqsma differenti tan-negozju. Huwa kors preparatorju biex wieħed ikompli l-istudji tiegħu fl-MCAST sal-Livell 4 tal-MQF. Il-kors għandu l-għan li jgħin lill-istudenti jtejbu l-ħiliet tagħhom fl-oqsma tal-kitba u t-taħdit bl-Ingliż u bil-Malti, kif ukoll il-ħiliet tagħhom fil-Matematika u l-IT. Madankollu, il-kors jidħol ukoll f'ħafna aktar dettall, filwaqt li jibda mill-kunċetti verament bażiċi ta' oqsma u funzjonijiet differenti tan-negozju bħall-Accounts, ir-Riżorsi Umani, il-Marketing, ix-Xiri u oħrajn. Dan l-isfond ġeneriku jippermetti lill-istudenti jtejbu l-livell akkademiku tagħhom sa standard aċċettabbli, filwaqt li jiksbu biżżejjed għarfien dwar l-oqsma differenti tan-negozju sabiex ikunu jistgħu jkomplu jistudjaw f'livell aktar avvanzat.

Entry Requirements	**Course Duration**	**MQF Level**
MCAST Foundation Certificate or 2 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes	1 Year Full-time	3
Career Opportunities	**Course Code**	**ECVET**
Clerical assistant · Shop cashier	BC3-01-21	60 Credits

Advanced Diploma in Business Administration

This programme will allow learners to study the different areas of business administration. It is aimed either at students who aspire to one day open up their own business or follow in their family business, or else to work in the administration of a company at a junior level. This generic course offers a good basis into the main areas of business administration including office administration, accounts, marketing, recruitment, and health and safety among others. The course, which is assessed through a variety of scenario related assessments, also sees learners go out on Apprenticeship where a holistic hands-on and practical approach is adopted.

Dan il-programm jippermetti lill-istudenti jistudjaw l-oqsma differenti tal-amministrazzjoni tan-negozju. Il-kors huwa mmirat lejn studenti li jaspiraw li xi darba jiftħu n-negozju tagħhom jew li jkomplu jmexxu n-negozju tal-familja tagħhom, jew inkella jixtiequ li jaħdmu fl-amministrazzjoni ta' kumpanija mhux f'livell għoli. Dan il-kors ġeneriku joffri bażi tajba fl-oqsma ewlenin tal-amministrazzjoni tan-negozju, inklużi l-amministrazzjoni tal-uffiċċju, l-accounts, il-marketing, ir-reklutaġġ, u s-saħħa u s-sigurtà, fost l-oħrajn. Il-kors, li huwa vvalutat permezz ta' varjetà ta' metodi ta' valutazzjoni relatati max-xenarju, jipprovdi wkoll Apprendistat għall-istudenti biex hekk jiksbu esperjenza prattika.

Entry Requirements	**Course Duration**	**MQF Level**
MCAST Diploma in Business or MCAST Diploma in Foundation Studies for Security, Enforcement and Protection or 4 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes	2 Years Full-time	4
	Course Code	**ECVET**
Applicants with a good working knowledge of English Language will benefit better from a positive learning experience throughout the course.	BC4-A1-21	120 Credits
	Mode	
	Apprenticeship	

Career Opportunities

Clerk · Administrative assistant · Human resource assistant · Front office coordinator · Purchasing officer · Field research officer · Supply chain / logistics officer

Advanced Diploma in Finance and Insurance

This course is aimed at people who would like to venture in one of the many careers related to Financial Services. The first year of studies introduces learners to generic areas of financial services including the world of insurance. In the second year of studies, learners will then choose an area of specialisation. Specialisation can be either in financial services or else in insurance. This approach ensures that any learner following this course is exposed to different areas of the financial services world, thus giving them better flexibility in career prospects. Learners choosing the main area of expertise will be very strong in the specific area chosen, while having a good understanding of the other area.

Dan il-kors huwa mmirat għal studenti prospettivi li qegħdin jaspiraw għal karriera fid-dinja tas-Servizzi Finanzjarji. L-ewwel sena tal-kors hija maħsuba biex tintroduċi lill-istudenti għas-setturi differenti tal-industrija tas-servizzi finanzjarji, inkluż l-assigurazzjoni. Fit-tieni sena tal-kors, l-istudenti jagħżlu li jispeċjalizzaw jew fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u bankarji jew inkella fl-istudji tal-assigurazzjoni. B'dan il-mod, fl-ewwel sena l-istudenti jieħdu bażi soda tal-aspetti u l-oqsma kollha tas-servizzi finanzjarji u għaldaqstant ikollhom aktar flessibbiltà mil-lat ta' impjiegi. Permezz tal-għażla ta' speċjalizzazzjoni fit-tieni sena, l-istudenti jieħdu għarfien aktar fil-fond fis-settur tal-għażla tagħhom filwaqt li jkollhom għarfien adegwat fis-setturi l-oħra.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
MCAST Diploma in Business or 4 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes Compulsory: English Language and Mathematics	2 Years Full-time	4
	Course Code	**ECVET**
	BC4-A2-21	120 Credits
Career Opportunities	**Mode**	
Within the insurance industry: Account handler · Claims handler · Insurance claims surveyor · Insurance clerk	Apprenticeship	
Within the financial services industry: Bank cashier · Clerical and other Officer roles within banks and other financial services institutions		

Advanced Diploma in Accounting

This programme aims to give learners a very good grounding in the studying of Accounts. Study areas range from aspects of financial management accounting to the use of accounting software and more generic areas of key skills. The course includes hands-on experience through Apprenticeship where students will learn by doing and gain experience first-hand on the application of the theory. Students who finish the course will have sufficient accounting knowledge and skills to commence employment in an accountancy field, or to enable them to further their studies to obtain qualifications from recognised chartered accountancy bodies.

Dan il-programm għandu l-għan li jipprovdi lill-istudenti bażi tajba ħafna fl-istudju tal-Accounts. L-oqsma tal-istudju jvarjaw minn aspetti ta' financial management accounting għall-użu ta' softwer li huwa speċifiku għall-accounting u oqsma ta' ħiliet ewlenin aktar ġeneriċi. Il-kors jinkludi esperjenza prattika bis-saħħa ta' Apprendistat li matulu l-istudenti jitgħallmu billi jagħmlu b'idejhom u jakkwistaw esperjenza prattika fl-applikazzjoni tat-teorija. Studenti li jtemmu l-kors ikollhom biżżejjed għarfien u ħiliet biex jaqbdu jaħdmu fil-qasam tal-accountancy, jew biex ikomplu jistudjaw biex jiksbu kwalifiki minn korpi rikonoxxuti ta' chartered accountancy.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
MCAST Diploma in Business or 4 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes Compulsory: English Language and Mathematics	2 Years Full-time	4
	Course Code	**ECVET**
	BC4-A3-21	120 Credits
Career Opportunities	**Mode**	
Accounts clerk · Accounts administrator · Audit assistant · Credit management officer	Apprenticeship	

Advanced Diploma in Marketing

This programme is aimed at giving learners the knowledge and know-how of the main areas related to the different areas of marketing. They will go into the areas of Digital Marketing, Sales, Advertising, Public Relations and Customer Care in some detail. The insight in these different areas provides the student with the ability to work in different areas of marketing. The learner will also have the opportunity to apply the theory learned in class in practice through the Apprenticeship placement.

Dan il-programm għandu l-għan li jipprovdi lill-istudenti l-għarfien u l-kompetenza fir-rigward tal-aspetti ewlenin relatati mal-oqsma differenti tal-marketing. L-istudenti se jidħlu f'ċertu dettall fl-oqsma tal-Marketing Diġitali, il-Bejgħ, ir-Reklamar, ir-Relazzjonijiet Pubbliċi u l-Assistenza tal-Klijenti. L-għarfien f'dawn l-oqsma differenti jwassal biex l-istudent ikun kapaċi jaħdem f'oqsma differenti tal-marketing. L-istudent ikollu wkoll l-opportunità li, waqt l-Apprendistat, japplika t-teorija li jkun tgħallem fil-klassi.

Entry Requirements

MCAST Diploma in Business
or
4 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes
Compulsory: English Language

Career Opportunities

Brand/sales executive · Customer care coordinator · Digital marketing assistant/executive · Media officer · Social media coordinator · Public relations officer · Sales representative · Selling and sales coordinator

Course Duration

2 Years Full-time

Course Code

BC4-A5-21

Mode

Apprenticeship

MQF Level

4

ECVET

120 Credits

Advanced Diploma in Administrative and Secretarial Studies

This programme is designed to enable learners to understand the key areas of administration, administrative services, office equipment and supplies, routine procedures, standards and the work environment. It is also designed to provide learners with the possibility of opting to delve deeper into one of two specific areas, namely Medical Secretaries and Legal Secretaries, as well as the application of Italian and French within a business related usage. The programme of studies has a very high level of hands-on experience through Apprenticeship, where learners will not only be learning by doing, but will also experience first-hand the application of the theory they would be learning in class.

Dan il-programm huwa mfassal biex jgħin lill-istudenti jifhmu l-oqsma ewlenin tal-amministrazzjoni, is-servizzi amministrattivi, it-tagħmir u l-provvisti tal-amministrazzjoni, il-proċeduri ta' rutina, l-istandards u l-ambjent tax-xogħol. Huwa mfassal ukoll biex jipprovdi lill-istudenti l-possibbiltà li jagħżlu li jidħlu aktar fil-fond f'wieħed minn żewg oqsma speċifiċi, jiġifieri Segretarji Mediċi u Segretarji Legali, kif ukoll l-applikazzjoni tat-Taljan u l-Franċiż f'kuntest relatat man-negozju. Il-programm ta' studji għandu livell għoli ta' esperjenza prattika permezz tal-Apprendistat, fejn l-istudenti mhux biss jitgħallmu permezz tal-prattika, iżda anke jesperjenzaw l-applikazzjoni diretta tat-teorija li jkunu qed jitgħallmu fil-klassi.

Entry Requirements

MCAST Diploma in Business
or
4 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes
Compulsory: Maltese and English Language
Students opting for the Medical Stream need to be in possession of a:
MCAST Diploma in Health and Social Care with at least 4 units at Grade B or better
or
4 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes
Compulsory: Maltese and English Language and One subject from Chemistry, Physics, Biology
Preferred: Mathematics

Career Opportunities

Secretary · Office administrator · Clerk · Personal assistant

Course Duration

2 Years Full-time

Course Code

BC4-A6-21

Mode

Apprenticeship

MQF Level

4

ECVET

120 Credits

"

Jien kont student fl-Istitut tal-Maniġment, tan-Negozju u Kummerċ tal-MCAST, u ggradwajt b'baċellerat fil-Business Enterprise.

It-triq li wasslitni biex niggradwa ma kinitx ħafifa, imma l-mod kif kien imfassal il-kors u l-inkoraġġiment li dejjem sibt mill-għalliema tiegħi kienu eċċellenti. Grazzi għall-isforz kollettiv li għamilna jien u t-tim tal-Istitut, issa qed naħdem bħala Sales Manager.

Verament l-MCAST jagħtik imbuttatura tajba biex taqbad karriera ta' success!

"

– Justin Micallef (Istitut tan-Negozju, il-Maniġment u l-Kummerċ)

Advanced Diploma in Retail

Learners will be exposed to the different aspects and career opportunities related to retail including front line, logistics, purchasing, retail operations and visual merchandising as an example. The retail industry in Malta is one of the largest industries and offers career opportunities with both local as well as international chains. Learners will be covering all aspects of the retail environment including Stock Presentation, Customer Care, Buying, Visual Merchandising and Consumer Behaviour. Throughout this course, which is on Apprenticeship, learners will be studying on a dual system whereby they will have days at school and days out working in industry.

F'dan il-kors, l-istudenti ħa jkunu esposti għal aspetti differenti u opportunitajiet ta' karrieri relatati mal-industrija tal-bejgħ għall-konsumatur. Bħala eżempju, dawn jinkludu l-ewwel kuntatt, il-loġistika, ix-xiri, l-operat u l-kummerċjalizzazzjoni vizwali. Is-settur tal-bejgħ f'Malta huwa wieħed mill-ikbar industriji u joffri opportunitajiet ta' xogħol ma' ażjendi lokali jew internazzjonali. L-istudenti ħa jkunu qed jistudjaw l-aspetti kollha li jinkludu l-Preżentazzjoni tal-Istokk, l-Assistenza ta' Klijenti, ix-Xiri, il-Kummerċjalizzazzjoni Viżiva u l-Imġiba tal-Konsumaturi. Matul dan il-kors, li qed jigi offrut fuq bażi ta' Apprendistat, l-istudenti ħa jistudjaw b'sistema 'dual' fejn iqattgħu ġranet l-iskola u oħrajn fuq il-post tax-xogħol.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
Any MCAST MQF Level 3 Diploma or 4 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes Applicants with a good working knowledge of the English Language will benefit better from a positive learning experience throughout the course.	2 Years Full-time	4
	Course Code	**ECVET**
	BC4-A7-21	120 Credits
	Mode	
	Apprenticeship	

Career Opportunities

Shop supervisor · Visual merchandiser

Bachelor of Arts (Honours) in Business Enterprise

This degree provides specialist content which is constantly applied to real life business and management scenarios. Learners will be prepared to become proficient in a number of areas as the course allows the students to develop appropriate analytical, critical and research skills in a range of business related areas ranging from Human Resources to Operations Management, and from Purchasing to Project Management and Marketing Management. These are only some of the areas that students will cover during their studies. This 360 degree approach gives the learners maximum flexibility in the workplace as graduates will be able to deal with a wide range of responsibilities.

Dan il-baċellerat jipprovdi lill-istudenti kontenut speċjalizzat li huwa applikat b'mod kostanti f'xenarji tan-negozju u tal-maniġment fil-ħajja reali. L-istudenti jitħejjew biex isiru profiċjenti f'għadd ta' oqsma, billi l-kors jippermetti lill-istudenti jiżviluppaw ħiliet analitiċi, kritiċi u ta' riċerka f'firxa ta' oqsma relatati man-negozju, li jvarjaw mir-Riżorsi Umani sal-ċestjoini tal-Operati, u mix-Xiri sal-Immaniġġjar ta' Proġetti u l-Immaniġġjar tal-Marketing. Dawn huma biss xi wħud mill-oqsma li l-istudenti se jkopru waqt l-istudji tagħhom. Dan l-approċċ komprensiv jagħti lill-istudenti flessibbiltà massima fuq il-post tax-xogħol, billi l-gradwati jkunu jistgħu jidħlu għal firxa wiesgħa ta' responsabbiltajiet.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
MCAST Advanced Diploma in Marketing or MCAST Advanced Diploma in Administrative and Secretarial Studies or MCAST Advanced Diploma in Finance and Insurance or MCAST Advanced Diploma in Financial Services or MCAST Advanced Diploma in Insurance or MCAST Advanced Diploma in Business Administration or MCAST Advanced Diploma in Aviation Operations or MCAST Advanced Diploma in Transportation and Logistics Management or 2 A-Level passes and 2 I-Level passes Compulsory A-Level: Accounts or Marketing or Economics	3 Years Full-time	6
	Course Code	**ECTS**
	BC6-01-21	180 Credits
	Mode	
	Includes Internship	

Career Opportunities

Business development manager · Human resources manager · Operations manager · Project manager · Research manager · Business analyst

Bachelor of Arts (Honours) in Procurement and Finance

This three-year bachelor degree intends to provide learners with a strong basis of procurement processes and supporting aspects. By applying theory to both public procurement procedures as well as those adopted within the private sector, this degree will expose learners to the various aspects of Procurement Management. This is coupled with a detailed understanding of the finance function, which in itself provides the students with the capability to carry out work more effectively. Management studies are also incorporated in the programme of studies, in a way as to provide the students with a launch pad into the heart of effective operations coordination in this dynamic area.

Dan il-kors ta' tliet snin li jwassal għal baċellerat huwa maħsub biex jipprovdi lill-istudenti bażi b'saħħitha dwar il-proċessi ta' akkwist u aspetti relatati. Filwaqt li tiġi applikata t-teorija kemm għall-proċeduri ta' akkwist pubbliku, kif ukoll għal dawk adottati fis-settur privat, din id-degree tesponi lill-istudenti għad-diversi aspetti tal-Immaniġġjar tal-Akkwisti. Dan isir flimkien ma' fehim dettaljat tal-funzjoni tal-finanzi, li fiha nnifisha twassal lill-istudenti sabiex ikunu kapaċi jwettqu x-xogħol b'mod aktar effettiv. L-istudji tal-Maniġment huma inkorporati wkoll fil-programm ta' studji, b'tali mod li jipprovdu lill-istudenti b'mezz biex jidħlu direttament fil-qalba tal-koordinazzjoni effettiva tal-operat f'dan il-qasam dinamiku.

Entry Requirements

MCAST Advanced Diploma in Business Administration
or
MCAST Advanced Diploma in Accounting
or
2 A-Level passes and 2 I-Level passes
Compulsory A-Level: Accounts or Marketing or Economics

Career Opportunities

Procurement manager · Supply chain manager · Logistics manager · Purchasing and inventory coordinator

Course Duration

3 Years Full-time

Course Code

BC6-03-21

Mode

Includes Internship

MQF Level

6

ECTS

180 Credits

Bachelor of Science (Honours) in Financial Services Management

Targeting one of Malta's strongest economic sectors, this degree in Financial Services offers learners the opportunity to get a detailed insight into the various aspects of financial services, an industry which offers a range of career opportunities ranging from Risk Management to Fund Administration and Wealth Management. Apart from the more technical aspects related to financial services, learners will also gain the required analytical, critical and research skills that are required to work in such a high profile and demanding industry. Learners graduating from this degree find themselves in a very strong position in terms of employment as they are well geared to work in different sectors within this industry.

Filwaqt li għandha fil-mira tagħha wieħed mis-setturi ekonomiċi l-aktar b'saħħithom f'Malta, din id-degree fis-Servizzi Finanzjarji toffri lill-istudenti l-opportunità li jiksbu għarfien dettaljat tad-diversi aspetti tas-servizzi finanzjarji, industrija li toffri firxa ta' opportunitajiet ta' karriera li jvarjaw mill-Ġestjoni tar-Riskju sal-Amministrazzjoni tal-Fondi u l-Immaniġġjar tal-Ġid. Minbarra l-aspetti aktar tekniċi relatati mas-servizzi finanzjarji, l-istudenti jiksbu wkoll il-ħiliet analitiċi, kritiċi u ta' riċerka meħtieġa biex jaħdmu f'industrija ta' profil għoli u eżiġenti bħal din. L-istudenti li jiggradwaw minn dan il-kors isibu ruħhom f'pożizzjoni b'saħħitha ħafna fir-rigward ta' impjieg, billi jkunu kisbu l-ħiliet biex jaħdmu f'setturi differenti f'din l-industrija.

Entry Requirements

MCAST Advanced Diploma in Finance and Insurance
or
MCAST Advanced Diploma in Financial Services
or
2 A-Level passes and 2 I-Level passes
Compulsory A-Levels: Accounts and Economics

Career Opportunities

Banking adviser · Compliance executive · Financial adviser · Financial Analyst · Risk management fund administrator

Course Duration

3 Years Full-time

Course Code

BC6-02-21

Mode

Includes Internship

MQF Level

6

ECTS

180 Credits

ACCA Qualification

The ACCA Qualification is a world leading accountancy qualification which prepares students to become internationally recognised Chartered Certified Accountants.
It is a rewarding and intense course with 13 examinations, three years professional experience and an ethics module. The ACCA Qualification encompasses valuable skills and knowledge which are highly sought after by employers in industry and in the financial sector. The ACCA Qualification is equivalent to degree standard (MQF Level 6) after completing the first nine papers (the Fundamentals level). After passing from the remaining four papers (the Professionals level), it is equivalent to a master's degree (MQF Level 7). Learners incur fees payable to ACCA for membership and examinations, and to MIA (Malta Institute of Accountants) for membership.

L-ACCA hija kwalifika fl-accountancy li hija meqjusa bħala kwalifika ewlenija mad-dinja kollha, u li tipprepara lill-istudenti biex isiru Chartered Certified Accountants rikonoxxuti internazzjonalment. Dan huwa kors intens imma li jagħti ħafna sodisfazzjon, u li jikkonsisti fi 13-il eżami, tliet snin esperjenza professjonali u modulu dedikat għall-etika. Il-kwalifika tal-ACCA tiġbor fiha ħiliet ta' siwi kbir u għarfien li huma mfittxija ferm minn min iħaddem fl-industrija u fis-settur finanzjarju. Kandidat li jgħaddi mill-ewwel disa' eżamijiet (il-livell Fundamentali) ikun kiseb kwalifika li hija ekwivalenti għal baċellerat (Livell 6 tal-QMK). Meta jgħaddi mill-erba' eżamijiet li jifdal (il-Livell Professjonali), huwa jitqies li jkollu kwalifika ekwivalenti għal master (Livell 7 tal-QMK). L-istudenti jkunu meħtieġa jħallsu l-miżati għas-sħubija u l-eżamijiet lill-ACCA, u l-miżata tas-sħubija lill-MIA (l-Istitut Malti tal-Accountants).

Entry Requirements

MCAST Advanced Diploma in Accounting
or
MCAST Advanced Diploma in Administrative and Secretarial Studies
or
MCAST Advanced Diploma in Business Administration
or
2 A-Level passes and 2 I-Level passes
Compulsory A-Levels or I-Level or O-Level:
Mathematics and English Language
Preferred A-Level or SEC/o-Level: Economics, Accounts

Course Duration

4 Years Full-time

Course Code

BC7-01-21

MQF Level

6/7

ECTS

202 Credits

Career Opportunities

Accountant · Financial controller · Financial analyst · Business analyst · Corporate finance specialist · Project finance accountant

Institute of Community Services

Courses

" I obtained a Bachelor of Arts (Honours) in Health and Social Care Management. During my studies, I followed three placements that exposed me to the real world through a hands-on approach. I learnt how to use my academic knowledge in practice.

I am forever thankful towards MCAST's administration. They provided me with constant support to succeed. MCAST helped me grow academically and professionally. "

– Leeann Magro (Institute of Community Services)

Introductory Certificate in Care

This programme of study is an ideal start to a career in Health and Social Care for those learners who have just finished their compulsory education with minimum certification. This one-year full-time programme does not qualify the learner to work in the sector. However, the vocational and key skills modules which make up the course specification will help the learner to progress slowly to higher levels of study. The course includes both practical and theoretical lectures which cover the basics of health and social care including basic nutrition, first aid and interpersonal communication with service-users that projects respect, integrity, dignity, and anti-discrimination.

This programme provides an opportunity to prospective learners to explore basic principles and applications related to Engineering. The course will assist learners in developing technical skills. The vocational units are designed to provide learners with tool handling techniques, which would include soldering, material cutting and shaping, and assembly of electrical, electronic and mechanical components. Learners will have the opportunity to build simple projects which will be functional and useful. They are also given the opportunity to enhance their key skills - English, Maltese, Mathematics, Science and Individual and Social Responsibility - through the vocational content. These key skills subjects are mostly embedded into each vocational area, thus promoting the practical aspect of these subjects.

Dan il-programm jipprovdi lill-istudenti prospettivi l-opportunità li jesploraw prinċipji u applikazzjonijiet bażiċi relatati mal-Inġinerija. Il-kors jgħin lill-istudenti biex jiżviluppaw ħiliet tekniċi. L-unitajiet vokazzjonali huma mfassla biex jipprovdu lill-istudenti t-teknika ta' kif wieħed għandu jżomm l-għodda biex jistanja, jaqta' u jifforma materjali, u jgħaqqad komponenti elettriċi, elettroniċi u mekkaniċi. L-istudenti jkollhom l-opportunità li jibnu proġetti sempliċi li jkunu funzjonali u utli. Huma jingħataw ukoll l-opportunità li jsaħħu l-ħiliet ewlenin tagħhom fl-Ingliż, il-Malti, il-Matematika, ix-Xjenza u r-Responsabbiltà Individwali u Soċjali, permezz tal-kontenut vokazzjonali. Dawn is-suġġetti tal-ħiliet ewlenin huma ġeneralment inkorporati f'kull qasam vokazzjonali, u għaldaqstant jippromwovu dan l-aspett prattiku ta' dawn is-suġġetti.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
Finished compulsory education Initial Assessment Tests (as may be applicable)	1 Year Full-time	1
	Course Code	**ECVET**
	MV1-01-21	40 Credits

Foundation Certificate in Engineering

This course is designed to provide an opportunity to prospective learners to follow a structured programme of study in Engineering. The programme includes a significant amount of hands-on practice, project-based learning and industry-related activities that will help learners form a clear idea of the nature of the engineering trade or vocation they intend to follow. This one-year Level 2 programme provides a broad introduction to basic theoretical concepts and practical skills in Mechanical, Electrical and Electronics Engineering and is suitable for those learners intending to start and further their studies in Engineering. Key skills subjects also form an integral part of this programme, giving learners the opportunity to nurture their competences in key areas: English, Maltese, Mathematics, Science, Information Technology and Individual and Social Responsibility.

Dan il-kors huwa mfassal biex jipprovdi lill-istudenti prospettivi l-opportunità li jsegwu programm strutturat ta' studju fl-Inġinerija. Il-programm jinkludi ammont sewwa ta' prattika diretta, tagħlim ibbażat fuq proġetti u attivitajiet relatati mal-industrija, li jgħinu lill-istudenti jiffurmaw idea ċara tan-natura tas-sengħa jew tal-vokazzjoni fil-qasam tal-Inġinerija li huma jixtiequ jaqbdu. Dan il-programm ta' sena f'Livell 2 jipprovdi introduzzjoni wiesgħa għall-kunċetti teoretiċi bażiċi u l-ħiliet prattiċi fl-Inġinerija Mekkanika, Elettrika u Elettronika, u huwa tajjeb għal dawk l-istudenti li għandhom l-intenzjoni li jibdew u jkomplu jistudjaw l-Inġinerija. Is-suġġetti ta' ħiliet ewlenin jiffurmaw ukoll parti integrali minn dan il-programm, u jagħtu lill-istudenti l-opportunità li jtejbu l-kompetenzi tagħhom fl-oqsma ewlenin: l-Ingliż, il-Malti, il-Matematika, ix-Xjenza, it-Teknoloġija tal-Informazzjoni u r-Responsabbiltà Individwali u Soċjali.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
MCAST Introductory Certificate or Finished Compulsory Education Initial Assessment Tests (as may be applicable)	1 Year Full-time	2
	Course Code	**ECVET**
	MV2-01-21	60 Credits

Diploma in Mechanical Engineering

If learners intend to embark on an engineering career specialising particularly in the mechanical sector, then this course is recommended. This MCAST programme is designed to provide basic theory and practice that can be further enhanced through work experience. Learning takes place by attending lectures in the classroom, workshops and laboratories, and by completing projects and assignments that are often based on realistic workplace situations. The course covers the basic knowledge and practical skills, providing a good foundation for future career opportunities in engineering. Learners are exposed to a deeper knowledge in related subjects such as Mathematics, Physics, Engineering Drawing and Information Technology.

Dan il-kors huwa rrakkomandat għal dawk l-istudenti li jkollhom l-intenzjoni li jibdew karriera fl-inġinerija li tispeċjalizza b'mod partikolari fis-settur mekkaniku. Dan il-programm tal-MCAST huwa mfassal biex jipprovdi t-teorija u l-prattika f'livell bażiku. Dawn jistgħu jiġu msaħħa permezz ta' esperjenza ta' xogħol. It-tagħlim iseħħ permezz ta' lezzjonijiet fil-klassi, fil-workshops u fil-laboratorji, u bit-twettiq ta' proġetti u assignments li ħafna drabi jkunu bbażati fuq sitwazzjonijiet realistiċi fuq il-post tax-xogħol. Il-kors ikopri l-għarfien u l-ħiliet prattiċi bażiċi, filwaqt li jipprovdi bażi tajba għal opportunitajiet ta' karriera fl-inġinerija fil-futur. L-istudenti huma esposti għal għarfien aktar profond f'suġġetti relatati, bħall-Matematika, il-Fiżika, l-Engineering Drawing u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni.

Entry Requirements

MCAST Introductory Certificate
or
Finished Compulsory Education
Initial Assessment Tests (as may be applicable)

Career Opportunities

Machine operator • Technical operator • Assistant technician

Course Duration

1 Year Full-time

Course Code

ME3-A3-21

Mode

Apprenticeship

MQF Level

2

ECVET

60 Credits

Advanced Diploma in Operations and Maintenance

This programme provides the necessary knowledge, understanding and skills for the future to those learners who wish to start a fulfilling career as a technician in the area of operations and maintenance engineering. Learners will have the opportunity to learn basic scientific and mathematical methods to apply in subjects such as thermodynamics and heat engines. Learners will be exposed to the different materials used in common engineering situations and their properties. This qualification not only provides access to more specialist units but it also broadens and deepens the learners' experience in preparation for the real world of work. This course includes work-related training and practice.

Dan il-programm jipprovdi l-għarfien, il-fehim u l-ħiliet neċessarji għall-futur għal dawk l-istudenti li jixtiequ jibdew karriera ta' sodisfazzjon bħala teknixin fil-qasam tal-inġinerija tal-operazzjonijiet u tal-manutenzjoni. L-istudenti jkollhom l-opportunità li jitgħallmu metodi xjentifiċi u matematiċi bażiċi, biex japplikawhom f'suġġetti bħat-termodinamika u l-magni tas-sħana. L-istudenti jkunu esposti għal materjali differenti użati f'sitwazzjonijiet komuni tal-inġinerija u l-proprjetajiet tagħhom. Din il-kwalifika mhux biss tipprovdi aċċess għal unitajiet aktar speċjalizzati, iżda wkoll twessa' u tapprofondixxi l-esperjenza tal-istudenti, bi tħejjija għad-dinja reali tax-xogħol. Dan il-kors jinkludi taħriġ u prattika relatati max-xogħol.

Entry Requirements

Any MCAST MQF Level 3 Diploma delivered by the Institute of Engineering and Transport
or
4 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes
Compulsory: One subject from Mathematics or Physics
and
Compulsory: One subject from Engineering Technology or Design and Technology or Chemistry or Mathematics or Physics

Course Duration

3 Years Full-time

Course Code

ME4-A5-21

Mode

Apprenticeship

Career Opportunities

Maintenance fitter/technician • Plant technician

MQF Level

4

ECVET

120 Credits

Advanced Diploma in Manufacturing

This programme provides the necessary knowledge, understanding and skills to those learners who wish to start an interesting career as a technician in today's highly technological area of manufacturing engineering. This qualification provides access to more specialist units and therefore broadens and deepens the experience in preparation for actual work situations. The learner will learn how to perform basic engineering operations in a safe and efficient manner, whilst safeguarding the environment. The learner will understand basic scientific and mathematical theories and how to apply these to manufacturing engineering processes such as draughting, design, problem solving, and machining. This course includes work-related training and practice. Applicants have to be able to work within the industries concerned.

Dan il-programm jipprovdi l-għarfien, il-fehim u l-ħiliet neċessarji għal studenti li jkunu jixtiequ jibdew karriera interessanti bħala teknixin fil-qasam tal-inġinerija tal-manifattura li llum huwa ta' livell teknoloġiku għoli. Din il-kwalifika tipprovdi aċċess għal unitajiet aktar speċjalizzati u għalhekk twessa' u tapprofondixxi l-esperjenza bi tħejjija għal sitwazzjonijiet attwali tax-xogħol. L-istudent jitgħallem kif iwettaq operazzjonijiet bażiċi tal-inġinerija b'mod sikur u effiċjenti, filwaqt li jissalvagwardja l-ambjent. L-istudent jifhem it-teoriji xjentifiċi u matematiċi bażiċi u kif dawn jiġu applikati għal proċessi tal-inġinerija tal-manifattura, bħad-disinn tekniku, is-soluzzjoni tal-problemi u x-xogħol fuq il-magni. Dan il-kors jinkludi taħriġ u prattika relatati max-xogħol. L-applikanti għandhom ikunu kapaċi jaħdmu fl-industriji kkonċernati.

Entry Requirements

Any MCAST MQF Level 3 Diploma delivered by the Institute of Engineering and Transport
or
4 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes
Compulsory: One subject from Mathematics or Physics
and Compulsory: One subject from Engineering Technology or Design and Technology or Chemistry or Mathematics or Physics

Course Duration

3 Years Full-time

Course Code

ME4-A8-21

Mode

Apprenticeship

MQF Level

4

ECVET

120 Credits

Career Opportunities

Machine setter · Mechanical engineering technician · Production planning officer · Mechanical engineering draughtsperson · Manufacturing line technician

Bachelor of Engineering (Honours) in Mechanical Engineering (Manufacturing)

This Mechanical Engineering degree programme provides the learners with a solid understanding of relevant engineering fundamentals and prepares them for a broad range of career options in the manufacturing field. This field is becoming increasingly more and more high tech. The programme is structured around studies which will develop in learners a firm understanding of principles and disciplines which are needed in the modelling, measuring, analysis and design of mechanical components and systems. On completing the course, graduates will be expected to demonstrate that they have assimilated the professional skills necessary for formulating and executing engineering projects. The course also provides training in teamwork and effective communication skills.

Dan il-programm li jwassal għal baċellerat fl-Inġinerija Mekkanika jipprovdi lill-istudenti fehim sod tal-elementi fundamentali tal-inġinerija rilevanti u jħejjihom għal firxa wiesgħa ta' għażliet ta' karriera fil-qasam tal-manifattura. Dan il-qasam qed isir ta' livell teknoloġiku li kulma jmur dejjem jogħla. Il-programm huwa mfassal madwar studji li jiżviluppaw fl-istudenti fehim sod tal-prinċipji u d-dixxiplini li huma meħtieġa fl-immudellar, il-kejl, l-analiżi u d-disinn ta' komponenti u sistemi mekkaniċi. Dawk li jiggradwaw minn dan il-kors huma mistennija juru li jkunu assimilaw il-ħiliet professjonali neċessarji biex jifformulaw u jwettqu proġetti tal-inġinerija. Il-kors jipprovdi wkoll taħriġ fil-ħidma f'tim u ħiliet ta' komunikazzjoni effettiva.

Entry Requirements

MCAST Advanced Diploma in Manufacturing (with an overall mark of 60% or higher)
or
MCAST Advanced Diploma in Polymer Process Technicians (with an overall mark of 60% or higher)
or
MCAST Undergraduate Diploma in Foundations of Engineering
or
2 A-Level passes and 2 I-Level passes
Compulsory A-Levels: Physics and Mathematics (Pure or Applied)
Applicants need to obtain an average Grade C across their A-Levels in Mathematics and Physics (such as Grades C, C; Grades B, D; Grades A, E)

Course Duration

4 Years Full-time

Course Code

ME6-02-21

Mode

Includes Internship

MQF Level

6

ECTS

240 Credits

Career Opportunities

Manufacturing process engineer · Engineering designer · Quality control engineer · Engineering manager · Production engineer/manager/superintendent · Engineering laboratory manager · Mechanical engineer

Bachelor of Engineering (Honours) in Mechanical Engineering (Plant)

This degree programme in Mechanical Engineering is relevant to a range of industries, since it covers the key mechanical engineering principles and subject areas for the plant engineer. The course is therefore wide-ranging and it will develop the candidates' ability to apply these principles to solve engineering problems in a variety of work environments and business concerns. The course contains study units in various areas such as Fluid Mechanics, Plant Technology, Control Principles, Control Engineering, Electrical Technology, HVAC, Vibration Analysis and Heat Engines. Additional managerial modules and modules in environmental engineering further enhance this programme so that graduates may add real value to the organisation that employs them.

Dan il-programm li jwassal għal baċellerat fl-Inġinerija Mekkanika huwa rilevanti għal firxa ta' industriji, minħabba li jkopri l-prinċipji ewlenin tal-inġinerija mekkanika u l-oqsma ta' interess għall-inġinier tal-impjanti. Għalhekk il-kors huwa wieħed komprensiv u jiżviluppa l-kapaċità tal-kandidati li japplikaw dawn il-prinċipji biex isolvu problemi tal-inġinerija f'varjetà ta' ambjenti tax-xogħol u intrapriżi. Il-kors jinkludi unitajiet ta' studju f'diversi oqsma, bħall-Mekkanika tal-Fluwidi, it-Teknoloġija tal-Impjanti, il-Prinċipji tal-Kontroll, l-Inġinerija tal-Kontroll, it-Teknoloġija Elettrika, l-HVAC, l-Analiżi tal-Vibrazzjoni u l-Magni tas-Sħana. L-unitajiet ta' studju maniġerjali addizzjonali u l-unitajiet fl-inġinerija ambjentali jkomplu jsaħħu dan il-programm, sabiex dawk li jiggradwaw minn dan il-kors ikunu jistgħu verament iżidu valur għall-organizzazzjoni li timpjegahom.

Entry Requirements

MCAST Advanced Diploma in Operations and Maintenance (with an overall mark of 60% or higher)
or
MCAST Undergraduate Diploma in Foundations of Engineering
or
2 A-Level passes and 2 I-Level passes
Compulsory A-Levels: Physics and Mathematics (Pure or Applied)
Applicants need to obtain an average Grade C across their A-Levels in Mathematics and Physics (such as Grades C, C; Grades B, D; Grades A, E)

Career Opportunities

Mechanical engineer · Engineering plant systems designer · Mechanical engineering analyst · Hotel engineer · Plant engineer

Course Duration

4 Years Full-time

Course Code

ME6-03-21

Mode

Includes Internship

MQF Level

6

ECTS

240 Credits

Diploma in Aircraft Maintenance (incorporating EASA Part-66 Category A Basic Course)

This programme is designed specifically to equip learners with the necessary theoretical understanding of aircraft maintenance and related systems and is backed by practical experience in dedicated workshops at mechanic level. The course incorporates the EASA Part-66 Category A basic course which will allow a student to sit for the licence examinations. Also, subject to authorisation by the Part-145 Organization, the licence will permit the holder to issue Certificates of Release to Service following minor scheduled works that may include line maintenance, defect rectification and component changes.

Dan il-programm huwa mfassal b'mod speċifiku biex jipprovdi lill-istudenti l-għarfien teoretiku neċessarju dwar sistemi ta' manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru u sistemi relatati oħra. Dan huwa msaħħaħ b'esperjenza prattika fil-livell ta' mekkanik f'workshops apposta. Il-kors jista' jwassal biex student jikseb il-liċenzja EASA Part-66 Category A u, bis-saħħa tagħha, jekk ikollu l-awtorizzazzjoni mill-Part-145 Organisation, huwa jkun jista' joħroġ Certificates of Release to Service wara xogħlijiet skedati żgħar li jistgħu jinkludu l-manutenzjoni tal-linja, ir-rettifikazzjoni ta' difetti u l-bdil ta' komponenti.

Entry Requirements

MCAST Foundation Certificate
or
2 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes
Compulsory: Physics

Other Entry Requirements

Applicants will be asked to attend an Interview and/or sit for an Aptitude Test in Technical Understanding and Technical English. All applicants are asked to sit for a Medical Test in view of any Colour Blindness.

Career Opportunities

Line maintenance mechanic · Workshop mechanic

Course Duration

2 Years Full-time

Course Code

AE3-A1-21

Mode

Apprenticeship

MQF Level

3

ECVET

60 Credits

Aħna t-tnejn gradwati tal-MCAST li temmejna b'suċċess il-Bachelor of Engineering (Hons) in Mechanical Engineering (Manufacturing) fl-2020.

Aħna ltqajna meta bdejna l-vjaġġ tagħna fl-MCAST. Bis-saħħa tal-appoġġ li tawna l-letturi u l-istaff tal-MCAST, kif ukoll l-għajnuna li sibna minn xulxin, it-tnejn li aħna lestejna l-istudji tagħna b'suċċess. Issa t-tnejn li aħna inġiniera li naħdmu għal waħda mill-kumpaniji ewlenin tal-manifattura f'Malta.

Aħna għandna rispett u gratitudni kbira lejn l-MCAST għal snin tant produttivi u tagħlim mill-aqwa."

- Elizabeth & Manuel Boxall (Istitut tal-Inġinerija u t-Trasport)

Diploma in Aircraft Structures and Repairs

This MCAST diploma is intended to train the learner in competences related to Aircraft Structures and Repairs which are essential for structure repair mechanics. This training course will include Basic Aircraft Sheet Metal, Structures Repair Procedures and Human Factors, amongst other modules. It is divided into three main areas, namely: the theoretical element, the practical experience and on-the-job exposure. This is an opportunity for individuals to commence or develop their career in the aviation industry.

Din id-diploma tal-MCAST hija maħsuba biex tħarreġ lill-istudenti fil-kompetenzi relatati mal-Istrutturi u t-Tiswijiet tal-Ajurplani, li huma essenzjali għall-mekkaniks li jaħdmu f'dan ix-xogħol. Dan il-kors ta' taħriġ jinkludi Basic Aircraft Sheet Metal (Xogħol Bażiku fuq Pjanċi tal-Metall tal-Ajruplani), Structures Repair Procedures (Proċeduri ta' Tiswija tal-Istrutturi) u Human Factors (Fatturi Umani), fost unitajiet oħrajn. Il-programm huwa maqsum fi tliet oqsma ewlenin: l-element teoretiku, l-esperjenza prattika u t-taħriġ fuq il-post tax-xogħol. Din hija opportunità għal dawk l-individwi li jixtiequ jibdew jew jiżviluppaw il-karriera tagħhom fl-industrija tal-avjazzjoni.

Entry Requirements	**Course Duration**	**MQF Level**
MCAST Foundation Certificate or 2 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes from: Mathematics or Physics or Graphical Communication/Technical Drawing/ Design and Technology or Engineering Technology or English Language or Chemistry Applicants already in possession of passes in Part-66 Aircraft Mechanic Category A modules will also be considered.	2 Years Full-time	3
	Course Code	**ECVET**
	AE3-A5-21	60 Credits
	Mode	
	Apprenticeship	

Career Opportunities

Aircraft structure repair assistant mechanic

Diploma in Cabin Crew Training

The Cabin Crew Diploma course is especially designed for aspiring young professionals looking at getting a head start in the profession, introducing the skills and responsibilities expected by the world's leading airlines. The one-year diploma course will be regulated by an International Aviation Standard. At the end of the training, candidates who pass the training successfully are awarded an Attestation and an MCAST Diploma at MQF Level 3. The course at MCAST consists of a combination of both theoretical and practical components. These components include the legally required Cabin Crew initial training elements and those associated with guest centricity. Special emphasis is given to customer service and procedures for handling unusual situations during flight, with the final modules of the course giving useful tips for completing the recruitment process. The course also includes a safety equipment procedure (SEP) trainer providing an overview of the aircraft, safety equipment and location of emergency procedures accessible via web.

Dan il-kors li jwassal għal Diploma in Cabin Crew Training iservi ta' introduzzjoni għall-ħiliet u r-responsabbiltajiet li l-linji tal-ajru ewlenin fid-dinja jistennew li jkollhom il-Cabin Crew tagħhom u għalhekk huwa maħsub għal żgħażagħ li jixtiequ jkunu f'pożizzjoni ta' vantaġġ meta japplikaw għal xogħol bħal dan. Dan il-kors ta' diploma ta' sena se jkun regolat minn International Aviation Standard. Fl-aħħar tal-kors, il-kandidati li jgħaddu mit-taħriġ jingħataw Ċertifikat u Diploma tal-MCAST tal-Livell 3 tal-QMK. Il-kors jikkonsisti f'taħlita ta' komponenti ta' teorija u ta' prattika. Dawn il-komponenti jinkludu l-elementi ta' taħrig inizjali li huma meħtieġa mil-liġi għall-Cabin Crew u għal dawk li f'xogħolhom huma mistennija li jżommu lill-klijent dejjem fiċ-ċentru. Issir enfasi speċjali fuq is-servizz li jrid jingħata lill-klijenti u l-proċeduri biex jiġu mmaniġġjati sitwazzjonijiet mhux tas-soltu waqt it-titjira. Fl-aħħar moduli tal-kors jingħataw pariri dwar il-proċess ta' reklutaġġ. Bħala parti mill-kors, persuna li tagħti taħriġ fuq il-proċeduri tat-tagħmir ta' sigurtà (SEP) tipprovdi lill-istudenti ħarsa ġenerali lejn l-ajruplan, it-tagħmir tas-sigurtà u l-post fejn wieħed isib il-proċeduri ta' emerġenza. Dan kollu jsir onlajn.

Entry Requirements	**Course Duration**	**MQF Level**
MCAST Foundation Certificate or 2 SEC/O-Level passes/SSC&P (Level 3) passes	1 Year Full-time	3
	Course Code	**ECVET**
Career Opportunities	AE3-06-22	60 Credits

Aircraft cabin crew

Advanced Diploma in Aircraft Maintenance (Aeroplanes – Turbine Engines)

This programme is designed to equip learners with the necessary theoretical knowledge of aircraft maintenance and related mechanical systems at technician level. This is also backed by practical experience in our workshops. Learners attending this course will be prepared to sit for the relative examinations organised by awarding bodies, and which may lead to being awarded the EASA Part-66 Category B1.1 licence. Subject to authorisation by the Part-145 Organization, the licence will permit the holder to issue Certificates of Release to Service following scheduled works that may include line maintenance, defect rectifications, aircraft structure, power plants and mechanical and electrical systems. Throughout the course, Civil Aviation Directorate examination fees will be paid by the learner.

This course is a highly innovative programme in the sector and gives the learner the opportunity to obtain an Advanced Diploma apart from sitting for the EASA examinations. Successful learners can then progress to the Level 5 Undergraduate Diploma in Foundations of Engineering which will allow them to have access to the IET BEng in Mechanical Engineering or Electronics.

Dan il-programm huwa mfassal biex jipprovdi lill-istudenti l-għarfien teoretiku neċessarju dwar is-sistemi ta' manutenzjoni tal-ajruplani u sistemi mekkaniċi oħra relatati fil-livell ta' teknixin. Dan huwa msaħħaħ ukoll b'esperjenza prattika fil-workshops tagħna. L-istudenti li jattendu dan il-kors jitħejjew għall-eżamijiet relattivi, organizzati minn istituzzjonijiet li joffru dawn il-kwalifiki, u li jistgħu jwasslu għall-għoti tal-liċenzja EASA Part-66 Category B1.1. Permezz ta' din il-liċenzja, wieħed ikun jista', jekk ikollu l-awtorizzazzjoni mill-Part-145 Organisation, joħroġ Certificates of Release to Service wara xogħlijiet skedati, li jistgħu jinkludu l-manutenzjoni tal-linja, ir-rettifikazzjoni tad-difetti, l-istruttura tal-inġenji tal-ajru, l-impjanti tal-enerġija u s-sistemi mekkaniċi u elettriċi. Matul il-kors il-miżati tal-eżamijiet tad-Direttorat tal-Avjazzjoni Ċivili jitħallsu mill-istudent.

Dan il-kors hu innovattiv għax studenti li jtemmu l-kors b'suċċess ikunu eliġibbli għal Diploma Avvanzata apparti li jkunu jistgħu jagħmlu l-eżamijiet tal-EASA. Studenti li jtemmu dan il-kors b'suċċess jistgħu jipprogressaw ghall-kors tal-Undergraduate Diploma in Foundations of Engineering, liema kors jagħti aċċess għal baċellerat fl-inġinerija mekkanika jew elettronika.

Entry Requirements

Any MCAST MQF Level 3 Diploma delivered by the Institute of Engineering and Transport (Applicants must have obtained grades that when averaged will yield an overall Grade B)
or
Diploma in Aircraft Maintenance (incorporating EASA Part-66 Category A Basic Course)
or
EASA Part-66 Aircraft Maintenance Category A Licence Course
or
4 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes
Compulsory: Physics (Grade 4 or better) and Mathematics and English Language

Career Opportunities

Base maintenance technician · Workshop technician

Course Duration

2 Years Full-time

MQF Level

4

Course Code

AE4-A3-21

ECVET

120 Credits

Mode

Apprenticeship

Other Entry Requirements

All applicants will be required to undergo a Medical Test for Colour Blindness.

Advanced Diploma in Aircraft Maintenance (Avionics)

This programme is designed to equip learners with the necessary theoretical knowledge of aircraft maintenance and related electrical and avionics systems at technician level. This is also backed by practical experience in dedicated workshops. Learners attending this course will be prepared to sit for the relative examinations organised by awarding bodies, which may lead to being awarded the EASA Part-66 Category B2 licence. Subject to authorisation by the Part-145 Organization, the licence will permit the holder to issue Certificates of Release to Service following maintenance on electrical and avionics systems. This training programme includes work-related training and practice. Applicants have to be able to work within the industries concerned.

This course is a highly innovative programme in the sector and gives the learner the opportunity to obtain an Advanced Diploma apart from sitting for the EASA examinations. Successful learners can then progress to the Level 5 Undergraduate Diploma in Foundations of Engineering which will allow them to have access to the IET BEng in Mechanical Engineering or Electronics.

Dan il-programm huwa mfassal biex jipprovdi lill-istudenti l-għarfien teoretiku neċessarju dwar is-sistemi ta' manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru u sistemi elettroniċi u avjoniċi oħra relatati fil-livell ta' teknixin. Dan l-għarfien huwa msaħħaħ b'esperjenza prattika f'workshops apposta. L-istudenti li jattendu dan il-kors jitħejjew għall-eżamijiet relatati, organizzati minn istituzzjonijiet li joffru dawn il-kwalifiki, u li jistgħu jwasslu għall-għoti tal-liċenzja EASA Part-66 Category B2. Permezz ta' din il-liċenzja, wieħed ikun jista', jekk ikollu l-awtorizzazzjoni mill-Part-145 Organisation, joħroġ Certificates of Release to Service wara xogħol ta' manutenzjoni fuq sistemi elettriċi u avjoniċi. Dan il-programm jinkludi taħriġ u prattika relatati max-xogħol. L-applikanti għandhom ikunu kapaċi jaħdmu fl-industriji kkonċernati.

Dan il-kors hu innovattiv għax studenti li jtemmu l-kors b'suċċess ikunu eliġibbli għal Advanced Diploma apparti li jkunu jistgħu jagħmlu l-eżamijiet tal-EASA. Studenti li jtemmu dan il-kors b'suċċess jistgħu jipprogressaw ghall-kors tal-Undergraduate Diploma in Foundations of Engineering, liema kors jagħti aċċess għal baċellerat fl-inġinerija mekkanika jew elettronika.

Entry Requirements

EASA Part-66 Aircraft Maintenance Category A Licence Course
or
Any MCAST MQF Level 3 Diploma delivered by the Institute of Engineering and Transport and the Institute of Information and Communication Technology
(Applicants must have obtained grades that when averaged will yield an overall Grade B)
or
4 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes
Compulsory: Physics (Grade 4 or better) and Mathematics and English Language

Career Opportunities

Base maintenance technician · Avionics workshop technician

Course Duration

2 Years Full-time

MQF Level

4

Course Code

AE4-A4-21

ECVET

120 Credits

Mode

Apprenticeship

Other Entry Requirements

All applicants will be required to undergo a Medical Test for Colour Blindness.

Advanced Diploma in Aviation Operations

This study programme is designed to equip learners with the necessary understanding and an all-round introduction to the aviation industry for those who wish to further their career in one of its occupational areas. This course may lead to roles in airports such as passenger liaison, ramp work, cargo operations and ground handling, aircraft operations and customer service. The course is structured to give learners an overview of aviation operations in preparation for the specialized areas that interest career aspirations within the sector. The course covers the appropriate fundamentals for progression onto further aviation specialization in the sector. The theoretical elements are supplemented with practical elements. Successful learners can progress to the Bachelor of Arts (Honours) in Business Enterprise. This course includes work related training and practice. Applicants have to be able to work within the industries concerned.

Dan il-programm ta' studju huwa mfassal biex jipprovdi l-għarfien meħtieġ u jagħti introduzzjoni ġenerali għall-industrija tal-avjazzjoni lil dawk l-istudenti li jixtiequ karriera f'wieħed mill-oqsma ta' din l-industrija. Il-programm jista' jwassal għal xogħol fl-ajruport, bħal kuntatt mal-passiġġieri, xogħol fuq ir-rampa, ħatt ta' merkanzija, xogħol fuq inġenji tal-ajru u servizz lill-klijenti. L-istruttura tal-kors tagħti lill-istudenti ħarsa ġenerali lejn is-settur tal-avjazzjoni u tippreparahom għall-oqsma speċjalizzati li huma ta' interess għal min jixtieq jagħmel karriera fl-avjazzjoni. Il-kors ikopri l-elementi fundamentali xierqa biex wieħed ikun jista' jkompli jispeċjalizza fis-settur. L-elementi teoretiċi huma msaħħa b'elementi prattiċi. L-istudenti li jirnexxu f'dan il-kors jistgħu jkomplu l-istudji tagħhom fil-Bachelor of Arts (Honours) in Business Enterprise. Il-programm jinkludi taħriġ u prattika f'xogħol relatat mas-settur. L-applikanti għandhom ikunu kapaċi jaħdmu fl-industriji kkonċernati.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
Any MCAST Level 3 Diploma or 4 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes Compulsory: English Language	2 Years Full-time	4
	Course Code	ECVET
	ME4-A6-21	120 Credits
Career Opportunities	Mode	
Passenger check-in officer · Passenger services officer · Flight operations officer · Aircraft dispatch officer · Ground handling officer	Apprenticeship	

Diploma in Automotive Repair (Body and Paint)

This programme is intended for learners with or without knowledge and experience of the automotive industry. Learners will learn how to work on vehicle accident repair tasks on body work under minimal supervision. The course will also provide the learners with the skills required to carry out paint repairs to the manufacturers' specifications. They will thus gain a combination of theoretical knowledge and practical skills in automotive accident repair (panel beating) together with body paint principles. Learners will be expected to carry out effective housekeeping practices to work effectively within the automotive industry. They will also learn how to work safely when carrying out removal and replacement of exterior vehicle panels and paint jobs. Learners will also be expected to improve their knowledge of key skills subjects such as Mathematics, English, Maltese, Information Technology and Individual and Social Responsibility.

Dan il-programm huwa intiż għal studenti li jkollhom, u wkoll għal dawk li ma jkollhomx, għarfien ta' u esperjenza fl-industrija tal-karozzi. L-istudenti jitgħallmu jagħmlu, bi ftit superviżjoni, xogħlijiet ta' tiswija fuq il-body ta' karozzi li jkunu involuti f'inċident tat-traffiku. Il-kors jipprovdi wkoll lill-istudenti l-ħiliet meħtieġa biex iwettqu tiswijiet fir-rigward taż-żebgħa, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tal-fabbrika. Hekk, huma jiksbu taħlita ta' għarfien teoretiku u ħiliet prattiċi fir-rigward tat-tiswija tal-karozzi li jkunu involuti f'inċident tat-traffiku (jiġifieri jtellgħu d-daqqiet [panel beating]) flimkien mal-prinċipji bażiċi taż-żebgħa. Huwa mistenni li l-istudenti jwettqu prattiċi effettivi ta' tindif intern biex ikunu jistgħu jaħdmu tajjeb fl-industrija tal-karozzi. Huma jitgħallmu kif jaħdmu b'mod sikur meta jneħħu u jbiddlu l-pjanċi esterni tal-karozza u waqt ix-xogħlijiet ta' żebgħa. L-istudenti jkunu mistennija wkoll li jtejbu l-għarfien tagħhom fis-suġġetti ta' ħiliet ewlenin bħall-Matematika, l-Ingliż, il-Malti, it-Teknoloġija tal-Informazzjoni u r-Responsabbiltà Individwali u Soċjali.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
MCAST Foundation Certificate or 2 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes	1 Year Full-time	3
Other Entry Requirements	Course Code	ECVET
	MV3-A1-21	60 Credits
All applicants will be required to undergo a Medical Test for Colour Blindness.	Mode	
Career Opportunities	Apprenticeship	
Car paint sprayer · Panel beater		

Diploma in Light Vehicle Servicing

This programme is intended for learners who would like to start developing a strong grounding in the field of motor vehicle engineering and maintenance. Through the various aspects of training that this course provides, learners should be able to gain a good understanding of the basic systems found in light vehicles and how to handle tools safely. Learners will also develop the essential skills of the trade, including the carrying out of basic routine checks, the replacement of parts as required in the periodic servicing of vehicles, and the maintenance of appropriate service records. In this programme, learners will also follow studies in key skills subjects, such as English, Maltese, Mathematics, Information Technology and Individual and Social Responsibility.

Dan il-programm huwa maħsub għal studenti li jixtiequ jibdew jiżviluppaw bażi soda fil-qasam tal-inġinerija u l-manutenzjoni ta' vetturi bil-mutur. Permezz tad-diversi aspetti tat-taħriġ ipprovduti matul dan il-kors, l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jiksbu fehim tajjeb tas-sistemi bażiċi li wieħed isib f'vetturi żgħar, kif ukoll kif jużaw l-għodda relatata b'mod sikur. L-istudenti jiżviluppaw ukoll il-ħiliet essenzjali tas-sengħa biex jagħmlu kontrolli bażiċi ta' rutina, jibdlu parts kif meħtieġ fis-servisjar perjodiku tal-vetturi, u jżommu rekords xierqa tas-service. F'dan il-programm, l-istudenti jsegwu wkoll studji fis-suġġetti tal-ħiliet ewlenin, bħall-Ingliż, il-Malti, il-Matematika, it-Teknoloġija tal-Informazzjoni u r-Responsabbiltà Individwali u Soċjali.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
MCAST Foundation Certificate or 2 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes As from 2023 the Mathematics SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) pass will be compulsory.	1 Year Full-time	3
	Course Code	**ECVET**
	MV3-A2-21	60 Credits

Other Entry Requirements

All applicants will be required to undergo a Medical Test for Colour Blindness.

Mode

Apprenticeship

Career Opportunities

Light vehicle service mechanic · Light vehicle assistant mechanic · Assistant fitter

---

Advanced Diploma in Light Vehicle Maintenance

This qualification is for candidates wanting to develop some of the essential skills and understanding in motor vehicle systems. Learners will be able to identify hazards and risks in the automotive environment and work safely with equipment, materials and products. Learners should also gain a good knowledge of tools and measuring devices as well as of routine light vehicle maintenance. Learners will be expected to develop an understanding of the construction and operation of common steering, suspension engines and many important systems (including mechanical and electrical) as well as procedures involved in the inspection, serviceability, adjustments, removal and replacement of components and the evaluation of their performance. Applicants coming in through the O-Level route may be requested to complete an additional Level 4 preparatory year if they do not already have exposure and experience within the area in question.

Din il-kwalifika hija għal kandidati li jixtiequ jiżviluppaw xi wħud mill-ħiliet essenzjali u jitgħallmu dwar is-sistemi ta' vetturi bil-mutur. L-istudenti jkunu jistgħu jidentifikaw perikli u riskji fl-ambjent ta' karozzi u jaħdmu b'mod sikur bit-tagħmir, il-materjali u l-prodotti. L-istudenti għandhom jiksbu wkoll għarfien tajjeb tal-għodod u apparat ta' kejl, kif ukoll dwar il-manutenzjoni ta' rutina ta' vetturi żgħar. L-istudenti jkunu mistennija jifhmu kif inhuma mibnija u kif jaħdmu l-isteering, is-sistema tas-suspension u ħafna sistemi oħra importanti (inklużi dawk mekkaniċi u elettriċi). Huma jitgħallmu wkoll il-proċeduri involuti fl-ispezzjoni, is-servisjar, l-aġġustamenti, it-tneħħija u t-tibdil ta' komponenti u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tagħhom. L-applikanti li jidħlu għal dan il-kors bl-O-Levels jistgħu jiġu mitluba jagħmlu sena preparatorja addizzjonali f'Livell 4, jekk ma jkollhomx diġà esperjenza ta' xogħol f'dan is-settur.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
Any MCAST MQF Level 3 Diploma from the Institute of Engineering and Transport or 4 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes Compulsory: One subject from Mathematics or Physics and Compulsory: One subject from Engineering Technology or Design and Technology or Chemistry or Mathematics or Physics	3 Years Full-time	4
	Course Code	**ECVET**
	MV4-A7-21	120 Credits

Mode

Apprenticeship

Career Opportunities

Motor vehicle technician

Undergraduate Diploma in Auto Electronic and Electrical Technology

This course is intended for qualified automotive technicians seeking to broaden their knowledge on Electric Vehicles and Hybrids. Students start from the fundamentals and concepts of electrical and electronic systems. Subsequently they are then gradually introduced to the advanced theory of auto electrical and electronic control systems and microprocessor control systems. The course delves into the theory of Electrical Vehicles and Hybrids, including electrical machines, power electronics, and the different energy sources available on the market. The course also provides hands-on experience using diagnostic approaches that help students troubleshoot potential integration problems. Learners are also instructed to work with various electronics equipment and become familiar with various computer-controlled systems, diagnostic software test equipment and tooling.

Dan il-kors huwa mmirat għal teknixins tal-karozzi li qed ifittxu li jkabbru l-għarfien tagħhom dwar il-Vetturi li jaħdmu bl-Elettriku u dawk Ibridi. Il-programm ta' studju jibda bil-prinċipji fundamentali u l-kunċetti tas-sistemi tal-elettriku u dawk elettroniċi. Sussegwentement imbagħad l-istudenti jiġu introdotti gradwalment għat-teorija avvanzata tas-sistemi ta' kontroll elettriċi u elettroniċi fil-vetturi, kif ukoll għas-sistemi ta' kontroll ibbażati fuq il-mikroproċessuri. Il-kors jittratta t-teorija li tirrigwarda l-Vetturi li jaħdmu bl-Elettriku u dawk Ibridi, inkluż il-magni li jaħdmu bl-elettriku, is-saħħa elettronika, u s-sorsi ta' enerġija differenti li jinstabu fis-suq. L-istudenti jitħarrġu wkoll fis-sejbien ta' soluzzjonijiet għal problemi ta' integrazzjoni li jistgħu jinqalgħu f'Vetturi li jaħdmu bl-Elettriku u dawk Ibridi. L-istudenti jitgħallmu jaħdmu b'apparat elettroniku differenti u jsiru familjari ma' diversi sistemi kkontrollati mill-kompjuter, softwer djanjostiku użat għall-ittestjar, u għodod oħra.

Entry Requirements

Any MCAST MQF Level 4 Certificate in Electrical, Electronics or Automotive Engineering
or
2 A-Level passes and 2 I-Level passes
Compulsory A-Level or I-Level: Physics

Other Entry Requirements

All applicants will be required to undergo a Medical Test for Colour Blindness.

Career Opportunities

Hybrid and electrical vehicle service technician

Course Duration	**MQF Level**
2 Years Full-time	5
Course Code	**ECTS**
MV5-A1-22	120 Credits
Mode	
Apprenticeship	

Introductory Certificate in Construction Engineering

This programme of study provides an opportunity for prospective learners in possession of the Secondary School Certificate and Profile (SSC&P), to experience and train in the basic skills related to the Construction industry. It presents learners with an opportunity to have extensive vocational hands-on practice in various sectors. The course includes practical hands-on experience in woodwork, plumbing, sheet-metal, bench-fitting, electrical and trowel practical exercises. The course includes a significant key skills component that will help learners improve their communication, literacy and numeracy skills. IT and Individual and Social Responsibility sessions are also part of the key skills component.

Dan il-programm ta' studju jipprovdi lil studenti prospettivi li jkollhom iċ-Ċertifikat u l-Profil tal-Iskola Sekondarja (SSC&P), l-opportunità ta' esperjenza u taħriġ fil-ħiliet bażiċi relatati mal-industrija tal-Kostruzzjoni. Il-programm jippreżenta lill-istudenti opportunità ta' prattika vokazzjonali estensiva f'diversi setturi. Il-kors jinkludi esperjenza prattika fix-xogħol tal-injam, fil-plumbing, fix-xogħol fil-metall, fil-benchfitting u eżerċizzji prattiċi fl-elettriku u t-tikħil. Il-programm fih ukoll komponent sinifikanti ta' ħiliet ewlenin biex jgħin lill-istudenti jtejbu l-ħiliet tagħhom fil-komunikazzjoni, il-litteriżmu u n-numeriżmu. L-IT u r-Responsabbiltà Individwali u Soċjali huma wkoll parti mill-komponent tal-ħiliet ewlenin.

Entry Requirements

Finished Compulsory Education
Initial Assessment Tests (as may be applicable)

Course Duration	**MQF Level**
1 Year Full-time	1
Course Code	**ECVET**
MV1-02-21	40 Credits

Foundation Certificate in Construction Engineering

This programme of study provides the learner with an opportunity to get acquainted with the different vocational trades related to construction engineering. The vocational practice component is based on a 'taster' approach whereby the learner will learn about the tools, materials, processes and applications relative to:
· Welding and Fabrication
· Plumbing and Electrical Installation
· Refrigeration and Air-conditioning
· Woodwork
· Trowel trades, including Restoration, Stone Masonry and Tile Laying.
Technical Drawing will complement the five vocational areas listed above. Learners will also have the opportunity to enhance their key skills, such as English, Maltese, Mathematics, Science, Information Technology and Individual and Social Responsibility, all of which will be embedded in the vocational content.

Dan il-programm ta' studju jipprovdi lill-istudent l-opportunità li jsir familjari mas-snajja' vokazzjonali differenti relatati mal-inġinerija tal-kostruzzjoni. Fil-komponent tal-prattika vokazzjonali l-istudent ikollu l-opportunità li jitgħallem dwar l-għodod, il-materjali, il-proċessi u l-applikazzjonijiet relatati ma':
· L-Iwweldjar u l-Fabbrikazzjoni
· Il-Plumbing u l-Installazzjoni tal-Elettriku
· Ir-Refriġerazzjoni u l-Kondizzjonament tal-Arja
· Ix-Xogħol tal-Injam
· Is-Sengħa tat-Tikħil, inkluż ix-Xogħol ta' Restawr, ix-Xogħol tal-Ġebel u t-Tqegħid tal-Madum.
Flimkien mal-ħames oqsma vokazzjonali mniżżla hawn fuq, l-istudent jitgħallem ukoll id-Disinn Tekniku. L-istudenti jkollhom anke l-opportunità li jsaħħu l-ħiliet ewlenin tagħhom, bħall-Ingliż, il-Malti, il-Matematika, ix-Xjenza, it-Teknoloġija tal-Informazzjoni u r-Responsabbiltà Individwali u Soċjali, li huma kollha inkorporati fil-kontenut vokazzjonali.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
MCAST Introductory Certificate or Finished Compulsory Education Initial Assessment Tests (as may be applicable)	1 Year Full-time	2
	Course Code	**ECVET**
	MV2-02-21	60 Credits

Diploma in Heating, Ventilation and Air-Conditioning

This course provides learners with the essential knowledge related to heating, ventilation and air-conditioning (HVAC). It will enable learners to work as assistant technicians engaged in servicing and carrying out maintenance on refrigeration compressors, condensers, evaporators and other accessories. Practical training is carried out in workshops equipped to industry standards. Learners are expected to participate individually and in teams to operate refrigeration and air conditioning equipment. This course also provides learners with the opportunity to further develop their knowledge of key skills subjects such as Mathematics, Science, English, Maltese, Information Technology and Individual and Social Responsibility.

Dan il-kors jipprovdi lill-istudenti għarfien essenzjali relatat mat-tisħin, il-ventilazzjoni u l-kondizzjonament tal-arja (HVAC). Dan jippermetti lill-istudenti jaħdmu bħala assistenti teknixins fl-isservisjar u t-twettiq ta' manutenzjoni fuq kompressuri tar-refriġerazzjoni, kondensaturi, evaporaturi u aċċessorji oħra. It-taħriġ prattiku jsir f'workshops attrezzati skont l-istandards tal-industrija. L-istudenti huma mistennija li jipparteċipaw b'mod individwali u f'timijiet biex iħaddmu tagħmir tar-refriġerazzjoni u tal-kondizzjonament tal-arja. Dan il-kors jipprovdi wkoll lill-istudenti l-opportunità li jkomplu jsaħħu l-għarfien tagħhom fir-rigward tas-suġġetti tal-ħiliet ewlenin, bħall-Matematika, ix-Xjenza, l-Ingliż, il-Malti, it-Teknoloġija tal-Informazzjoni u r-Responsabbiltà Individwali u Soċjali.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
MCAST Foundation Certificate or 2 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes	1 Year Full-time	3
Other Entry Requirements	**Course Code**	**ECVET**
All applicants will be required to undergo a Medical Test for Colour Blindness.	AE3-A3-21	60 Credits
Career Opportunities	**Mode**	
HVAC installer	Apprenticeship	

Diploma in Joinery and Furniture Making

This course of study includes theoretical knowledge and practical training both in College-based industrial workshops and also on work placements. Technical and practical lessons cover measuring, cutting, preparing and assembling timber and timber board products to make interior fittings such as kitchen cabinets, doors and window frames. The learners will be expected to participate individually and in teams to produce simple products from solid wood and composite materials. Learners will be trained in the practical handling of hand and power tools and simple woodworking machines. This course also provides learners with the opportunity to further develop their knowledge of key skills subjects such as Mathematics, Science, English, Maltese, Information Technology and Individual and Social Responsibility

Dan il-kors ta' studju jinkludi għarfien teoretiku u taħriġ prattiku kemm f'workshops industrijali bbażati fil-Kulleġġ, kif ukoll waqt esperjenzi ta' xogħol. Il-lezzjonijiet teknici u prattici jinkludu l-kejl, il-qtugħ, it-tħejjija u l-armar ta' prodotti tal-injam u bordijiet tal-injam biex isiru fittings tad-djar, bħal kċejjen, bibien u twieqi. L-istudenti jkunu mistennija jipparteċipaw b'mod individwali u f'timijiet biex jipproduċu prodotti semplici minn materjali ta' injam mastizz u materjali komposti. L-istudenti jiġu mħarrġa fl-użu prattiku ta' għodod tal-idejn u tal-elettriku u magni semplici tax-xogħol tal-injam. Dan il-kors jipprovdi wkoll lill-istudenti l-opportunità li jkomplu jsaħħu l-għarfien tagħhom fir-rigward tas-suġġetti tal-ħiliet ewlenin, bħall-Matematika, ix-Xjenza, l-Ingliż, il-Malti, it-Teknoloġija tal-Informazzjoni u r-Responsabbiltà Individwali u Soċjali.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
MCAST Foundation Certificate or 2 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes	1 Year Full-time	3
Career Opportunities	**Course Code**	**ECVET**
Assistant joiner · Assistant carpenter	AE3-A4-21	60 Credits
	Mode	
	Apprenticeship	

Diploma in Building Services Installations (Plumbing or Plumbing and Electrical)

This course is a continuation in the career of a Deck Officer in the merchant shipping navy leading to the issue of a Certificate of Competency as a Chief Mate. The training provided is at management level and learners attending this course are expected to dedicate a lot of time to their studies and to wear a merchant marine uniform whilst undergoing training ashore. The Centre for Maritime Studies boasts a good reputation for discipline and all Officers are expected to abide by a Code of Conduct whilst attending the Chief Mate Course and to actively participate in organised events. Practical STCW ancillary courses, namely medical care and radar navigation including simulation exercises, are also provided as compulsory short courses for the Chief Mate Certificate of Competency.

Dan il-kors huwa kontinwazzjoni fil-karriera ta' Deck Officer fil-flotta navali merkantili u jwassal għall-ħruġ ta' Ċertifikat ta' Kompetenza bħala Chief Mate. It-taħriġ ipprovdut huwa fil-livell maniġerjali u l-istudenti li jattendu dan il-kors huma mistennija jiddedikaw ħafna ħin għall-istudji tagħhom u li jilbsu uniformi tal-marina merkantili waqt li jkunu qed jitħarrġu fuq l-art. Iċ-Ċentru għall-Istudji Marittimi għandu reputazzjoni tajba għad-dixxiplina u l-Uffiċjali kollha huma mistennija li jikkonformaw mal-Kodiċi ta' Kondotta waqt li jkunu qed jattendu l-kors ta' Chief Mate u li jipparteċipaw b'mod attiv fl-avvenimenti li jiġu organizzati. Il-korsijiet anċillari prattiċi tal-STCW, jiġifieri l-kura medika u n-navigazzjoni bir-radar, inklużi eżerċizzji ta' simulazzjoni, huma pprovduti wkoll bħala korsijiet qosra obbligatorji biex jinkiseb iċ-Ċertifikat ta' Kompetenza ta' Chief Mate.

Entry Requirements

Letter of Eligibility from Transport Malta
A Valid OIC Navigational Watch Certificate of Competency, and
12 months at sea in that capacity

Other Entry Requirements

Medical Test through Transport Malta

Career Opportunities

Chief officer on sea-going merchant ships as second in command · Ship senior officer of the bridge · Ship senior officer controlling cargo operations on a ship · Master on offshore vessels · Ship security officer marine · VTS operator/ supervisor

Course Duration	MQF Level
1 Year Full-time	-

Course Code	ECVET
MS-02-21	-

Diploma in Deck Operations

This study programme is intended for learners who in future intend to apply for the course of Advanced Diploma in Deck Operations which also leads to Officer in Charge of a Navigational Watch. This course is also an opportunity for those learners who would like to find a job and actively work in a maritime environment such as a deck crew on board ships and gain valuable sea time, or in an inshore marina job. The Diploma in Deck Operations course will deliver a solid foundation in general ship knowledge, seamanship and navigation, and provides an understanding of the basic legislative environment within which ships operate. This course also provides an opportunity for learners to complete the STCW basic safety training components. Learners will also be able to sit for the GMDSS ROC and Commercial Vessel Boatmaster Grade 1 examinations, provided that other requirements stipulated by Transport Malta are met.

Dan il-programm ta' studju huwa maħsub għal studenti li għandhom l-intenzjoni li fil-futur japplikaw għall-kors ta' Advanced Diploma in Deck Operations li jista wkoll iwassalhom biex jilħqu Uffiċjal fil-Kariga ta' Għassa tan-Navigazzjoni. Il-kors jagħti l-opportunità wkoll lil dawk l-istudenti li jixtiequ jsibu impjieg u jaħdmu f'ambjent tal-baħar bħala ekwipaġġ abbord bastimenti u jiksbu ħin ta' servizz siewi fuq il-baħar, jew jixtiequ jaħdmu f'marina qrib il-kosta. Id-Diploma in Deck Operations tipprovdi bażi soda fl-għarfien ġenerali dwar il-bastimenti, it-tbaħħir u n-navigazzjoni kif ukoll fehim bażiku tal-ambjent leġiżlattiv li fih joperaw il-bastimenti. Dan il-kors jagħti opportunità lill-istudenti jlestu l-komponenti ta' taħriġ bażiku ta' sigurtà tal-STCW, u jagħmlu l-eżamijiet għaċ-ċertifikat tal-GMDSS ROC u ta' Commercial Vessel Boatmaster tal-ewwel grad, basta jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' Transport Malta.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
MCAST Foundation Certificate or 2 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes	1 Year Full-time	3
	Course Code	**ECVET**
Career Opportunities	MS3-01-21	60 Credits

Deck crew · Shipping clerk · Water clerk with a shipping agency · Mooring man.

Advanced Diploma in Deck Operations (incorporating OIC Navigational Watch)

This Advanced Diploma programme is designed to prepare candidates for a career in the maritime sector. This programme also prepares such candidates to qualify for a Certificate of Competence as an Officer In Charge of a Navigational Watch on ocean-going merchant vessels. The course consists of a number of maritime related subjects such as Navigation, Meteorology, Signals, Ship Knowledge and Stability, Cargo Operations, International Regulations, and a high level of physical fitness training and leadership training in which all candidates are expected to participate. Officer Cadets are expected to wear a merchant marine uniform whilst undergoing training both ashore and on board ships. Officer Cadets attending the course will be assisted in finding a sponsor for the practical training period at sea during the third phase of training on the course. The programme eventually includes a compulsory 12 months sea placement after the first two years of the course.

Dan il-programm ta' Advanced Diploma huwa mfassal biex iħejji kandidati għal karriera fil-qasam marittimu. Dan il-programm jipprepara wkoll lill-kandidati biex jikkwalifikaw għal Ċertifikat ta' Kompetenza bħala Uffiċjal fil-Kariga ta' Għassa tan-Navigazzjoni fuq bastimenti merkantili li jagħmlu kummerċ barra mill-pajjiż. It-taħriġ jikkonsisti f'numru ta' suġġetti relatati mal-baħar, bħan-Navigazzjoni, il-Meteoroloġija, is-Sinjali, l-Għarfien u l-Istabbiltà tal-Vapuri, l-Operazzjonijiet tal-Merkanzija, ir-Regolamenti Internazzjonali, flimkien ma' livell għoli ta' taħriġ għal kundizzjoni fiżika tajba u taħriġ fit-tmexxija, li fihom il-kandidati kollha huma mistennija li jipparteċipaw. L-Uffiċjali Kadetti huma mistennija li jilbsu uniformi tal-marina merkantili waqt it-taħriġ fuq l-art kif ukoll abbord il-bastimenti. L-Uffiċjali Kadetti li jkunu qed jagħmlu l-kors jingħataw għajnuna biex isibu sponsor għall-perjodu ta' taħriġ prattiku fuq il-baħar waqt it-tielet fażi ta' taħriġ fil-kors. Il-programm jinkludi 12-il xahar esperjenza obbligatorja fuq il-baħar wara l-ewwel sentejn tal-kors.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
MCAST Diploma in Deck Operations or 4 SEC/O-Level passes/SSC&P (Level 3) passes Compulsory: Physics and Mathematics and English Language	3 years (2 years full-time followed by 12 months experience at sea)	4
		ECVET
Other Entry Requirements	**Course Code**	-
Medical Test, Physical Aptitude Test and Interview Students must have reached the age of 18 years prior to start of sea experience	MS4-01-21	
	Mode	
	12 months sea placement (compulsory)	

Career Opportunities

Port inspector · Terminal inspector · GMDSS operator · Cargo operator in yard/ship terminal · Officer cadet

Advanced Diploma in Marine Engineering

This programme is the first step for those who wish to embark on a career in the maritime sector, with opportunities being available both locally and internationally. The course introduces the basics of engineering related to marine vessels and is ideal for those who wish to be introduced into this sector and obtain a formal vocational qualification. After successful completion of the course, the learner will have formed sound theoretical and practical competences. This course includes work-related training and practice.

Dan il-programm huwa l-ewwel pass għal dawk li jixtiequ jibdew karriera fis-settur marittimu, b'opportunitajiet disponibbli kemm lokalment kif ukoll internazzjonalment. Il-kors jintroduċi l-elementi bażiċi tal-inġinerija relatata ma' bastimenti tal-baħar u huwa ideali għal dawk li jixtiequ jidħlu f'dan is-settur u jiksbu kwalifika vokazzjonali formali. L-istudenti li jtemmu l-kors b'suċċess, ikunu kisbu kompetenzi teoretiċi u prattiċi sodi. Dan il-kors jinkludi taħriġ u prattika relatati max-xogħol.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
Any MCAST MQF Level 3 Diploma delivered by the Institute of Engineering and Transport or 4 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes Compulsory: One subject from Mathematics or Physics and Compulsory: One subject from Engineering Technology or Design and Technology or Chemistry or Mathematics or Physics	3 Years Full-time	4
	Course Code	**ECVET**
	MS4-A4-21	120 Credits
	Mode	
	Apprenticeship	

Career Opportunities

Marine engineering technician · Ship repair technician · Ship repair fitter

Bachelor of Science (Honours) in Marine Engineering

This degree programme deals with the design, construction, operation and maintenance of engines and machinery in ships and marine installations. The learner will gain an understanding of developed and emerging technologies whilst applying theoretical and practical methods in the analysis and solution of marine engineering related problems. At this level of study, one will be expected to develop the qualities needed for employment in situations requiring the exercise of personal responsibility, technical leadership and commercial management in complex and unpredictable circumstances as expected in the Maritime industry.

Dan il-programm li jwassal għal baċellerat jittratta d-disinn, il-kostruzzjoni, l-operat u l-manutenzjoni tal-magni u l-makkinarju f'bastimenti u installazzjonijiet tal-baħar. L-istudent jikseb fehim tat-teknoloġiji żviluppati u emerġenti, filwaqt li japplika metodi teoretiċi u prattiċi fl-analiżi u s-soluzzjoni ta' problemi relatati mal-inġinerija tal-baħar. F'dan il-livell ta' studju, wieħed ikun mistenni li jiżviluppa l-kwalitajiet meħtieġa għal impjieg f'sitwazzjonijiet li jirrikjedu l-eżerċizzju ta' responsabbiltà personali, it-tmexxija teknika u l-ġestjoni kummerċjali f'ċirkostanzi kumplessi u imprevedibbli kif wieħed jistenna fl-industrija Marittima.

Entry Requirements

Any MCAST MQF Level 4 Advanced Diploma
or
MCAST Undergraduate Diploma in Foundations of Engineering
or
2 A-Level passes and 2 I-Level passes
Compulsory A-Levels: Physics and Mathematics (Pure or Applied)

Career Opportunities

Marine structural designer • Marine systems designer • Marine technologist • Marine surveyor

Course Duration

3 Years Full-time

Course Code

MS6-01-21

Mode

Includes Internship

MQF Level

6

ECTS

180 Credits

Institute of Information and Communication Technology

Courses

"

As a technological enthusiast, I knew that I needed to make the right choice to become a recognised IT professional. I joined MCAST's Institute of ICT, graduating with a Bachelor of Science (Honours) in Computer Systems and Networks.

Through MCAST's apprenticeship programme, I became fluent with emerging IT technologies and their applications.

At present, I work as an IT Support Officer within a prestigious IT company. "

– Darren Avellino (Institute of Information and Communication Technology)

Introductory Certificate in ICT

The ICT industry is a dynamic sector which requires a number of technical people to cope with the constantly evolving computing technologies. IT persons offer support in these technologies and help other IT specialists in their daily job. The Introductory Certificate in ICT offers knowledge in basic skills as well as knowledge in the fundamentals of computer systems and programming skills. The programme offers learners the necessary knowledge about the basic components that make up a computer system by being able to distinguish the different parts of a computer system, as well as learn about the software design phases and how to install hardware. Skills will be developed in how to design simple algorithms and simple computer programmes.

L-industrija tal-ICT hija settur dinamiku li jirrikjedi għadd ta' persuni tekniċi biex ilaħħqu mat-teknoloġiji tal-computing li qed jevolvu b'mod kostanti. Il-persuni tal-IT joffru appoġġ f'dawn it-teknoloġiji u jgħinu lil speċjalisti oħra tal-IT fix-xogħol tagħhom ta' kuljum. L-Introductory Certificate in ICT joffri għarfien fir-rigward tal-ħiliet bażiċi u tal-elementi fundamentali ta' sistemi tal-kompjuter u tal-ħiliet tal-ipprogrammar. Il-programm joffri lill-istudenti l-għarfien neċessarju dwar il-komponenti bażiċi li jiffurmaw is-sistema tal-kompjuter, b'tali mod li jkunu jistgħu jiddistingwu bejn il-partijiet differenti ta' sistema tal-kompjuter, kif ukoll jitgħallmu dwar il-fażijiet tad-disinn tas-softwer u kif jinstallaw il-ħardwer. Jiġu żviluppati ħiliet fid-disinn ta' algoritmi sempliċi u ta' programmi sempliċi tal-kompjuter.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
Finished Compulsory Education Initial Assessment Tests (as may be applicable)	1 Year Full-time	1
	Course Code	**ECVET**
	IT1-01-21	40 Credits

Foundation Certificate in ICT

The ICT industry is a dynamic sector which requires a number of technical people to cope with the constantly evolving computing technologies. IT persons offer support in these technologies and help other IT specialists in their daily job. The Foundation Certificate in ICT offers knowledge in basic skills as well as knowledge in the fundamentals of computer systems, programming skills, computer graphics, and the creation of ICT projects. This programme of study is not intended to prepare the learner for immediate employment, however it is the first in a string of programmes that will eventually prepare the learner to embark on a career within the computing industry.

L-industrija tal-ICT hija settur dinamiku li jirrikjedi għadd ta' persuni tekniċi biex ilaħħqu mat-teknoloġiji tal-computing li qed jevolvu b'mod kostanti. Il-persuni tal-IT joffru appoġġ f'dawn it-teknoloġiji u jgħinu lil speċjalisti oħra tal-IT fix-xogħol tagħhom ta' kuljum. Il-Foundation Certificate in ICT joffri għarfien fir-rigward tal-ħiliet bażiċi u tal-elementi fundamentali ta' sistemi tal-kompjuter, il-ħiliet tal-ipprogrammar, il-grafika tal-kompjuter u l-ħolqien ta' proġetti tal-ICT. Dan il-programm ta' studju mhuwiex maħsub biex iħejji lill-istudent għal impjieg immedjat. Madankollu, huwa l-ewwel f'sensiela ta' programmi li eventwalment iħejju lill-istudent sabiex isegwi karriera fl-industrija tal-computing.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
MCAST Introductory Certificate or Finished Compulsory Education Initial Assessment Tests (as may be applicable)	1 Year Full-time	2
	Course Code	**ECVET**
	IT2-01-21	60 Credits

Diploma in ICT

The ICT industry is a dynamic sector which requires a number of technical people to cope with the constantly evolving computing technologies. IT persons offer technical support in these technologies and help other IT specialists in their daily job. The Diploma in ICT is the first step in a block of a three-year training programme, designed to provide the necessary skills to work in the computing industry. At this level of study, learners will be introduced to fundamental subjects in the networking, software development, web development and multimedia areas. At the end of the course, learners will be able to use modern computer and multimedia systems and networks in the workplace.

L-industrija tal-ICT hija settur dinamiku li jirrikjedi għadd ta' persuni tekniċi biex ilaħħqu mat-teknoloġiji tal-computing li qed jevolvu b'mod kostanti. Il-persuni tal-IT joffru appoġġ f'dawn it-teknoloġiji u jgħinu lil speċjalisti oħra tal-IT fix-xogħol tagħhom ta' kuljum. Id-Diploma in ICT hija l-ewwel pass fi programm ta' taħriġ ta' tliet snin, imfassal biex jipprovdi l-ħiliet neċessarji biex wieħed ikun jista' jaħdem fl-industrija tal-computing. F'dan il-livell ta' studju, l-istudenti jiġu introdotti għal suġġetti fundamentali fl-oqsma tan-networking, l-iżvilupp tas-softwer, l-iżvilupp ta' websajts u l-multimidja. Fi tmiem il-kors, l-istudenti jkunu jistgħu jużaw sistemi u netwerks moderni tal-kompjuter u tal-multimidja fil-post tax-xogħol.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
MCAST Foundation Certificate or 2 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes Compulsory: One subject from Mathematics or Computer Studies or Physics or IT VET	1 Year Full-time	3
	Course Code	**ECVET**
Applicants with a good working knowledge of English Language will benefit from a positive learning experience throughout the course.	IT3-01-21	60 Credits

Diploma in iGaming

The iGaming industry is a relatively new and dynamic sector which requires a number of technical people to cope with the constantly evolving technologies in iGaming. MCAST offers this course as the first step to becoming familiar with the iGaming industry. The course is designed to provide the basic knowledge and skills required to consider working in such an exciting and innovative industry. At this level of studies, the learners will be introduced to subjects which provide fundamentals in iGaming, Compliance, Customer Relationship Management, Web Development, Multimedia and Basic Data Analysis.

L-industrija tal-iGaming hija settur dinamiku li huwa relattivament ġdid u li jirrikjedi għadd ta' persuni tekniċi biex ilaħħqu mat-teknoloġiji tal-iGaming li qed jevolvu kontinwament. L-MCAST qed joffri dan il-kors bħala l-ewwel pass biex l-istudenti jsiru familjari mal-industrija tal-iGaming. Il-kors huwa mfassal biex jipprovdi l-għarfien u l-ħiliet bażiċi meħtieġa biex wieħed jikkunsidra li jaħdem f'industrija tant eċċitanti u innovattiva. F'dan il-livell ta' studju, l-istudenti jiġu introdotti għal suġġetti li jipprovdu elementi fundamentali fl-iGaming, fil-Konformità, fil-Ġestjoni tar-Relazzjoni mal-Klijent, fl-Iżvilupp tal-Web, fil-Multimidja u fl-Analiżi tad-Data f'livell bażiku.

Entry Requirements

MCAST Foundation Certificate
or
2 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes
Compulsory: One subject from Mathematics or Computer Studies or Physics or IT VET

Applicants with a good working knowledge of English Language will benefit from a positive learning experience throughout the course.

Career Opportunities

Customer support in iGaming

Course Duration

1 Year Full-time

Course Code

IT3-02-21

MQF Level

3

ECVET

60 Credits

Advanced Diploma in IT (Computer Systems and Networks)

The IT industry is a dynamic sector which requires a number of highly skilled technical personnel to cope with constantly changing customers' demands and new innovative technologies. This course is the first step towards entering the field of computer networks. It provides learners with core computer networking skills. At this level they will be exposed to the design, implementation and administration of small to medium sized networks. The first year of this course will be common to all learners following the Advanced Diploma. During the second year of studies, learners will be focusing on networking subjects such as LAN switching, routing, server management and virtualisation. This course includes work-related training and practice.

L-industrija tal-IT hija settur dinamiku li jirrikjedi għadd ta' ħaddiema tekniċi bi kwalifiki għoljin biex ilaħħqu mal-ħtiġijiet tal-klijenti li dejjem jinbidlu u mat-teknoloġiji ġodda u innovattivi ġodda. Dan il-kors huwa l-ewwel pass biex wieħed jidħol fil-qasam tan-netwerks tal-kompjuter. Huwa jipprovdi lill-istudenti l-ħiliet ewlenin tan-netwerking tal-kompjuter. F'dan il-livell l-istudenti jiltaqgħu mad-disinn, l-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni ta' netwerks żgħar u medji. L-ewwel sena ta' dan il-kors tkun l-istess għall-istudenti kollha li jkunu qed isegwu l-Advanced Diploma. Fit-tieni sena, l-istudenti jiffokaw fuq suġġetti tan-netwerking bħal-LAN switching, ir-routing, il-ġestjoni tas-server u l-virtwalizzazzjoni. Dan il-kors jinkludi taħriġ u prattika relatati max-xogħol.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
MCAST Diploma in IT or MCAST Diploma in iGaming or 4 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes Compulsory: Mathematics and Compulsory: Computer Studies or Physics or Information Technology Applicants with a good working knowledge of English Language will benefit from a more positive learning experience throughout the course.	2 Years Full-time	4
	Course Code	**ECVET**
	IT4-A1-21	120 Credits
	Mode	
	Apprenticeship	

Career Opportunities

Junior/assistant systems administrator • Junior/assistant network administrator • Junior/assistant database administrator • End user support

Advanced Diploma in IT (Software Development)

The Advanced Diploma in Software Development is a practical, hands-on qualification ensuring that learners utilise the most up-to-date practices and current programming languages. This course is the first step towards becoming a software developer. It will provide the learners with the core software development skills along with the necessary knowledge for the design and development of software applications. The first year of this course will be common for all learners following the Advanced Diploma. During the second year of studies learners will focus on Software Development subjects, such as: server side and client side scripting; database design and development; and mobile application development.

L-Advanced Diploma in Software Development hija kwalifika prattika li tiżgura li l-istudenti jużaw il-prattiċi l-aktar aġġornati u l-lingwi tal-ipprogrammar l-aktar kurrenti. Dan il-kors huwa l-ewwel pass biex wieħed isir żviluppatur tas-softwer. Huwa jipprovdi lill-istudenti l-ħiliet ewlenin fl-iżvilupp tas-softwer, flimkien mal-għarfien neċessarju għad-disinn u l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tas-softwer. L-ewwel sena ta' dan il-kors tkun l-istess għall-istudenti kollha li jkunu qed isegwu l-Advanced Diploma. Matul it-tieni sena l-istudenti jiffokaw fuq suġġetti marbuta mal-Iżvilupp tas-Softwer, bħal: server side u client side scripting; id-disinn u l-iżvilupp ta' databases; u l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tal-mobile.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
MCAST Diploma in IT or MCAST Diploma in iGaming or 4 SEC/O-Level passes/SSC&P (Level 3) passes Compulsory: Mathematics and Compulsory: Computer Studies or Physics or Information Technology Applicants with a good working knowledge of English Language will benefit from a positive learning experience throughout the course.	2 Years Full-time	4
	Course Code	**ECVET**
	IT4-04-21	120 Credits

Career Opportunities

End user support • Junior software tester • Junior software developer • Junior database developer • Junior web developer

Bħala persuna li minn dejjem kelli entużjażmu kbir għat-teknoloġija, kont naf illi kelli nagħmel l-għazla t-tajba biex insir professjonist fl-IT rikonoxxut. Jien dħalt l-MCAST, fl-Istitut tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni, u minn hemmhekk iggradwajt b'Bachelor of Science (Honours) in Computer Systems and Networks.

Bis-saħħa tal-iskema tal-apprendistat li jħaddem l-MCAST, jien sirt familjari mat-teknoloġiji tal-IT li qed joħorġu ġodda u mal-applikazzjonijiet tagħhom.

Illum il-ġurnata jien naħdem bħala IT Support Officer ma' kumpanija prestiġjuża tal-IT.

– Darren Avellino (Istitut tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni)

Advanced Diploma in IT (Multimedia Software Development)

The world wide web is one area that is growing fast in terms of the skills needs of companies. Multimedia is the incorporation of text, sound, graphics, animation, still images and video in conjunction with computer technology. This course will provide the learners with the core software development skills along with the necessary knowledge for multimedia artefact development, manipulation and integration. The first year of this course will be common for all learners following Advanced Diploma studies. During the second year, learners will focus on Multimedia and Software Development oriented subjects such as game development and mobile application development. This is a technical course for learners with an artistic inclination.

Il-world wide web huwa settur li qed jikber b'mod rapidu fir-rigward tal-ħiliet meħtieġa mill-kumpaniji. Il-multimidja tinkorpora t-test il-ħoss, il-grafika, l-animazzjoni, l-immaġnijiet fissi u l-vidjo flimkien mat-teknoloġija tal-kompjuter. Il-kors jipprovdi lill-istudenti l-ħiliet ewlenin fl-iżvilupp tas-softwer, flimkien mal-għarfien neċessarju għall-iżvilupp, il-manipulazzjoni u l-integrazzjoni tal-artifatti tal-multimidja. L-ewwel sena ta' dan il-kors tkun l-istess għall-istudenti kollha li jkunu qed jistudjaw biex jiġbu l-Advanced Diploma. Fit-tieni sena l-istudenti jiffokaw fuq suġġetti orjentati lejn il-Multimidja u l-Iżvilupp tas-Softwer, bħall-iżvilupp tal-logħob u l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tal-mobile. Dan huwa kors tekniku għal studenti b'inklinazzjoni artistika.

Entry Requirements

MCAST Diploma in IT
or
MCAST Diploma in iGaming
or
4 SEC/O-Level passes/SSC&P (Level 3) passes
Compulsory: Mathematics
and
Compulsory: Computer Studies or Physics or Information Technology

Applicants with a good working knowledge of English Language will benefit from a positive learning experience throughout the course.

Course Duration

2 Years Full-time

Course Code

IT4-03-21

MQF Level

4

ECVET

120 Credits

Career Opportunities

Junior front end developer · Junior game developer · Junior application developer · Junior mobile application developer

Advanced Diploma in IT (iGaming)

The Advanced Diploma in iGaming is the next level up from the diploma route, and provides hands-on experience to learners targeting junior roles in this innovative sector. It can also serve as a precursor to Software Development, iGaming, Digital Games or Business Analytics degrees. This two-year programme provides a balance of core software, web and mobile app/game development skills alongside advanced digital marketing, SEO, database design and implementation, advanced Mathematics, Data Analytics and Visualisation. The first year of this programme focuses on providing learners with core development skills whereas the second year provides further specialisation and puts the core skills to good use through work-based learning (subject to eligibility), real-world implementations and projects. Upon completion of this programme, skilled individuals targeting this sector will be in a position to build a comprehensive portfolio.

*Apprenticeship is subject to iGaming legal requirements. Please note that applicants who are not yet 18 years of age can still apply for the course and will be doing a replacement unit.

L-Advanced Diploma in iGaming hija l-livell li jmiss wara d-Diploma in iGaming, u tipprovdi esperjenza prattika lil studenti li jkunu qed jimmiraw li jsibu pożizzjonijiet fi gradi mhux għoljin wisq f'dan is-settur innovattiv. Din id-Diploma Avvanzata tista' wkoll isservi bħala tħejjija għal kwalifiki fil-livell ta' baċellerat fl-Iżvilupp tas-Softwer, fl-iGaming, fil-Logħob Diġitali jew fil-Business Analytics. Dan il-programm ta' sentejn jipprovdi bilanċ ta' ħiliet ewlenin fl-iżvilupp tas-softwer, il-web u applikazzjonijiet għall-mobile/logħob, flimkien ma' ħiliet f'sistemi avvanzati ta' marketing diġitali, search engine optimization (SEO), it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' databases, matematika avvanzata, data analytics u viżwalizzazzjoni. Il-programm jipprovdi biex matul l-ewwel sena l-istudenti jiksbu ħiliet ewlenin fl-iżvilupp tas-sistemi, filwaqt li fit-tieni sena huma jkomplu jispeċjalizzaw u jipprattikaw il-ħiliet ewlenin li jkunu kisbu fil-post tax-xogħol (suġġett għall-eliġibilità) billi jimplimentawhom fil-ħajja ta' veru u fi proġetti oħra. Wara li jtemmu l-kors, l-istudenti mħarrġa biex isibu impjieg f'dan is-settur, ikunu f'pożizzjoni li jibnu portafoll komprensiv.

*L-Apprendistat huwa suġġett għar-rekwiżiti legali tal-iGaming. Ta' min jinnota li dawk l-applikanti li jkunu għadhom ma għalqux it-18-il sena jistgħu japplikaw għall-kors iżda minflok l-apprendistat jiġi pprovdut lilhom taħriġ alternattiv.

Entry Requirements

MCAST Diploma in IT
or
MCAST Diploma in iGaming
or
4 SEC/O-Level passes/SSC&P (Level 3) passes
Compulsory: Mathematics
and
Compulsory: Computer Studies or Physics or Information Technology

Applicants with a good working knowledge of English Language will benefit from a positive learning experience throughout the course.

Course Duration

2 Years Full-time

Course Code

IT4-A5-21

Mode

Apprenticeship*

MQF Level

4

ECVET

120 Credits

Career Opportunities

Junior front end developer · Junior applications developer · Junior mobile applications developer · Junior analyst · Junior affiliate specialist/marketer · Junior content creator

Bachelor of Science (Honours) in Business Analytics

This degree programme is aimed at those individuals who wish to learn how to utilise data to address the most demanding challenges in today's business world. Through the use of an applied methodology, analytical skills and hands-on lab sessions, learners will learn how to use analytical tools to derive insight on hidden trends and patterns in order to leverage business success. One will learn how to develop, implement and test bespoke solutions for resolving problems in specific scenarios. Additional units will cover aspects such as: improving one's own critical thinking skills, building strategies for promoting businesses, understanding consumer behaviour and learning about laws governing a business process.

Dan il-programm li jwassal għal baċellerat huwa mmirat lejn dawk l-individwi li jixtiequ jitgħallmu kif jużaw id-data biex jindirizzaw l-isfidi l-aktar eżiġenti fid-dinja tan-negozju tal-lum. Permezz tal-użu ta' metodoloġija applikata, ħiliet analitiċi u sessjonijiet prattiċi fil-laboratorju, l-istudenti jitgħallmu kif jużaw għodod analitiċi biex jiksbu għarfien dwar xejriet u mudelli moħbija, bl-iskop li jużawhom għas-suċċess tan-negozju. L-istudenti jitgħallmu kif jiżviluppaw, jimplimentaw u jittestjaw soluzzjonijiet imfassla apposta biex isolvu problemi f'xenarji speċifiċi. Unitajiet ta' studju addizzjonali jkopru aspetti bħal: it-titjib tal-ħiliet tal-ħsieb kritiku tal-persuna, il-bini ta' strateġiji għall-promozzjoni tan-negozju, il-fehim tal-imġiba tal-konsumatur u l-liġijiet li jirregolaw il-proċess tan-negozju.

Entry Requirements

MCAST Advanced Diploma in IT
or
MCAST Advanced Diploma in Business Administration
or
MCAST Advanced Diploma in Marketing
or
MCAST Advanced Diploma in Insurance
or
MCAST Advanced Diploma in Financial Services
or
MCAST Advanced Diploma in Finance and Insurance
or
2 A-Level passes and 2 I-Level passes
Compulsory A-Level: Computing or Mathematics or Accounting or Economics or Marketing

Applicants with a good working knowledge of Computing, Mathematics and Business related subjects will benefit from a more positive learning experience throughout the course.

Career Opportunities

Business analyst · Data scientist · Operations research analyst · Market research analyst · Project manager

Course Duration	MQF Level
3 Years Full-time	6

Course Code	ECTS
IT6-01-21	180 Credits

Other Entry Requirements

Experience in a programming language would be considered an asset.

Bachelor of Science (Honours) in Computer Systems and Networks

Computer systems and networks are a growth area in today's business environment due to the fact that there is a strong demand for highly skilled technical persons who can devise original solutions for complex problems in the context of IT and network implementation using modern techniques. This hands-on degree programme is intended for learners who wish to pursue a career in the world of computer systems and networks. In this course learners will be exposed to enterprise network technologies, data centre operations, service provider networks, information security, virtualisation, DevOps and cloud computing technologies. Due importance will also be given to emerging technologies which learners will find being implemented when they start working within the industry. A hands-on practical approach is adopted throughout the course. This course does not entitle the successful candidates to apply for an engineering warrant with the Engineering Profession Board of Malta on successful completion of the course.

Is-sistemi u n-networks tal-kompjuter huma qasam li qed jikber fl-ambjent kummerċjali tal-lum, minħabba l-fatt li hemm domanda kbira għal persuni tekniċi bi kwalifiki għoljin li jistgħu jfasslu soluzzjonijiet oriġinali għal problemi kumplessi fil-kuntest tal-IT u l-implimentazzjoni tan-netwerk bl-użu ta' teknika moderna. Dan il-programm li jwassal għal baċellerat huwa maħsub għal studenti li jixtiequ jsegwu karriera fid-dinja tas-sistemi u n-netwerks tal-kompjuter. F'dan il-kors l-istudenti jiltaqgħu mat-teknoloġiji tan-netwerk tal-intrapriżi, il-funzjoni taċ-ċentri tad-data, in-netwerks tal-fornituri tas-servizzi, is-sikurezza tal-informazzjoni, il-virtwalizzazzjoni, DevOps u t-teknoloġiji tal-cloud computing. Tingħata wkoll l-importanza dovuta lit-teknoloġiji ġodda li qed jiżviluppaw u li l-istudenti se jsibu li jkunu qed jiġu implimentati fl-industrija meta jibdew jaħdmu. Dan il-kors huwa kompletament ta' natura prattika. Dan il-kors ma jagħtix id-dritt lill-istudenti li jtemmu l-kors b'suċċess li japplikaw biex jinħarġilhom il-warrant ta' inġinier mill-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija ta' Malta.

Entry Requirements

MCAST Advanced Diploma in IT
Recommended stream: Computer Systems and Networks
or
MCAST Advanced Diploma in Electronics (Computer Engineering)
or
2 A-Level passes and 2 I-Level passes
Compulsory A-Level: Computing
and
Compulsory A-Level or I-Level: Mathematics (Pure or Applied) or Physics

Career Opportunities

Systems administrator · NOC engineer* · Technical support specialist · Network analyst · DevOps · Cloud infrastructure engineer*

*The term Engineer shall not carry or imply the meaning attributed to the term "Engineer" in Article 2 of the Engineering Profession Act (Chapter 321 of the Laws of Malta)

Course Duration	MQF Level
3 Years Full-time	6

Course Code	ECTS
IT6-A1-21	180 Credits

Mode

Apprenticeship

Bachelor of Science (Honours) in Software Development

This degree programme is intended for those learners who are keen on software development with an inclination towards back-end systems and solving complex problems. In this course you will learn how to design software applications based on formal design patterns; design and implement the underlying data infrastructure; model and solve complex real problems whilst following formal methodologies. This course covers Secure Development, Enterprise Software Development, Server Side and Client Side Scripting, Applied Computational Intelligence, Image Processing and Computer Vision, Discrete Mathematics amongst other modules. The course is intended for individuals who have a keen interest in problem solving, have an attention to detail and strive to programme efficiently.

Dan il-programm li jwassal għal baċellerat huwa maħsub għal dawk l-istudenti li jinteressahom ħafna l-iżvilupp tas-softwer, b'mod speċjali s-sistemi back-end u s-soluzzjoni ta' problemi kumplessi. F'dan il-kors l-istudenti jitgħallmu jiddisinjaw applikazzjonijiet tas-softwer ibbażati fuq mudelli ta' disinn formali; jiddisinjaw u jimplimentaw l-infrastruttura bażika tad-data; jimmudellaw u jsolvu problemi reali li jkunu kumplessi, filwaqt li jsegwu metodoloġiji formali. Dan il-kors ikopri l-Iżvilupp Sikur, l-Iżvilupp tas-Softwer għall-Intrapriżi, is-Server Side u Client Side Scripting, l-Intelliġenza tal-Kompjuter Applikata, l-Ipproċessar tal-Immaġni u l-Viżjoni tal-Kompjuter, u l-Matematika Diskreta fost unitajiet oħra ta' studju. Il-kors huwa intiż għal individwi li għandhom interess qawwi fis-soluzzjoni tal-problemi, jagħtu attenzjoni kbira għad-dettalji, u jistinkaw biex joħolqu programmi effiċjenti.

Entry Requirements

MCAST Advanced Diploma in IT
Recommended stream: Software Development
or
MCAST Advanced Diploma in Electronics
(Computer Engineering)
or
2 A-Level passes and 2 I-Level passes
Compulsory A-Level: Computing
and
Compulsory A-Level or I-Level: Mathematics
(Pure or Applied) or Physics

Course Duration	MQF Level
3 Years Full-time	6

Course Code	ECTS
IT6-A2-21	180 Credits

Career Opportunities

Web/back-end/fullstack developer · Software tester · Mobile applications developer

Bachelor of Science (Honours) in Multimedia Software Development

This degree programme is intended for those learners who are keen on developing interactive and media rich software applications such as games and mobile applications. In this course one will learn how to develop software applications, create the required multimedia content and integrate this content with the created application. This course covers 2D and 3D Graphic Design, Computer Animation, Sound Design, Visual Effects, Client-side Programming, Object-Oriented Programming, Mobile Application Development amongst other modules. This course is intended for individuals who have an artistic inclination and are also good in programming.

Dan il-programm fil-livell ta' baċellerat huwa maħsub għal dawk l-istudenti li għandhom interess kbir fl-iżvilupp ta' applikazzjonijiet ta' softwer interattiv u rikk fl-użu tal-midja, bħal logħob u applikazzjonijiet tal-mobile. F'dan il-kors l-istudenti jitgħallmu jiżviluppaw applikazzjonijiet tas-softwer, joħolqu l-kontenut multimedjali meħtieġ u jintegraw dan il-kontenut fl-applikazzjoni li tkun ġiet ikkreata. Fost unitajiet oħra, dan il-kors ikopri d-Disinn Grafiku 2D u 3D, l-Animazzjoni tal-Kompjuter, id-Disinn tal-Ħoss, l-Effetti Viżivi, l-Ipprogrammar għan-Naħa tal-Klijent, l-Ipprogrammar Orjentat lejn l-Oġġett u l-Iżvilupp ta' Applikazzjonijiet tal-Mobile. Il-kors huwa mmirat għal individwi li għandhom inklinazzjoni artistika u jinqalgħu għall-ipprogrammar.

Entry Requirements

MCAST Advanced Diploma in IT
Recommended stream: Multimedia Software Development
or
MCAST Advanced Diploma in Electronics
(Computer Engineering)
or
2 A-Level passes and 2 I-Level passes
Compulsory A-Level: Computing
and
Compulsory A-Level or I-Level: Mathematics
(Pure or Applied) or Physics

Course Duration	MQF Level
3 Years Full-time	6

Course Code	ECTS
IT6-A3-21	180 Credits

Mode
Apprenticeship

Career Opportunities

Games developer · Web/UX designer · Multimedia programmer · Mobile applications developer

Gozo Campus

Courses

Award in Vocational and Employability Skills (Introductory Level-A)

The Award in Vocational and Employability Skills (Introductory Level-A) is a structured programme of study that helps students with learning disabilities / learning difficulties acquire skills necessary to gain and maintain employment or to further their education. Students will be trained in Hospitality and Retail, and Office Skills. They are also assessed in Key Skills which include Maltese, English, Mathematics, IT, PSHE, Daily Living and Community Skills. A work placement experience within the College is also provided. Before enrolling in the programme, students are required to attend a three-day evaluation period to assess the suitability of the course.

L-Award in Vocational and Employability Skills (Introductory Level-A) huwa programm ta' studju strutturat, intiż għal studenti li għandhom diżabilità / diffikultajiet fit-tagħlim sabiex jiksbu l-ħiliet neċessarji biex jakkwistaw u jżommu impjieg jew biex ikomplu bl-istudju tagħhom. L-istudenti jiġu mħarrġa fl-Ospitalità u l-Bejgħ u fil-Ħiliet tal-Uffiċċju. Huma jiġu assessjati wkoll fil-Ħiliet Ewlenin, li jinkludu l-Malti, l-Ingliż, il-Matematika, l-IT, il-PSHE u l-Ħiliet għall-Ħajja ta' Kuljum u dik Komunitarja. L-istudenti jingħataw iċ-ċans li jagħmlu esperjenza ta' taħriġ fil-post tax-xogħol fil-Kulleġġ stess. Qabel ma jirreġistraw għall-programm, l-istudenti jkunu meħtieġa jattendu tlett ijiem ta' evalwazzjoni biex jiġi kkonfermat li l-kors hu tajjeb għalihom.

Entry Requirements

Finished Compulsory Education, documented by the SSC&P (Secondary School Certificate and Profile)
Applicants are required to:
Present a recent psychological report (issued no more than 3 years before the date of application) and school reports, including the most recent Individual Education Plan (IEP)
Adapt to both class-based and community-based learning (to be ascertained through a 3-day workshop at MCAST, attendance for which is compulsory)
Commitment to prospective employment.

Other Entry Requirements

Applicants may be asked to sit for an Interview.

Course Duration	MQF Level
1 Year Full-time	A

Course Code	ECVET
EPA-01-21G	30 Credits

> " I was immediately determined to choose MCAST's Advanced Diploma in Financial Services.
>
> The programme bridged theory with practice and blended classroom learning with on-the-job training. This provided an enriching study and work experience. My studies landed me my dream job in the banking sector as a Relationship Officer.
>
> MCAST helped me shape my career, and I will forever cherish my choice to study at the College. "
>
> – Marie Gauci (Gozo Campus)

Introductory Certificate in Construction Engineering

This programme of study provides an opportunity for prospective learners in possession of the Secondary School Certificate and Profile (SSC&P) to experience and train in the basic skills related to the Construction industry. It presents learners with an opportunity to have extensive vocational hands-on practice in various sectors. The course includes practical hands-on experience in woodwork, plumbing, sheet-metal, bench-fitting, electrical and trowel practical exercises. The course includes a significant key skills component that will help learners improve their communication, literacy and numeracy skills. IT and Individual and Social Responsibility sessions are also part of the key skills component.

Dan il-programm ta' studju jipprovdi lil studenti prospettivi li jkollhom iċ-Ċertifikat u l-Profil tal-Iskola Sekondarja (SSC&P) l-opportunità ta' esperjenza u taħriġ fil-ħiliet bażiċi relatati mal-industrija tal-Kostruzzjoni. Il-programm jippreżenta lill-istudenti opportunità ta' prattika diretta vokazzjonali estensiva f'diversi setturi. Il-kors jinkludi esperjenza prattika fix-xogħol tal-injam, fil-plumbing, fix-xogħol fil-metall u fil-benchfitting, u eżerċizzji prattiċi fl-elettriku u t-tikħil. Il-kors jinkludi komponent sinifikanti ta' ħiliet ewlenin biex jgħin lill-istudenti jtejbu l-ħiliet tagħhom fil-komunikazzjoni, il-litteriżmu u n-numeriżmu. L-IT u r-Responsabbiltà Individwali u Soċjali huma wkoll parti mill-komponent tal-ħiliet ewlenin.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
Finished Compulsory Education Initial Assessment Tests (as may be applicable)	1 Year Full-time	1
	Course Code	**ECVET**
	MV1-02-21G	40 Credits

Foundation Certificate in Care

This programme of study is aimed at those individuals who wish to embark on a future career in the Health and Social Care sector. During the year the learners will have a variety of lectures which will give them an understanding of basic concepts related to this sector. Lectures will focus on human behaviour, the way the body works and what constitutes a safe working environment. Learners will also be given the opportunity to strengthen their key skills subjects including Maltese, English, Mathematics and Science through the vocational perspective. Learners will have the opportunity to visit organisations related to this sector so that they become accustomed to the environment.

Dan il-programm ta' studju full-time huwa mmirat lejn dawk l-individwi li fil-futur jixtiequ jibdew karriera fis-settur tas-Saħħa u l-Kura Soċjali. Matul is-sena l-istudenti jkollhom lezzjonijiet varji bil-għan li jaslu jifhmu l-kunċetti bażiċi relatati ma' dan is-settur. Il-lezzjonijiet jiffokaw fuq l-imġiba tal-bniedem, il-mod kif jaħdem il-ġisem u x'inhu dak li jagħmel ambjent tax-xogħol sikur. L-istudenti jingħataw ukoll l-opportunità li jsaħħu s-suġġetti tal-ħiliet ewlenin tagħhom, inklużi l-Malti, l-Ingliż, il-Matematika u x-Xjenza, mill-perspettiva vokazzjonali. L-istudenti jkollhom l-opportunità li jżuru organizzazzjonijiet relatati ma' dan is-settur sabiex isiru familjari mal-ambjent.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
MCAST Introductory Certificate or Finished Compulsory Education Initial Assessment Tests (as may be applicable)	1 Year Full-time	2
	Course Code	**ECVET**
	CS2-01-21G	60 Credits

Foundation Certificate in Hairdressing, Beauty and Well-Being

This programme of study provides an overview of the different routes, particularly in the areas of Hairdressing and Beauty, which are available at Level 3 after completion of this course. The modules on offer provide learners with basic knowledge in health and safety practices employed during beauty and hairdressing techniques and procedures. Other modules focus on an understanding of the basic scientific concepts related to all hair and beauty services and treatments, while introducing the learners to basic business concepts. The course also provides learners with quality work experience exposure where they will be expected to assist and carry out a range of assigned tasks, using approved models. Learners are required to purchase the necessary hairdressing and beauty accessories at the beginning of the academic year.

Dan il-programm ta' studju jipprovdi lill-istudenti ħarsa ġenerali lejn il-korsijiet differenti li huma disponibbli fil-Livell 3, partikolarment fis-setturi tax-xagħar u tas-sbuħija, u li wieħed jista' jkompli jistudja meta jlesti dan il-kors. L-unitajiet offruti jipprovdu lill-istudenti b'għarfien bażiku tal-prattiċi tas-saħħa u s-sigurtà użati waqt il-proċeduri tas-sbuħija u l-hairdressing. Unitajiet oħra jiffokaw fuq li l-istudenti jifhmu l-kunċetti xjentifiċi bażiċi relatati mas-servizzi u t-trattamenti kollha tax-xagħar u tas-sbuħija; u jintroduċu wkoll lill-istudenti għall-kunċetti bażiċi tan-negozju. Il-kors jesponi lill-istudenti għal esperjenzi ta' xogħol ta' kwalità fejn ikunu mistennija jużaw mudelli approvati biex jassistu u jwettqu firxa ta' xogħlijiet assenjati lilhom. L-istudenti huma meħtieġa jixtru l-aċċessorji neċessarji tal-hairdressing u tas-sbuħija fil-bidu tas-sena akkademika.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
MCAST Introductory Certificate or Finished Compulsory Education Initial Assessment Tests (as may be applicable)	1 Year Full-time	2
	Course Code	**ECVET**
	CS2-02-21G	60 Credits

Foundation Certificate in Engineering Skills

This course exposes learners to a number of diverse engineering disciplines and trades. It comprises vocational study units covering basic Electrical Installations and Electronics, Mechanical Engineering, Welding and Fabrication, and Woodwork. The programme includes elements of vocational theory and practice that will help learners acquire the knowledge, skills and competences in these vocational areas and form a clear idea of the nature of diverse vocational options that they can pursue at higher levels. Learners will gain experience in the use of tools, materials and engineering processes. This programme also enables learners to improve their key skills which will be embedded in the vocational content.

Studenti li jagħżlu li jsegwu dan il-kors ikollhom l-opportunità li jimirħu f'għadd sabiħ ta' dixxiplini fis-snajja' u l-inġinerija. Fost dawn insibu l-Installazzjoni tal-Elettriku u l-Elettronika, l-Inġinerija Mekkanika, Welding u Fabbrikazzjoni, u Xogħol fl-Injam. Il-kors iżewweġ elementi ta' teorija u prattika li jgħinu lill-istudenti jseddqu l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom. B'hekk ikollhom idea iktar ċara dwar l-għażliet vokazzjonali li jistgħu jispeċjalizzaw fihom hekk kif jissuktaw bit-taħriġ tagħhom f'livelli ogħla. L-istudenti jitħarrġu fl-użu tal-għodda, materjali u proċessi fl-inġinerija. Huma jkollhom l-opportunità li jtejbu l-ħiliet ewlenin tagħhom bis-saħħa tas-suġġetti vokazzjonali.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
Finished Compulsory Education or MCAST Introductory Certificate Initial Assessment Tests (as may be applicable)	1 Year Full-time	2
	Course Code	**ECVET**
	GZ2-01-21G	60 Credits

Foundation Certificate in ICT

The ICT industry is a dynamic sector which requires a number of technical people to cope with the constantly evolving computing technologies. IT persons offer support in these technologies and help other IT specialists in their daily job. The Foundation Certificate in ICT offers knowledge in basic skills as well as knowledge in the fundamentals of computer systems, programming skills, computer graphics and the creation of ICT projects. This programme of study is not intended to prepare the learner for immediate employment. However, it is the first in a string of programmes that will eventually prepare the learner to embark on a career within the computing industry.

L-industrija tal-ICT hija settur dinamiku li jirrikjedi għadd ta' persuni tekniċi biex ilaħħqu mat-teknoloġiji tal-computing li qed jevolvu b'mod kostanti. Il-persuni tal-IT joffru appoġġ f'dawn it-teknoloġiji u jgħinu lil speċjalisti oħra tal-IT fix-xogħol tagħhom ta' kuljum. Il-Foundation Certificate in ICT joffri għarfien fir-rigward tal-ħiliet bażiċi u tal-elementi fundamentali tas-sistemi tal-kompjuter, il-ħiliet tal-ipprogrammar, il-grafika tal-kompjuter u l-ħolqien ta' proġetti tal-ICT. Dan il-programm ta' studju mhuwiex maħsub biex iħejji lill-istudent għal impjieg immedjat. Madankollu, huwa l-ewwel f'sensiela ta' programmi li eventwalment iħejju lill-istudent sabiex jaqbad karriera fl-industrija tal-computing.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
MCAST Introductory Certificate or Finished Compulsory Education Initial Assessment Tests (as may be applicable)	1 Year Full-time	2
	Course Code	**ECVET**
	IT2-01-21G	60 Credits

Diploma in Business

This programme is aimed at preparing learners to further their studies in different areas of business. It is a preparatory course for those wishing to further their studies at MCAST on to MQF Level 4. The course aims to allow learners to improve in the areas of written and spoken English and Maltese as well as in their Mathematical and IT skills. The course however also goes into more detail, while starting from the very basics of different business areas and functions such as Accounts, Human Resources, Marketing, Purchasing, and others. This generic background allows the students to bring their academic level up to scratch, while acquiring enough knowledge about the different business areas to be able to progress onto further studies.

Dan il-programm huwa mmirat lejn it-tħejjija ta' studenti biex ikomplu l-istudji tagħhom f'oqsma differenti tan-negozju. Huwa kors preparatorju biex wieħed ikompli l-istudji tiegħu fl-MCAST sal-Livell 4 tal-MQF. Il-kors għandu l-għan li jgħin lill-istudenti jtejbu l-ħiliet tagħhom fl-oqsma tal-kitba u t-taħdit bl-Ingliż u bil-Malti, kif ukoll il-ħiliet tagħhom fil-Matematika u l-IT. Madankollu, il-kors jidħol ukoll f'ħafna aktar dettall, filwaqt li jibda mill-kunċetti verament bażiċi ta' oqsma u funzjonijiet differenti tan-negozju bħall-Accounts, ir-Riżorsi Umani, il-Marketing, ix-Xiri u oħrajn. Dan l-isfond ġeneriku jippermetti lill-istudenti jtejbu l-livell akkademiku tagħhom sa standard aċċettabbli, filwaqt li jiksbu biżżejjed għarfien dwar l-oqsma differenti tan-negozju sabiex ikunu jistgħu jkomplu jistudjaw f'livell aktar avvanzat.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
MCAST Foundation Certificate or 2 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes	1 Year Full-time	3
Career Opportunities	**Course Code**	**ECVET**
	BC3-01-21G	60 Credits

Clerical assistant · Shop cashier

" Mill-ewwel kont determinata li nagħżel l-Advanced Diploma in Financial Services tal-MCAST.

Il-kors laqqa' t-teorija mal-prattika permezz ta' taħlita ta' lezzjonijiet fil-klassi u taħriġ fuq il-post tax-xogħol. Dan sarraf f'esperjenza rikka ta' studju mżewwaq b'esperjenza fil-post tax-xogħol. Hekk l-istudji tiegħi wassluni biex insib l-impjieg li dejjem ħlomt – dak ta' Relationship Officer fis-settur bankarju.

L-MCAST għeni nibni l-karriera tiegħi, u se nibqa' ngħożż għal dejjem l-għażla tiegħi li nistudja f'dan il-Kulleġġ. "

– Marie Gauci (Kampus t'Għawdex)

Diploma in Health and Social Care

Prospective candidates who enrol in this course should have an interest in working with elderly persons and persons with different abilities. Lectures include a number of varied topics such as nutrition, equality, diversity, dignity and rights of individuals. Moreover, this programme of study provides a route for education within a number of specialised areas such as the Social Care sector, Early Years Education, and Health Sciences. The programme offers an opportunity for learners to carry out work-based learning in two different host organisations which form part of the sector. Here they will be expected to carry out a range of assigned tasks under supervision. In the case of learners who do not wish to further their studies, this one-year programme provides a suitable exit point to seek employment as a care worker.

Il-kandidati prospettivi li jirreġistraw għal dan il-kors full-time għandhom ikollhom interess li jaħdmu ma' persuni anzjani u individwi b'kapaċitajiet differenti. Il-lezzjonijiet jinkludu għadd ta' suġġetti varjati bħan-nutrizzjoni, l-ugwaljanza, id-diversità, id-dinjità u d-drittijiet tal-individwi. Barra minn hekk, dan il-programm ta' studju jwitti t-triq għal edukazzjoni f'għadd ta' oqsma speċjalizzati bħas-settur tal-Kura Soċjali, l-Edukazzjoni tat-Tfal fis-Snin Bikrin, u x-Xjenzi tas-Saħħa. Il-programm joffri opportunità biex l-istudenti jirċievu tagħlim ibbażat fil-post tax-xogħol, f'organizzazzjonijiet ospitanti differenti li jiffurmaw parti mis-settur. Hawnhekk ikunu mistennija jwettqu, taħt superviżjoni, ix-xogħol li huma jiġu assenjati. Fil-każ ta' studenti li ma jixtiqux ikomplu l-istudji tagħhom, dan il-programm ta' sena jipprovdi punt ta' ħruġ xieraq biex wieħed isib impjieg bħala ħaddiem ta' appoġġ jew assistent fil-qasam tal-kura tas-saħħa.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
MCAST Foundation Certificate or 2 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes	1 Year Full-time	3
Other Entry Requirements	**Course Code**	**ECVET**
Prior to embarking on a Work Placement, learners need to: - satisfy the requirements of the Protection of - Minors Act (POMA); - satisfy specific immunisation requirements; and - present a clean police conduct.	CS3-03-21G **Mode** Includes Work Placement	60 Credits

Career Opportunities

Care worker · Care assistant · Support care worker

Diploma in Hairdressing – Women

Hairdressing is a creative industry which requires skilled technical stylists to cope with the customers' demands. In today's fast-moving world self-image is your brand. This programme of study provides the learners with the skills and confidence to step on to the road to success; indeed, the opportunities are endless. Learners cover a variety of interesting study units such as client consultation, hair styling for different occasions, hair colouring, perming and straightening. This includes experience in the MCAST salons as well as placements in industry as part of the Apprenticeship scheme. Learners will also further develop their knowledge in key skills. This programme of study prepares the students for employment as hair stylists or as sales representatives of hair products.

Il-hairdressing huwa industrija eċċitanti u kreattiva li tirrikjedi stilisti tekniċi kwalifikati biex ilaħħqu mad-domanda tal-klijenti għall-bidla u l-innovazzjoni. Fid-dinja mgħaġġla tal-lum, l-immaġni tiddefinixxi lill-persuna. Dan il-programm ta' studju jipprovdi lill-istudenti bil-ħiliet u l-kunfidenza biex jibdew it-triq għas-suċċess; fil-fatt l-opportunitajiet huma bla limitu. L-istudenti jkopru varjetà ta' unitajiet ta' studju interessanti, bħall-konsultazzjoni mal-klijenti, l-issettjar tax-xagħar għal okkażjonijiet differenti, iż-żebgħa tax-xagħar, l-ippermjar u l-illixxjar tax-xagħar. Dan jinkludi esperjenza fis-salon tal-Kulleġġ, kif ukoll esperjenza ta' xogħol fl-industrija bħala parti mill-iskema tal-Apprendistat. Barra minn hekk, l-istudenti jkomplu jiżviluppaw l-għarfien tagħhom fil-ħiliet ewlenin. Dan il-programm iħejji lill-istudenti għal impjieg f'salons bħala stilisti jew bħala rappreżentanti tal-bejgħ ta' prodotti tax-xagħar.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
MCAST Foundation Certificate or 2 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes	1 Year Full-time	3
Career Opportunities	**Course Code**	**ECVET**
Junior Hair Stylist for women · Sales Representative for hair products	CS3-02-21G **Mode** Includes Work Placement	60 Credits

Diploma in Electrical Installations

This programme is the first stage for a learner who is interested in a career in electrical systems, such as that of an Electrician within the construction industry. It contributes towards an understanding of the relevant theory and allows learners to develop the practical skills required in this field. The programme consists of twelve modules, out of which six are vocational related and the rest are key skills related. Vocational modules focus on the basics of wiring electrical installation circuits using different cables and containment, electrical installation regulations, and health and safety requirements governing electrical installation processes. The rest of the modules provide an opportunity for learners to have adequate skills in Maltese, English, Mathematics, Information Technology and Science and Technology.

Dan il-programm huwa l-ewwel stadju għal studenti li huma interessati f'karriera f'sistemi elettriċi, bħal dik ta' Elektrixin fl-industrija tal-kostruzzjoni. Il-kors jikkontribwixxi biex l-istudenti jifhmu t-teorija rilevanti u jiżviluppaw il-ħiliet prattiċi meħtieġa f'dan il-qasam. Il-programm jikkonsisti fi tnax-il unità ta' studju, li minnhom sitta huma vokazzjonali u l-oħrajn huma relatati mal-ħiliet ewlenin. L-unitajiet vokazzjonali jiffokaw fuq l-elementi bażiċi biex wieħed jgħaddi wajers biex jinstalla ċirkwiti tal-elettriku permezz ta' kejbils u containment differenti; fuq ir-regolamenti dwar l-installazzjoni tal-elettriku; u fuq ir-rekwiżiti tas-saħħa u s-sigurtà li jirregolaw il-proċessi tal-installazzjoni tal-elettriku. Il-bqija tal-unitajiet jipprovdu lill-istudenti l-opportunità li jkollhom ħiliet adegwati fil-Malti, l-Ingliż, il-Matematika, it-Teknoloġija tal-Informazzjoni u x-Xjenza u t-Teknoloġija.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
MCAST Foundation Certificate or 2 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes	1 Year Full-time	3
Other Entry Requirements	**Course Code**	**ECVET**
All applicants are asked to sit for a Medical Test in view of any Colour Blindness.	EE3-A1-21G	60 Credits
Career Opportunities	**Mode**	
Assistant electrician · Machine operator	Apprenticeship	

Diploma in Mechanical Engineering

If learners intend to embark on an engineering career specialising particularly in the mechanical sector, then this course is recommended. This MCAST programme is designed to provide basic theory and practice that can be further enhanced through work experience. Learning takes place by attending lectures in the classroom, in workshops and in laboratories, and by completing projects and assignments that are often based on realistic workplace situations. The course covers the basic knowledge and practical skills, providing a good foundation for future career opportunities in engineering. Learners are exposed to a deeper knowledge in related subjects such as Mathematics, Physics, Engineering Drawing and Information Technology.

Dan il-kors huwa rrakkomandat għal dawk l-istudenti li jkollhom l-intenzjoni li jibdew karriera fl-inġinerija li tispeċjalizza b'mod partikolari fis-settur mekkaniku. Dan il-programm tal-MCAST huwa mfassal biex jipprovdi t-teorija u l-prattika f'livell bażiku. Dawn jistgħu jiġu msaħħa permezz ta' esperjenza ta' xogħol. It-tagħlim jikkonsisti f'lezzjonijiet fil-klassi, fil-workshops u fil-laboratorji, u fit-twettiq ta' proġetti u assignments li ħafna drabi jkunu bbażati fuq sitwazzjonijiet realistiċi fuq il-post tax-xogħol. Il-kors ikopri l-għarfien u l-ħiliet prattiċi bażiċi, filwaqt li jipprovdi bażi tajba għal opportunitajiet ta' karriera fl-inġinerija fil-futur. L-istudenti huma esposti għal għarfien aktar profond f'suġġetti relatati, bħall-Matematika, il-Fiżika, l-Engineering Drawing u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
MCAST Foundation Certificate or 2 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes	1 Year Full-time	3
Career Opportunities	**Course Code**	**ECVET**
Machine operator · Technical operator · Assistant technician	ME3-A3-21G	60 Credits
	Mode	
	Apprenticeship	

Diploma in ICT

The ICT industry is a dynamic sector which requires a number of technical people to cope with the constantly evolving computing technologies. IT persons offer technical support in these technologies and help other IT specialists in their daily job. The Diploma in ICT is the first step in a block of a three-year training programme designed to provide the necessary skills to work in the computing industry. At this level of study learners will be introduced to fundamental subjects in the networking, software development, web development and multimedia areas. At the end of the course learners will be able to use modern computer and multimedia systems and networks in the workplace.

L-industrija tal-ICT hija settur dinamiku li jirrikjedi għadd ta' persuni tekniċi biex ilaħħqu mat-teknoloġiji tal-computing li qed jevolvu kontinwament. Il-persuni tal-IT joffru appoġġ f'dawn it-teknoloġiji u jgħinu lil speċjalisti oħra tal-IT fix-xogħol tagħhom ta' kuljum. Id-Diploma in ICT hija l-ewwel pass fi programm ta' taħriġ ta' tliet snin, imfassal biex jipprovdi l-ħiliet neċessarji biex wieħed ikun jista' jaħdem fl-industrija tal-computing. F'dan il-livell ta' studju l-istudenti jiġu introdotti għal suġġetti fundamentali fl-oqsma tan-netwerking, l-iżvilupp tas-softwer, l-iżvilupp ta' websajts u l-multimidja. Fi tmiem il-kors l-istudenti jkunu jistgħu jużaw sistemi u netwerks moderni tal-kompjuter u tal-multimidja fil-post tax-xogħol.

Entry Requirements

MCAST Foundation Certificate
or
2 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes
Compulsory: One subject from Mathematics or
Computer Studies or Physics or IT VET

Applicants with a good working knowledge of English Language will benefit from a more positive learning experience throughout the course.

Course Duration

1 Years full-time

Course Code

IT3-01-21G

MQF Level

3

ECVET

60 Credits

Advanced Diploma in Health Sciences

This programme of study has been developed to prepare individuals for health related careers. The study units deal with the anatomy and physiology of the human body and with the physical and psychological changes due to ageing. Learners will build competences that will help them deal with people with health issues and challenging behaviour. Through work placements, learners will get the opportunity to develop the skills and competences required to work within the health sector.

Dan il-programm ta' studju ġie żviluppat biex iħejji lill-istudenti għal karrieri relatati mas-saħħa. L-unitajiet ta' studju jindirizzaw l-anatomija u l-fiżjoloġija tal-ġisem tal-bniedem kif ukoll it-tibdil fiżiku u psikoloġiku minħabba x-xjuħija. Il-kors jgħin lill-istudenti jiżviluppaw kompetenzi li jgħinuhom jitgħallmu kif iġibu ruħhom ma' persuni bi problemi ta' saħħa u ta' mġiba diffiċli. Permezz ta' taħriġ fuq il-post tax-xogħol, l-istudenti jkollhom l-opportunità li jiżviluppaw il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa biex jaħdmu fis-settur tas-saħħa.

Entry Requirements

MCAST Diploma in Applied Science
or
MCAST Diploma in Health and Social Care
or
4 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes
Compulsory: English Language and
Mathematics and Biology

Career Opportunities

Allied health assistant · Paramedic aide

Course Duration

2 Years Full-time

Course Code

AS4-04-21G

Mode

Includes Work
Placement

MQF Level

4

ECVET

120 Credits

Advanced Diploma in Finance and Insurance

This course is aimed at people who would like to venture in one of the many careers related to financial services. The first year of studies introduces learners to generic areas of financial services including the world of insurance. In the second year of studies, learners will then choose an area of specialisation. Specialisation can be either in financial services or else in insurance. This approach ensures that any learner following this course is exposed to different areas of the financial services world, thus giving them better flexibility in career prospects. Learners choosing the main area of expertise will be very strong in the specific area chosen, while having a good understanding of the other area.

NOTE:
Students taking this course at the Gozo Campus can only pursue the Financial Services specialisation stream in the second year of the course. Students opting for the Insurance Studies stream will need to continue their studies at the MCAST Main Campus in Paola.

Dan il-kors huwa mmirat għal studenti prospettivi li qegħdin jaspiraw għal karriera fid-dinja tas-Servizzi Finanzjarji. L-ewwel sena tal-kors hija maħsuba biex tintroduċi lill-istudenti għas-setturi differenti tal-industrija tas-servizzi finanzjarji, inkluż l-assigurazzjoni. Fit-tieni sena tal-kors, l-istudenti jagħżlu li jispeċjalizzaw jew fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u bankarji jew inkella fl-istudji tal-assigurazzjoni. B'dan il-mod, fl-ewwel sena l-istudenti jieħdu bażi soda tal-aspetti u l-oqsma kollha tas-servizzi finanzjarji u għaldaqstant ikollhom aktar flessibbiltà mil-lat ta' impjiegi. Permezz tal-għażla ta' speċjalizzazzjoni fit-tieni sena, l-istudenti jieħdu għarfien aktar fil-fond fis-settur tal-għażla tagħhom filwaqt li jkollhom għarfien adegwat fis-setturi l-ieħor.

NOTA:
Studenti ta' dan il-kors li jattendu l-Kampus ta' Għawdex, ikunu jistgħu biss isegwu l-ispeċjalizzazzjoni ta-Servizzi Finanzjarji fit-tieni sena tal-kors. L-istudenti li jagħżlu li jispeċjalizzaw fl-Assigurazzjoni jkunu meħtieġa jkomplu l-istudji tagħhom fil-Kampus Ewlieni tal-MCAST f'Raħal Ġdid.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
MCAST Diploma in Business or 4 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes Compulsory: English Language and Mathematics	2 Years Full-time	4
	Course Code	**ECVET**
	BC4-A2-21G	120 Credits
Career Opportunities	**Mode**	
Within the Insurance Industry: Account handler · Claims handler Insurance claims surveyor · Insurance clerk Within the Financial Services Industry: Bank cashier · Clerical and other Officer roles within banks and other financial services institutions	Apprenticeship	

Advanced Diploma in Accounting

This programme aims to give learners a very good grounding in the studying of Accounts. Study areas range from aspects of financial management accounting to the use of accounting software and more generic areas of key skills. The course includes hands-on experience through Apprenticeship where students will learn by doing and gain experience first-hand on the application of the theory. Students who finish the course will have sufficient accounting knowledge and skills to commence employment in an accountancy field, or to enable them to further their studies to obtain qualifications from recognised chartered accountancy bodies.

Dan il-programm għandu l-għan li jipprovdi lill-istudenti bażi tajba ħafna fl-istudju tal-Accounts. L-oqsma tal-istudju jvarjaw minn aspetti ta' financial management accounting għall-użu ta' softwer li huwa speċifiku għall-accounting u oqsma ta' ħiliet ewlenin aktar ġeneriċi. Il-kors jinkludi esperjenza prattika bis-saħħa ta' Apprendistat li matul l-istudenti jitgħallmu billi jagħmlu b'idejhom u jakkwistaw esperjenza prattika fl-applikazzjoni tat-teorija. Studenti li jtemmu l-kors ikollhom biżżejjed għarfien u ħiliet biex jaqbdu jaħdmu fil-qasam tal-accountancy, jew biex ikomplu jistudjaw biex jiksbu kwalifiki minn korpi rikonoxxuti ta' chartered accountancy.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
MCAST Diploma in Business or 4 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes Compulsory: English Language and Mathematics	2 Years Full-time	4
	Course Code	**ECVET**
	BC4-A3-21G	120 Credits
Career Opportunities	**Mode**	
Accounts clerk · Accounts administrator · Audit assistant · Credit management officer	Apprenticeship	

Advanced Diploma in Health and Social Care

This is a two-year full-time programme during which the learner becomes better acquainted with the specialised services offered by different agencies and organisations in the care sector. This programme of study is ideal for those prospective candidates who derive a lot of personal satisfaction from helping others. Lectures deal with sociological and psychological perspectives, legislation, communication skills and human biology. Lecturers will present scenarios which are dynamic and thought-provoking, and learners are prepared to work in challenging environments dealing with vulnerable individuals. A work-based learning component is included in the framework of this programme.

Dan huwa programm full-time ta' sentejn li matulu l-istudent isir aktar familjari mas-servizzi speċjalizzati offruti minn aġenziji u organizzazzjonijiet differenti fis-settur tal-kura. Dan il-programm ta' studju huwa ideali għal dawk il-kandidati prospettivi li jiksbu sodisfazzjon personali meta jgħinu lill-oħrajn. Il-lezzjonijiet jittrattaw perspettivi soċjoloġiċi u psikoloġiċi, il-leġiżlazzjoni, il-ħiliet tal-komunikazzjoni u l-bijoloġija tal-bniedem. L-għalliema jippreżentaw xenarji li huma dinamiċi u li jġiegħlu lill-istudenti jaħsbu u hekk jitħejjew biex jaħdmu f'ambjenti ta' sfida ma' individwi vulnerabbli. Komponent ta' tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol huwa inkluż fil-qafas ta' dan il-programm.

Entry Requirements

MCAST Diploma in Health and Social Care
or
MCAST Diploma in Applied Science
or
MCAST Diploma in Sport
or
MCAST Diploma in Foundation Studies for Security, Enforcement and Protection
or
MCAST Extended Diploma in Foundation Studies for Security, Enforcement and Protection
or
4 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes

Other Entry Requirements

Prior to embarking on a Work Placement, learners need to present a clean police conduct certificate.

Career Opportunities

Social support worker

Course Duration

2 Years Full-time

Course Code

CS4-02-21G

Mode

Includes Work Placement

MQF Level

4

ECVET

120 Credits

Advanced Diploma in Children's Care, Learning and Development

This programme of study provides major emphasis on the practical components which form an integral part of the programme. Learners are taught how to observe babies and toddlers in an early years' environment, to be able to help each child reach his or her maximum potential. Innovative methods are used to plan activities for children in a childcare setting. Other topics include the safeguarding and promotion of children's rights and the creation of a safe and engaging environment where positive development can take place. At the end of the first academic year, successful learners will have the option to exit their studies and be awarded the MCAST Award in Children's Care, Learning and Development. This award will enable them to work as child care practitioners.

Dan il-programm ta' studju jagħti importanza kbira lill-komponenti prattiċi li jiffurmaw parti integrali tal-programm. L-istudenti jiġu mgħallma kif josservaw lit-trabi u t-tfal iż-żgħar f'ambjent ta' snin bikrija, biex ikunu jistgħu jgħinu lit-tfal jilħqu l-potenzjal massimu tagħhom. Jintużaw metodi innovattivi biex jiġu ppjanati attivitajiet għal tfal f'ambjent ta' kura tat-tfal. Lezzjonijiet oħra jinkludu suġġetti dwar it-tħaris u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal u l-ħolqien ta' ambjent sikur u motivanti fejn jista' jseħħ żvilupp pożittiv. L-istudenti li jtemmu l-ewwel sena akkademika b'suċċess jistgħu jagħżlu li ma jkomplux l-istudji tagħhom, f'liema każ jingħataw l-MCAST Award in Children's Care, Learning and Development. Permezz ta' din l-għotja, huma jkunu jistgħu jaħdmu bħala prattikanti fil-qasam tal-kura tat-tfal.

Entry Requirements

MCAST Diploma in Health and Social Care
or
MCAST Diploma in Sport
or
MCAST Diploma in Performing Arts
or
MCAST Diploma in Art and Design
or
4 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes
Compulsory: English Language and Maltese and Mathematics

Other Entry Requirements

Prior to embarking on a Work Placement, learners need to:
- satisfy the requirements of the Protection of Minors Act (POMA);
· present a clean police conduct certificate;
· omplete a Basic First Aid course;
· complete a Paediatric First Aid course.

Career Opportunities

Child care practitioner

Course Duration

2 Years Full-time

Course Code

CS4-04-21G

Mode

Includes Work Placement

MQF Level

4

ECVET

120 Credits

Advanced Diploma in Electrical Systems

This course is intended for learners who wish to embark on a career as technicians in electrical power systems in both the domestic and the industrial sectors. The course includes the requirements set by the Regulator for Energy and Water Services (REWS) for the Electrical Wireman's Authorisation A and Authorisation B. This ensures a solid technical competence and understanding of the regulations and health and safety requirements governing the electrical installation industry. This course contains modules related to Photovoltaic Systems, Building Services Engineering and Electronic Control Systems that give candidates a solid grounding in the engineering involved in the building services industry. Candidates will also receive exposure to Mechanical Workshop practice.

Dan il-kors huwa maħsub għall-istudenti li jixtiequ jibdew karriera bħala teknixins f'sistemi tal-enerġija elettrika għas-settur domestiku kif ukoll għal dak industrijali. Il-kors jinkludi r-rekwiżiti, kif stabbiliti mir-Regolatur tas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS), għall-Awtorizzazzjoni A u l-Awtorizzazzjoni B ta' Persuni li Jgħaddu l-Wajers tal-Elettriku. Dan jipprovdi lill-kandidati kompetenza teknika soda u fehim tar-regolamenti u tar-rekwiżiti tas-saħħa u s-sigurtà li jirregolaw l-industrija tal-installazzjoni tal-elettriku. Dan il-kors jinkludi unitajiet relatati ma' Sistemi Fotovoltajċi, l-Inġinerija tas-Servizzi tal-Bini u Sistemi ta' Kontroll Elettroniku li jipprovdu lill-istudenti għarfien bażiku sod tal-inġinerija involuta fl-industrija tas-servizzi tal-bini. Il-kandidati jwettqu wkoll prattika f'Workshop Mekkaniku.

Entry Requirements

Any MCAST MQF Level 3 Diploma delivered by the Institute of Engineering and Transport, the Institute of Applied Sciences, and the Institute of Information and Communication Technology
or
4 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes
Compulsory: Mathematics or Physics
and
Compulsory: One subject from Engineering Technology or Design and Technology or Chemistry or Mathematics or Physics

Other Entry Requirements

All applicants are asked to sit for a Medical Test in view of any Colour Blindness

Career Opportunities

Electrician (including 3-phase industrial installations) • Electrical technician (plant)

Course Duration

3 Years Full-time

Course Code

EE4-A2-21G

Mode

Apprenticeship

MQF Level

4

ECVET

120 Credits

Advanced Diploma in IT (Computer Systems and Networks)

The IT industry is a dynamic sector which requires a number of highly skilled technical personnel to cope with constantly changing customers' demands and new innovative technologies. This course is the first step towards entering the field of computer networks. It provides learners with core computer networking skills. At this level they will be exposed to the design, implementation and administration of small to medium sized networks. The first year of this course will be common to all learners following the Advanced Diploma. During the second year of studies, learners will be focusing on networking subjects such as LAN switching, routing, server management and virtualisation. This course includes work-related training and practice.

L-industrija tal-IT hija settur dinamiku li jirrikjedi għadd ta' impjegati tekniċi bi kwalifiki għoljin biex ilaħħqu mal-ħtiġijiet tal-klijenti li dejjem jinbidlu u mat-teknoloġiji ġodda u innovattivi. Dan il-kors huwa l-ewwel pass biex wieħed jidħol fil-qasam tan-netwerks tal-kompjuter. Huwa jipprovdi lill-istudenti l-ħiliet ewlenin fin-netwerking tal-kompjuter. F'dan il-livell l-istudenti jiltaqgħu mad-disinn, l-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni ta' netwerks żgħar u medji. L-ewwel sena ta' dan il-kors tkun l-istess għall-istudenti kollha li jkunu qed isegwu l-Advanced Diploma. Fit-tieni sena, l-istudenti jiffokaw fuq suġġetti tan-netwerking bħal-LAN switching, ir-routing, il-ġestjoni tas-server u l-virtwalizzazzjoni. Dan il-kors jinkludi taħriġ u prattika relatati max-xogħol.

Entry Requirements

MCAST Diploma in IT
or
MCAST Diploma in iGaming
or
4 SEC/O-Level/SSC&P (Level 3) passes
Compulsory: Mathematics
and
Compulsory: Computer Studies or Physics or
Information Technology

Applicants with a good working knowledge of English Language will benefit from a more positive learning experience throughout the course.

Course Duration

2 Years Full-time

Course Code

IT4-A1-21G

Mode

Apprenticeship

MQF Level

4

ECVET

120 Credits

Career Opportunities

Junior/assistant systems administrator • Junior/assistant network administrator • Junior/assistant database administrator • End user support

---

Advanced Diploma in IT (Multimedia Software Development)

The world wide web is one area that is growing fast in terms of the skills needs of companies. Multimedia is the incorporation of text, sound, graphics, animation, still images and video in conjunction with computer technology. This course will provide the learners with the core software development skills along with the necessary knowledge for multimedia artefact development, manipulation and integration. The first year of this course will be common for all learners following Advanced Diploma studies. During the second year, learners will focus on Multimedia and Software Development oriented subjects, such as game development and mobile application development. This is a technical course for learners with an artistic inclination.

Il-world wide web huwa settur li qed jikber b'mod rapidu fir-rigward tal-ħiliet meħtieġa mill-kumpaniji. Il-multimidja tinkorpora t-test, il-ħoss, il-grafika, l-animazzjoni, l-immaġinijiet fissi u l-vidjo flimkien mat-teknoloġija tal-kompjuter. Il-kors jipprovdi lill-istudenti l-ħiliet ewlenin fl-iżvilupp tas-softwer, flimkien mal-għarfien neċessarju għall-iżvilupp, il-manipulazzjoni u l-integrazzjoni tal-artifatti tal-multimidja. L-ewwel sena ta' dan il-kors tkun l-istess għall-istudenti kollha li jkunu qed jistudjaw biex iġibu l-Advanced Diploma. Fit-tieni sena, l-istudenti jiffokaw fuq suġġetti orjentati lejn il-Multimidja u l-Iżvilupp tas-Softwer, bħall-iżvilupp tal-logħob u l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tal-mobile. Dan huwa kors tekniku għal studenti b'inklinazzjoni artistika.

Entry Requirements

MCAST Advanced Diploma in Accounting
or
MCAST Advanced Diploma in Administrative and Secretarial Studies
or
MCAST Advanced Diploma in Business Administration
or
2 A-Level passes and 2 I-Level passes
Compulsory A-Levels or I-Level or O-Level: Mathematics and English Language
Preferred A-Level or SEC/O-Level: Economics, Accounts

Course Duration

2 Years Full-time

Course Code

IT4-03-21G

MQF Level

4

ECVET

120 Credits

Career Opportunities

Junior front end developer • Junior game developer • Junior application developer • Junior mobile application developer

Advanced Diploma in IT (Software Development)

The Advanced Diploma in Software Development is a practical, hands-on qualification ensuring that learners utilise the most up-to-date practices and current programming languages. This course is the first step towards becoming a software developer. It will provide the learners with the core software development skills along with the necessary knowledge for the design and development of software applications. The first year of this course will be common for all learners following the Advanced Diploma. During the second year of studies, learners will focus on Software Development subjects such as: server side and client side scripting; database design and development; and mobile application development.

L-Advanced Diploma in Software Development hija kwalifika prattika li tiżgura li l-istudenti jużaw il-prattiċi l-aktar aġġornati u l-lingwi tal-ipprogrammar l-aktar kurrenti. Dan il-kors huwa l-ewwel pass biex wieħed isir żviluppatur tas-softwer. Huwa jipprovdi lill-istudenti l-ħiliet ewlenin fl-iżvilupp tas-softwer, flimkien mal-għarfien neċessarju għad-disinn u l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tas-softwer. L-ewwel sena ta' dan il-kors tkun l-istess għall-istudenti kollha li jkunu qed isegwu l-Advanced Diploma. Matul it-tieni sena, l-istudenti jiffokaw fuq suġġetti marbuta mal-Iżvilupp tas-Softwer bħal: server side u client side scripting; id-disinn u l-iżvilupp ta' databases; u l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tal-mobile.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
MCAST Diploma in IT or MCAST Diploma in iGaming or 4 SEC/O-Level passes/SSC&P (Level 3) passes Compulsory: Mathematics and Compulsory: Computer Studies or Physics or Information Technology	2 Years Full-time	4
	Course Code	**ECVET**
Applicants with a good working knowledge of English Language will benefit from a more positive learning experience throughout the course.	IT4-04-21G	120 Credits

Career Opportunities

End user support • Junior software tester • Junior software developer • Junior database developer • Junior web developer

---

Higher Diploma in Advanced Studies in the Early Years

This programme of study provides ample opportunities to find employment at the end of the two-year course. The study-units are designed in a manner that provides a strong link between theoretical concepts and hands-on practice during internships. Lectures focus on guiding the undergraduates on how to make learning for young children stimulating and fun, in a safe and healthy environment. Upon completion of this programme, the undergraduates may proceed to the final year of the Bachelor of Arts (Honours) in Early Childhood Education and Care (ECEC) within the Faculty of Education, University of Malta, subject to fulfilling a number of requirements relating to proficiency in the Maltese and English languages .

Dan il-kors ta' studju jipprovdi opportunitajiet tajbin ta' impjieg fi tmiem il-programm ta' sentejn. L-unitajiet ta' studju huma mfassla b'tali mod li jipprovdu rabta qawwija bejn kunċetti teoretiċi u l-prattika matul internships. Il-lezzjonijiet jiggwidaw lill-istudenti dwar kif it-tagħlim jista' jkun stimulanti u ta' interess għat-tfal iż-żgħar, f'ambjent sikur u tajjeb għas-saħħa. Meta jlestu dan il-programm, l-istudenti jistgħu jkomplu bl-istudji tagħhom fl-aħħar sena tal-Bachelor of Arts (Honours) in Early Childhood Education and Care (ECEC) fil-Fakultà tal-Edukazzjoni, l-Università ta' Malta, basta li jissodisfaw għadd ta' rekwiżiti relatati mal-profiċjenza fil-lingwa Maltija u f'dik Ingliża.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
MCAST Advanced Diploma in Children's Care, Learning and Development or 2 A-Level passes and 2 I-Level passes Compulsory A-Level or I-Level: Two subjects from Mathematics or English or Maltese Applicants need to be in possession of a pass at SEC/O-Level in the subject that is not presented at A-Level or I-Level.	2 Years Full-time	5
	Course Code	**ECTS**
	CS5-01-21G	120 Credits
	Mode	
	Includes Work Placement	

Other Entry Requirements

Prior to embarking on a Work Placement, learners need to:
• satisfy the requirements of the Protection of Minors Act (POMA);
• present a clean police conduct certificate;
• complete a Basic First Aid course;
• complete a Paediatric First Aid course.

Career Opportunities

Early years educator

Bachelor of Arts (Honours) in Inclusive Education

This programme of study focuses on how educational institutions in general, and the classroom settings specifically, can become more inclusive to cater for different individual needs. The undergraduates tackle a variety of study units aimed at identifying what barriers exist which may be preventing students from accessing quality education. Furthermore, the study units also explore innovative techniques of how these barriers can be overcome so that all students feel valued during compulsory schooling years, and possibly beyond. This course includes internship opportunities aimed at developing a mindset of promoting inclusive communities that celebrate diversity and cater for the diverse needs of different groups of students.

NOTE:
The first two years of this course are offered at the Gozo Campus while the final year is held at the MCAST Main Campus in Paola, Malta.

Dan il-programm ta' studju jiffoka fuq kif l-istituzzjonijiet edukattivi b'mod ġenerali, u l-ambjenti tal-klassi b'mod speċifiku, jistgħu jsiru aktar inklużivi biex jilħqu ħtiġijiet individwali differenti. L-istudenti tal-baċellerat jittrattaw varjetà ta' unitajiet ta' studju li għandhom l-għan li jidentifikaw dawk l-ostakoli li jistgħu jkunu qegħdin iżommu lill-istudenti milli jkollhom aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità. Barra minn hekk, l-unitajiet ta' studju jesploraw ukoll tekniki innovattivi dwar kif jistgħu jingħelbu dawn l-ostakoli sabiex l-istudenti kollha jħossuhom stmati matul is-snin ta' edukazzjoni obbligatorja, u possibilment anke wara. Dan il-kors jinkludi opportunitajiet ta' esperjenza ta' xogħol immirati biex l-istudenti jiżviluppaw mentalità li tippromwovi komunitajiet inklużivi li jiċċelebraw id-diversità u biex jissodisfaw il-ħtiġijiet diversi ta' gruppi differenti ta' studenti..

NOTA:
L-ewwel sentejn ta' dan il-kors jiġu offruti fil-Kampus ta' Għawdex, filwaqt li l-aħħar sena ssir fil-Kampus Ewlieni tal-MCAST f'Raħal Ġdid, Malta.

Entry Requirements

MCAST Advanced Diploma in Children's Care, Learning and Development
or
MCAST Advanced Diploma in Health and Social Care
or
2 A-Level passes and 2 I-Level passes
Compulsory: One A-Level and one I-Level from Mathematics, English, Maltese, Philosophy, Sociology, Psychology

Career Opportunities

Learning support educator (LSE)

Course Duration

3 Years Full-time

Course Code

CS6-03-21G

Mode

Includes Work Placement

MQF Level

6

ECTS

180 Credits

ACCA Qualification

The ACCA Qualification is a world leading accountancy qualification which prepares students to become internationally recognised Chartered Certified Accountants. It is a rewarding and intense course with 13 examinations, three years professional experience and an ethics module. The ACCA Qualification encompasses valuable skills and knowledge which are highly sought after by employers in industry and in the financial sector. The ACCA Qualification is equivalent to degree standard (MQF Level 6) after completing the first nine papers (the Fundamentals level). After passing from the remaining 4 papers (the Professionals level), it is equivalent to a master's degree (MQF Level 7). Learners incur fees payable to ACCA for membership and examinations, and to the MIA (Malta Institute of Accountants) for membership.

NOTE:
Learners taking this qualification at the Gozo Campus will be able to cover all the Foundation Papers (F1 to F9 as may be applicable), which constitute the Level 6 qualification (the first two years), at the Għajnsielem Campus. Preparation and assessment for the Professional Papers leading to the Level 7 qualification (i.e. the last two years of the programme of studies) will be delivered at the MCAST Main Campus in Paola, Malta.

L-ACCA hija kwalifika fl-accountancy li hija meqjusa bħala kwalifika ewlenija mad-dinja kollha, u li tipprepara lill-istudenti biex isiru Chartered Certified Accountants rikonoxxuti internazzjonalment. Dan huwa kors intens imma li jagħti ħafna sodisfazzjon, u li jikkonsisti fi 13-il eżami, tliet snin esperjenza professjonali u modulu dedikat għall-etika. Il-kwalifika tal-ACCA tiġbor fiha ħiliet ta' siwi kbir u għarfien li huma mfittxija ferm minn min iħaddem fl-industrija u fis-settur finanzjarju. Kandidat li jgħaddi mill-ewwel disa' eżamijiet (il-livell Fundamentali) ikun kiseb kwalifika li hija ekwivalenti għal baċellerat (Livell 6 tal-QMK). Meta jgħaddi mill-erba' eżamijiet li jifdal (il-Livell Professjonali), huwa jitqies li jkollu kwalifika ekwivalenti għal master (Livell 7 tal-QMK). L-istudenti jkunu meħtieġa jħallsu l-miżati għas-sħubija u l-eżamijiet lill-ACCA, u l-miżata tas-sħubija lill-MIA (l-Istitut Malti tal-Accountants).

NOTA:
L-istudenti li jieħdu l-kors li jwassal għal din il-kwalifika fil-Kampus tal-MCAST f'Għawdex ikollhom il-possibiltà li jkopru l-Foundation Papers (minn F1 sa F9, skont ma jkun applikabbli), li jikkostitwixxu l-kwalifika tal-Livell 6 (l-ewwel sentejn tal-kors), fil-Kampus ta' Għajnsielem. Il-preparazzjoni u l-assessjar relatati mal-Professional Papers, li jwasslu għal kwalifika tal-Livell 7 (jiġifieri l-aħħar sentejn tal-programm ta' studju), jinżammu fil-Kampus Ewlieni tal-MCAST f'Raħal Ġdid, Malta.

Entry Requirements

MCAST Advanced Diploma in Accounting
or
MCAST Advanced Diploma in Administrative and Secretarial Studies
or
MCAST Advanced Diploma in Business Administration
or
2 A-Level passes and 2 I-Level passes
Compulsory A-Levels or I-Level or O-Level: Mathematics and English Language
Preferred A-Level or SEC/o-Level: Economics, Accounts

Course Duration

4 Years Full-time

Course Code

BC7-01-21G

Career Opportunities

Accountant · Financial controller · Financial analyst · Business analyst · Corporate finance specialist · Project finance accountant

MQF Level

6/7

ECTS

202 Credits

Generic Degrees

" **Let thy step be slow and steady, that thou stumble not. "**

— Ieyasu Tokugawa

General Degrees

These five degrees each have the following exit points, with the final full 180 ECTS degree exit point leading to a formal graduation:

- Stage 1: Undergraduate Diploma at 60 ECTS (transcript upon completion for students terminating here);
- Stage 2: Higher Diploma at 120 ECTS (transcript upon completion for students terminating here);
- Stage 3: Bachelor Degree at 180 ECTS (eligible for formal graduation).

These programmes shall commence in semester 2 of each academic year, that is towards the second full week of February. The generic nature of these degrees is not industry specific, providing a wide skill set that is strong in its transversal nature, whilst also providing significant expertise in the area of studies. Each degree programme requires the following combination of credits:

- A minimum of 48 area specific ECTS in vocational units from an existing honours degree programme;
- A maximum of 48 ECTS from existing degree programmes within the same Institute (time-tables permitting);
- A maximum of 60 ECTS in key skills and transversal subjects from any Institute (time-tables permitting);
- 12 ECTS in work-based learning, and
- 12 ECTS in an applied research project or dissertation.

Due to the inter-Institute nature of these qualifications, students following these programmes shall be assisted through individualized Academic Learner Agreeements.

Dawn il-ħames baċellerati kollha joffru stadji meta parteċipant ikun jista' jħalli l-kors, bl-aħħar stadju jkun meta jintlaħqu 180 ECTS li jikkwalifikaw lill-istudent biex jiggradwa formalment:

- L-ewwel stadju: Undergraduate Diploma ta' 60 ECTS (l-istudenti li jitilqu mill-kors fi tmiem dan l-istadju jkunu eliġibbli għal transcript);
- It-tieni stadju: Higher Diploma b'120 ECTS (l-istudenti li jitilqu mill-kors fi tmiem dan l-istadju jkunu eliġibbli għal transcript);
- It-tielet stadju: Baċellerat b'180 ECTS (fi tmiem dan l-istadju l-istudenti jkunu eliġibbli li jiggradwaw formalment).

Dawn il-programmi jibdew fit-tieni simestru ta' kull sena akkademika, jiġifieri għall-ħabta tat-tieni ġimgħa sħiħa ta' Frar. Dawn il-baċellerati huma ta' natura ġenerika u għalhekk ma huma speċifiċi għall-ebda industrija. Hekk l-istudenti jiksbu sett ta' ħiliet applikabbli f'ħafna sitwazzjonijiet differenti, flimkien ma' kompetenzi tajbin ħafna fil-qasam ta' studju ewlieni tal-kors. Kull programm ta' studju jirrikjedi taħlita ta' kredti kif jidher hawn taħt:

- Mhux anqas minn 48 ECTS fil-qasam ta' studju speċifiku li jinkisbu minn unitajiet vokazzjonali ta' programm eżistenti ta' baċellerat bl-unuri;
- Mhux aktar minn 48 ECTS li jinkisbu minn programmi eżistenti ta' baċellerat offruti mill-istess Istitut (jekk it-time-tables ikunu jippermettu);
- Sa massimu ta' 60 ECTS f'ħiliet bażiċi u suġġetti trasversali li jinkisbu minn kwalunkwe Istitut (jekk it-time-tables ikunu jippermettu);
- 12-il ECTS miksuba minn esperjenza f'post tax-xogħol, u
- 12-il ECTS miksuba minn proġett ta' riċerka applikata jew dissertation.

Minħabba li dawn il-kwalifiki jinvolvu Istituti differenti, l-istudenti ta' dawn il-programmi jingħataw għajnuna billi kull wieħed/waħda minnhom jiffirma/tiffirma mal-Kulleġġ Ftehim għal Studenti Akkademiċi. Dan ikun speċifiku għal kull student/a.

Bachelor of Applied Science

Entry Requirement	**Course Duration**	**MQF Level**
Any MCAST MQF Level 4 Advanced Diploma or 2 A-Level passes and 2 I-Level passes	3 Years Full-time	6
	Course Code	**ECTS**
	AS6-06-21	180 Credits

Bachelor of Applied Business Studies

Entry Requirements	**Course Duration**	**MQF Level**
Any MCAST MQF Level 4 Advanced Diploma or 2 A-Level passes and 2 I-Level passes	FT: 3 Semesters PT: 6 Semesters	6
		ECTS
	Course Code	180 Credits
	BC6-04-21	

Bachelor of Creative Arts

Entry Requirements	**Course Duration**	**MQF Level**
Any MCAST MQF Level 4 Advanced Diploma or 2 A-Level passes and 2 I-Level passes	3 Years Full-time	6
	Course Code	**ECTS**
	CA6-11-21	180 Credits

Other Entry Requirements
As from 2024, special entry requirements will be requested as per compulsory requirements for entry into bachelor courses from which chosen units will be selected.

Bachelor of Community-Based Service Provision

Entry Requirements	**Course Duration**	**MQF Level**
Any MCAST MQF Level 4 Advanced Diploma or 2 A-Level passes and 2 I-Level passes	3 Years Full-time	6
	Course Code	**ECTS**
	CS6-04-21	180 Credits

Other Entry Requirements
As from 2024, special entry requirements will be requested as per compulsory requirements for entry into bachelor courses from which chosen units will be selected.

Bachelor of Applied Technology

Entry Requirements	**Course Duration**	**MQF Level**
Any MCAST MQF Level 4 Advanced Diploma or 2 A-Level passes and 2 I-Level passes	3 Years Full-time	6
	Course Code	**ECTS**
	ET6-01-21	180 Credits

Other Entry Requirements
As from 2024, special entry requirements will be requested as per compulsory requirements for entry into bachelor courses from which chosen units will be selected.

Masters

Courses

Unless otherwise indicated through the respective Programme Specifications, as well as the MCAST Exit Strategy document governing its programmes of study....

* A Postgraduate Certificate is achieved at 30 Credits

* A Postgraduate Diploma is achieved at 60 Credits

Within the MCAST Exit Strategy, one will find the procedure to follow to request Exit Point certification. A Master programme of study will take off (being on full-time or part-time mode of study) dependant on a minimum number of eligible applicants.

"The journey of a thousand miles begins with one step"

— Lao Tzu

Master in Research Methods

The MCAST Master in Research Methods (MResMethods) programme is carried out via a taught methodology component that is then developed into a detailed research endeavour that has to be implemented, presented and defended at Master's level. Students will have demonstrated originality in the application of knowledge by designing and developing advanced research skills using specific tools and a robust methodological approach. The programme guides the student towards compiling peer-reviewed research articles at publishable level. It provides the student with sound practical knowledge and experience in preparation for a career that includes a significant research element, as well as in preparation and training for a research endeavour at doctoral level.

INTAKE INFO: October 2022
FEES: Fees apply – Further information through MG2i (MCAST Gateway to Industry)
NOTE: MCAST provides sponsorships for the 'Postgraduate in Research Methods' component to full-time MCAST staff.

Il-programm tal-MCAST li jwassal għal Master in Research Methods (MResMethods) jikkonsisti f'komponent ta' metodoloġija mgħallma fil-klassi, li mbagħad tiġi żviluppata f'biċċa xogħol ta' riċerka li trid tiġi implimentata, ippreżentata u difiża f'livell ta' Master. L-istudenti jkunu mistennija juru oriġinalità fl-applikazzjoni ta' dak li jkunu tgħallmu billi jiddisinjaw u jiżviluppaw ħiliet ta' riċerka avvanzati bl-użu ta' għodod speċifiċi u metodoloġija b'saħħitha. Il-kors jiggwida lill-istudenti biex jiktbu artikli ta' riċerka (li jiġu riveduti mill-kollegi tagħhom stess) li jilħqu l-livell addattat biex ikunu jistgħu jiġu ppubblikati. Il-kors jagħti lill-parteċipanti tagħrif prattiku sod u esperjenza bi tħejjija għal karriera b'element qawwi ta' riċerka, kif ukoll bi preparazzjoni u taħriġ għal xogħol ta' riċerka f'livell ta' dottorat.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
A relevant first degree at 180 ECTS or more. A MQF Level 5 qualification and adequate professional experience may also be considered for mature students.	5 Semesters	7
	Course Code	**ECTS**
	RI7-05-21	90 Credits
	Mode	
	Blended	

Master by Research

The Master by Research (MRes) programme provides the student with sound practical knowledge and experience in preparation for a research career, as well as with preparation and training for doctoral research. Students will have demonstrated originality in the application of knowledge, and they will understand how the boundaries of knowledge are advanced through research. They will be able to deal with complex issues both systematically and creatively, and they will show originality in tackling and solving applied research related challenges.

FEES: Fees apply - Further information through MG2i (MCAST Gateway to Industry)

Il-programm Master by Research (MRes) jipprovdi lill-istudenti għarfien prattiku sod u esperjenza bi tħejjija għal karriera fir-riċerka, kif ukoll tħejjija u taħriġ għal riċerka fil-livell ta' dottorat. L-istudenti jkunu wrew oriġinalità fl-applikazzjoni tal-għarfien, u jifhmu kif il-fruntieri tal-għarfien jitwessgħu permezz tar-riċerka. Huma jkunu jistgħu jittrattaw kwistjonijiet kumplessi b'mod sistematiku u kreattiv, u juru oriġinalità fil-mod li jindirizzaw u jsolvu sfidi relatati mar-riċerka applikata.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
A relevant MQF/EQF Level 6 degree at second class or higher.	Studies for the M.Res. degree shall extend over the following periods: (a) 18 months in the case of full-time studies; (b) 36 months in the case of part-time studies.	7
Other Entry Requirements		**ECTS**
A MQF/EQF Level 6 degree which is regarded by MDC as equivalent to an Honours degree, such as professional qualifications subjects, plus a portfolio evidencing relevant work experience for at least 3 years.		90 Credits
	Course Code	
	RI7-02-21	
	Mode	
	Blended	

Master in Artificial Intelligence for Industry 4.0

The implementation of Artificial Intelligence (AI) within industry 4.0 influences all industries including manufacturing, public sector, education and many more, particularly since industry 4.0 focuses heavily on interconnectivity, automation, machine learning and real time data. The MCAST Master in AI for Industry 4.0 programme focuses on the key knowledge required for solving business challenges and yielding competitive advantage through the application of Artificial Intelligence technologies. It provides the theoretical and practical knowledge to work across industries and implement AI where needed. Graduates will be well versed in the Fundamentals of AI, Machine Learning, Neural Networks, Social Implications, Ethics, Regulation and Business Analysis proficiencies. The MCAST Master in AI for Industry 4.0 is taught by industry experts and leading academics who are actively engaged in successful careers in their respective fields.

FEES: Fees apply - Further information through MG2i (MCAST Gateway to Industry)

L-implimentazzjoni tal-Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan l-industrija 4.0 taffettwa l-industriji kollha inklużi l-manifattura, is-settur pubbliku, l-edukazzjoni u ħafna aktar, partikolarment billi l-industrija 4.0 tiffoka ħafna fuq l-interkonnettività, l-awtomazzjoni, it-tagħlim tal-magni u d-dejta f'ħin reali. Il-Master fl-AI għall-Industrija 4.0 tal-MCAST jiffoka fuq l-għarfien ewlieni meħtieġ biex jissolvew l-isfidi tan-negozji, liema għarfien jagħti vantaġġ kompetittiv permezz tal-applikazzjoni ta' teknoloġiji ta' Intelliġenza Artifiċjali. Il-kors jipprovdi l-għarfien teoretiku u prattiku biex persuna taħdem fl-industrija u timplimenta l-AI fejn meħtieġ. Il-gradwati jsiru familjari sew mal-Kunċetti Bażiċi tal-AI, il-Machine Learning, in-Netwerks Newronali, l-Implikazzjonijiet Soċjali, l-Etika, ir-Regolamentazzjoni u l-profiċjenzi meħtieġa fl-Analiżi tan-Negozju. Il-Master fl-AI għall-Industrija 4.0 huwa mgħallem minn esperti fl-industrija u akkademiċi ewlenin li huma involuti b'mod attiv f'karrieri ta' suċċess fl-oqsma rispettivi tagħhom.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
A relevant first degree in the sciences or in the technological or social sciences domains. Candidates must also have 2 years full-time industry work experience.	FT 3 Semesters/18 months PT 5 semesters	7
		ECTS
Career Opportunities	**Course Code**	90 Credits
This is conducive to more senior business management technologist and other senior personnel who will act as change agents in their organizations through the application of AI.	RI7-06-21	
	Mode	
	Blended	

Master of Science in Advanced Clinical Practice

The Master of Science in Advanced Clinical Practice is intended for those qualified nurses who want to improve their skills across the four pillars of advanced clinical practice. The programme will equip prospective candidates with the knowledge, skills and professional behaviours (values and attitudes) to work at an advanced clinical level, exercise autonomy and decision-making in the context of complexity, uncertainty and varying levels of risk, and hold accountability for the decisions that they are required to make.

Prospective students are envisaged to come from a range of regulated healthcare professions such as nursing, pharmacy, therapeutic or diagnostic radiography, physiotherapy, paramedics and occupational therapy, and who work in a variety of specialties, settings or sectors. They will have the opportunity to study in an interdisciplinary environment which will provide a more holistic approach to their clinical skills.

FEES: Fees apply – Further information through MG2i (MCAST Gateway to Industry)

Il-Master of Science in Advanced Clinical Practice huwa intiż għal dawk in-nurses kwalifikati li jridu jtejbu l-ħiliet tagħhom fl-erba' pilastri li fuqhom isserraħ il-prattika klinika avvanzata. Il-programm jarma lill-kandidati prospettivi bl-għarfien, il-ħiliet u l-imġiba professjonali (valuri u attitudnijiet) neċessarji biex jagħmlu xogħol kliniku ta' grad aktar avvanzat, jeżerċitaw l-awtonomija u jieħdu deċiżjonijiet f'kuntesti ta' komplessità, inċertezza u livelli differenti ta' riskju, filwaqt li jżommu ruħhom responsabbli għad-deċiżjonijiet li jkollhom jieħdu.

L-istudenti prospettivi huma mistennija li jiġu minn għadd ta' professjonijiet regolati fil-kura tas-saħħa, bħan-nursing, il-farmaċija, ir-radjografija terapewtika jew djanjostika, il-fiżjoterapija, il-paramediċi u l-occupational therapists, li jaħdmu fi speċjalitajiet, ambjenti u setturi differenti. Dawn ikollhom l-opportunità li jitgħallmu f'ambjent interdixxiplinarju, u hekk irawmu fihom perspettiva aktar ħolistika fir-rigward tal-ħiliet kliniċi tagħhom.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
A first degree (MQF Level 6) in Nursing and in possession of a valid licence.	PT 6 Semesters	7
	Course Code	**ECTS**
Candidates who are not in possession of a valid licence may apply for the Postgraduate Certificate and then progress to the Master once they obtain a valid warrant.	AS7-09-22	90 Credits
	Mode	
	Blended	

Master of Science in Professional Health Practice

The Master of Science in Professional Health Practice is a multi-professional programme of study which is not only aimed at practitioners aspiring to develop and work at an advanced level of practice but is also tailored for those individuals who are already working at an advanced level within their area of practice. The programme will equip prospective candidates with the knowledge, skills and professional behaviours (values and attitudes) to work at an advanced clinical level, exercise autonomy and decision-making in the context of complexity, uncertainty and varying levels of risk and holding accountability for the decisions that they are required to make.

Prospective students are envisaged to come from a range of regulated healthcare professions such as nursing, pharmacy, therapeutic or diagnostic radiography, physiotherapy, paramedics and occupational therapy, and who work in a variety of specialties, settings or sectors. They will have the opportunity to study in an interdisciplinary environment which will provide a more holistic approach to their clinical skills.

FEES: Fees apply – Further information through MG2i (MCAST Gateway to Industry)

Il-Master of Science in Professional Health Practice huwa programm ta' studju multiprofessjonali li mhux intiż biss għal dawk li qed jeżerċitaw il-professjoni tagħhom u qed jaspiraw li jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom biex jaħdmu f'livell aktar avvanzat, iżda huwa maħsub ukoll għal dawk l-individwi li l-prattika tagħhom hija diġà waħda ta' livell avvanzat. Il-programm jarma lill-kandidati prospettivi bl-għarfien, il-ħiliet, l-imġiba professjonali (valuri u attitudnijiet) biex jagħmlu xogħol kliniku ta' livell avvanzat, jeżerċitaw l-awtonomija u jieħdu deċiżjonijiet f'kuntesti ta' komplessità, inċertezza u livelli varji ta' riskju, filwaqt li jżommu ruħhom responsabbli għad-deċiżjonijiet li jkollhom jieħdu.

L-istudenti prospettivi huma mistennija li jiġu minn għadd ta' professjonijiet regolati fil-kura tas-saħħa, bħan-nursing, il-farmaċija, ir-radjografija terapewtika jew djanjostika, il-fiżjoterapija, il-paramediċi u l-occupational therapists, li jaħdmu fi speċjalitajiet, ambjenti u setturi differenti. Dawn ikollhom l-opportunità li jitgħallmu f'ambjent interdixxiplinarju, u hekk irawmu fihom perspettiva aktar ħolistika fir-rigward tal-ħiliet kliniċi tagħhom.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
A relevant professional first degree (MQF Level 6) in the Health profession.	PT 6 Semesters	7
	Course Code	**ECTS**
	AS7-10-22	90 Credits
	Mode	
	Blended	

Master of Science in Environmental Engineering

The Master of Science in Environmental Engineering programme takes an interdisciplinary approach into the investigation of processes that control the earth and its environment. The programme will deliver all necessary knowledge and skills to seize opportunities presented by new developments in areas such as global cycles, biogeochemistry, sustainable technologies, waste and water treatment, environmental pollution assessment and remediation, and natural hazards. A special focus on environmental auditing and impact assessment shall be made particularly in water, energy, noise and traffic auditing.

FEES: Fees apply - Further information through MG2i (MCAST Gateway to Industry)

Il-programm tal-Master of Science in Environmental Engineering jadotta approċċ interdixxiplinari fl-investigazzjoni ta' proċessi li jikkontrollaw id-dinja u l-ambjent tagħha. Il-programm jippreżenta l-għarfien u l-ħiliet kollha neċessarji biex jinħatfu l-opportunitajiet ippreżentati mill-iżviluppi ġodda f'oqsma bħaċ-ċikli globali, il-bijoġeokimika, it-teknoloġiji sostenibbli, it-trattament tal-ilma u l-iskart, il-valutazzjoni u r-rimedju tat-tniġġis ambjentali, u l-perikli naturali. Issir enfasi speċjali fuq l-awditjar ambjentali u l-valutazzjoni tal-impatt, b'mod partikolari fl-awditjar tal-ilma, l-enerġija, l-istorbju u t-traffiku.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
A degree in the area of Science or Environment or Engineering	FT 3 Semesters PT 5 Semesters	7
		ECTS
Other Entry Requirements	**Course Code**	90 Credits
MQF Level 5 qualification and 3 years related professional experience may be considered.	AS7-07-21	
	Mode	
	Blended	

Master of Science in Integrated Water Resource Management

The Master of Science in Integrated Water Resource Management programme shall impart in-depth knowledge and practical experience in applied science aspects of water systems in small island states, with a focus on water measurement, water sustainability, water consumption, water chemistry, microbiology and analytics. The course comprises a range of practical modules in water metering, sensing and measurement, applied microbiology, biofouling/biocorrosion, chemometrics, environmental microbiology and water chemistry

FEES: Fees apply - Further information through MG2I (MCAST Gateway to Industry)

Il-programm tal-Master of Science in Integrated Water Resource Management jipprovdi għarfien fil-fond u esperjenza prattika fl-aspetti tax-xjenza applikata għal sistemi tal-ilma fi stati komposti minn gżejjer żgħar, b'enfasi fuq il-kejl tal-ilma, is-sostenibbiltà tal-ilma, il-konsum tal-ilma, il-kimika, il-mikrobijoloġija u l-analiżi tal-ilma. Il-kors jinkludi firxa ta' unitajiet prattiċi fil-kejl tal-konsum tal-ilma, is-sejbien tal-ilma, il-mikrobijoloġija applikata, il-bijoinkrostazzjoni/bijokorruzzjoni, il-kemometrija, il-mikrobijoloġija ambjentali u l-kimika tal-ilma.

Entry Requirements

A degree in the area of Science or Environment or Engineering

Other Entry Requirements

A MQF Level 5 qualification and 3 years related professional experience may be considered.

Course Duration

FT 3 Semesters
PT 5 Semesters

Course Code

AS7-08-21

Mode

Blended

MQF Level

7

ECTS

90 Credits

Master of Business Administration for the Small Business (MBA)

The MCAST MBA for the Small Business programme focuses on the small businesses' theoretical knowledge, application-oriented experiences as well as the identification of innovation possibilities and growth potentials. This MBA is structured to reflect the needs of modern business dynamics. The MCAST MBA is taught by industry experts and leading academics who have had successful careers in their respective business settings.

FEES: Fees apply - Further information through MG2I (MCAST Gateway to Industry)

Il-programm MBA for the Small Business tal-MCAST jiffoka fuq l-għarfien teoretiku relatat ma' negozji żgħar, esperjenzi fl-applikazzjoni ta' dan l-għarfien, kif ukoll l-identifikazzjoni ta' possibiltajiet ta' innovazzjoni u potenzjali ta' tkabbir. Dan l-MBA huwa strutturat biex jirrifletti l-ħtiġijiet tad-dinamika tan-negozju modern. L-MBA tal-MCAST huwa mgħallem minn esperti fl-industrija u persuni akkademiċi ewlenin li rnexxew fil-karriera tagħhom fl-ambjenti rispettivi tan-negozju tagħhom.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
A MQF Level 6 qualification with a minimum of 180 ECTS, awarded by a recognised institution	FT 3 Semesters PT 6 Semesters	7
Other Entry Requirements	**Course Code**	**ECTS**
MQF Level 5 qualification and adequate professional experience are also considered.	BC7-02-21	90 Credits
	Mode	
	Blended	

Master in Retail

The Master in Retail focuses on the learning and practical application of concepts essential for operating and marketing a retail business. This programme develops an understanding of the contemporary retail environment and examines topical issues relating to retail management and marketing. The programme assesses analytical skills essential for operating and marketing in an international retail environment with a view to putting this knowledge into practice. The Master in Retail is structured to reflect the needs of modern business retail dynamics. The Master in Retail is taught by industry experts and leading academics who have had successful careers in their respective business settings.

INTAKE INFO: October 2022
FEES: Fees apply to external candidates – Further information through MG2i (MCAST Gateway to Industry).

Dan il-kors ta' Master in Retail jiffoka fuq it-tagħlim u l-applikazzjoni prattika ta' kunċetti essenzjali fl-operat u r-reklamar tan-negozju bl-imnut. Il-programm iwassal lill-istudenti biex jifhmu l-ambjent kontemporanju tan-negozju bl-imnut, filwaqt li jiġu eżaminati problemi tipiċi relatati mat-tmexxija u r-reklamar f'negozju ta' din ix-xorta. Jiġu kkunsidrati ħiliet analitiċi li huma essenzjali għall-operat u r-reklamar ta' bejgħ bl-imnut f'ambjent internazzjonali bl-iskop li dan l-għarfien jitpoġġa fil-prattika. Il-kors huwa strutturat biex jirrifletti l-ħtiġijiet tad-dinamika moderna tas-settur tal-bejgħ bl-imnut. Il-Master in Retail huwa mgħallem minn esperti fl-industrija u akkademiċi ewlenin li kellhom karriera ta' suċċess fil-qasam rispettiv tagħhom.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
A relevant first degree	FT 3 Semesters/18 months PT 5 semesters	7
Other Entry Requirements		**ECTS**
A MQF Level 5 qualification and adequate professional experience are also considered.	**Course Code**	90 Credits
	RI7-01-21	
	Mode	
	Blended	

Master of Science in Lean Enterprise

The Master of Science in Lean Enterprise includes lean problem solving methodologies, and demonstrates contemporary lean thinking principles, lean enterprise development and value stream mapping, including modern enterprise improvement techniques such as Six Sigma, the theory of constraints and business process re-engineering. It applies process analysis to business activities, methods improvement and work measurement to meet the competitive goals of a business environment. It evaluates the key characteristics of quality and the quality philosophy through established lean methods of quality improvement.

FEES: Fees apply - Further information through MG2I (MCAST Gateway to Industry)

Il-Master of Science in Lean Enterprise jinkludi metodoloġiji għas-soluzzjoni ta' problemi b'użu mill-inqas ta' riżorsi; jippreżenta prinċipji ta' ħsieb kontemporanju fl-użu mill-inqas ta' riżorsi, l-iżvilupp tal-intrapriżi b'użu mill-inqas ta' riżorsi u l-immappjar tal-fluss tal-valur, inklużi tekniki moderni għat-titjib tal-intrapriżi bħas-Six Sigma, it-teorija ta' restrizzjonijiet u l-inġinerija mill-ġdid tal-proċess tan-negozju; japplika l-analiżi tal-proċess f'attivitajiet tan-negozju, fit-titjib tal-metodi u fil-kejl tax-xogħol biex jiġu sodisfatti l-għanijiet kompetittivi ta' ambjent tan-negozju; jevalwa l-karatteristiċi ewlenin tal-kwalità u l-filosofija tal-kwalità permezz ta' metodi stabbiliti ta' titjib tal-kwalità b'użu mill-inqas ta' riżorsi.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
Relevant degree	FT: 3 Semesters PT 6 Semesters	7
Other Entry Requirements	**Course Code**	**ECTS**
A MQF Level 5 qualification and adequate professional experience are also considered.	BC7-09-21	90 Credits
	Mode	
	Blended	

Master in Social Care Practice

The programme of studies targets professionals who have experience working in social care settings, or who wish to move into the field of social care practice. The programme of studies builds on an already acquired professional understanding to further broaden and deepen this with specialised units that provide leading and high quality care across the social care sector.

The main aim of the programme is to enhance the professional and transferable skills of those working in the social sector so as to improve the care provided to service users and their communities. The objective here is to improve the experience of the service user to offer the vulnerable sector of our community better life chances.

Dan il-programm ta' studju huwa mmirat għal professjonisti li għandhom esperjenza ta' xogħol f'ambjenti ta' kura soċjali, jew jixtiequ jsiru prattikanti fil-qasam tal-kura soċjali. Il-programm jibni fuq il-fehim professjonali li l-istudenti diġà jkollhom u jwessa' u japprofondixxi dan il-fehim permezz ta' unitajiet ta' studju speċjalizzati li jwasslu għal kura ta' kwalità għolja fis-settur tal-kura soċjali.

L-għan ewlieni ta' dan il-programm ta' studju huwa li jiżdiedu l-ħiliet professjonali u tras-feribbli ta' dawk li jaħdmu fis-settur soċjali sabiex titjieb il-kura pprovduta lil dawk li jużaw is-servizzi u lill-komunitajiet tagħhom. L-iskop huwa li titjieb l-esperjenza ta' dawk li jużaw is-servizzi biex is-sezzjoni vulnerabbli tal-komunità tagħna tiġi offruta opportunitajiet ta' ħajja aħjar.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
A MQF Level 6 first degree in Social Care	PT 3 Years	7
	Course Code	**ECTS**
	CS7-11-22	90 Credits
	Mode	
	Blended	

Master of Science in Exercise and Sports Science

The Master of Science in Exercise and Sports Science presents a multidisciplinary focus on helping students understand the relationship between health and human performance. As an academic programme, this Master of Science will introduce translational research and provide essential foundations from the bases of physiology, biomechanics, motor behaviour and psychology. Using the social ecological approach to addressing the needs for health and human performance for the workforce in Malta, the programme recognizes societal needs, introduces evidence-based strategies for intervention, and evaluates the impact of these services on health outcomes and productivity.

FEES: Fees apply - Further information through MG2i (MCAST Gateway to Industry)

Il-Master of Science in Exercise and Sports Science huwa ffukat fuq li jgħin lill-istudenti jifhmu r-relazzjoni bejn is-saħħa u l-prestazzjoni umana minn perspettiva multidixxiplinarja. Bħala programm akkademiku, dan il-Master of Science jintroduċi lill-istudenti għar-riċerka traslazzjonali (li sservi bħala pont bejn ix-xjenza u l-prattika) u jipprovdi pedament essenzjali mil-lat tal-fiżjoloġija, il-bijomekkanika, il-movimenti tal-bniedem u l-psikoloġija. Il-programm juża l-approċċ ekoloġiku soċjali biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tas-saħħa tal-ħaddiema f'Malta u l-prestazzjoni tagħhom, u hekk jirrikonoxxi l-bżonnijiet tas-soċjetà, jintroduċi strateġiji ta' intervent ibbażati fuq l-evidenza, u jevalwa l-impatt ta' dawn is-servizzi fuq is-saħħa u l-produttività.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
Bachelor of Science (Honours) in Sport, Exercise and Health or Bachelor of Science (Honours) in Health Sciences (Physiological Measurements) or Bachelor of Science (Honours) in Sport and Physical Activity or Bachelor of Education (Honours) in Physical Education or A relevant accredited degree programme	PT 5 Semesters	7
	Course Code	**ECTS**
	CS7-10-21	90 Credits
	Mode	
	Blended	

Master of Arts in Product Design

The Master of Arts in Product Design programme develops the artistic and humanistic skills belonging to the design culture together with the technical know-how that relates to production technology, materials and manufacturing costs. It strives to meet the need of operating in a worldwide landscape of heightened competition where the designer can increase the value of a consumer product by creating innovation – in both aesthetics and usability – that takes advantage of available technologies and ever-changing consumer lifestyles. Candidates will build an improved critical capability to explore contemporary design languages, focus on experimentation with innovative interdisciplinary technologies and materials from preliminary concept to finish, and focus on understanding and developing sustainable production and consumption processes.

FEES: Fees apply - Further information through MG2i (MCAST Gateway to Industry)

Il-programm tal-Master of Arts in Product Design jiżviluppa l-ħiliet artistiċi u umanistiċi li jappartjenu lill-kultura tad-disinn, flimkien ma' għarfien espert tekniku li jirrigwarda t-teknoloġija tal-produzzjoni, il-materjali u l-ispejjeż tal-manifattura. Dan ifittex li jissodisfa l-ħtieġa tal-operat f'pajsaġġ dinji ta' kompetizzjoni qawwija, fejn id-disinjatur jista' jżid il-valur ta' prodott għall-konsumatur billi joħloq innovazzjoni – kemm fl-estetika kif ukoll fl-użu – li tieħu vantaġġ mit-teknoloġiji disponibbli u l-istili ta' ħajja (tal-konsumatur) (dejjem jinbidlu). Il-kandidati jiżviluppaw kapaċità kritika aħjar biex jesploraw lingwi tad-disinn kontemporanji, jiffokaw fuq esperimentazzjoni b'teknoloġiji interdixxiplinari u materjali innovattivi mill-kunċett preliminari sat-tlestija, u jiffokaw fuq il-fehim u l-iżvilupp ta' proċessi ta' produzzjoni u konsum sostenibbli.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
A relevant first degree	PT 5 Semesters	7
Other Entry Requirements	**Course Code**	**ECTS**
MQF Level 5 qualification and adequate professional experience are also considered.	CA7-11-21	90 Credits
	Mode	
	Blended	

Master of Science in Mechanical Engineering and Sustainable Technology

The Master of Science in Mechanical Engineering and Sustainable Technology is of high technical content and is designed to promote higher level thinking skills in various areas of engineering with a special focus on modern low carbon and renewable energy systems. Learners will acquire a broad range of skills in the major engineering disciplines allowing them to work in a senior technical or project management role within industry. The course will also provide graduates a foundation for further study or for a career in an engineering related field. The learners will receive advanced study in both the theoretical and the practical aspects of engineering that builds on previous knowledge and experience. This course is not related to the Engineering Warrant.

FEES: Fees apply - Further information through MG2i (MCAST Gateway to Industry)

Il-kontenut tal-Master of Science in Mechanical Engineering and Sustainable Technology huwa wieħed tekniku u ta' livell avvanzat u huwa maħsub biex jippromwovi ħiliet ta' ħsieb ta' livell ogħla f'oqsma varji tal-inġinerija, b'enfasi speċjali fuq sistemi moderni li jipproduċu ammont baxx ta' karbonju jew li jużaw enerġija rinnovabbli. L-istudenti jiksbu firxa wiesgħa ta' ħiliet fid-dixxiplini ewlenin tal-inġinerija. Dan jippreparahom biex jokkupaw pożizzjonijiet għoljin ta' natura teknika jew fit-tmexxija ta' proġetti fl-industrija. Il-kors jipprovdi wkoll lill-parteċipanti bażi għal studju aktar avvanzat fl-inġinerija jew għal karriera f'qasam relatat. Huma jirċievu tagħlim avvanzat kemm fl-aspetti teoretiċi tal-inġinerija, kif ukoll f'dawk prattiċi, liema tagħlim jibni fuq l-għarfien u l-esperjenza li huma jkollhom diġà. Dan il-kors ma jagħtix id-dritt lill-kandidati għall-warrant ta' inġinier.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
Any MQF Level 6 degree related to Engineering or Science	PT 4 Semesters	7
	Course Code	**ECTS**
	ME7-01-21	120 Credits
	Mode	
	Blended	

Master of Science in Aerospace Engineering

The MCAST MSc in Aerospace Engineering aims to form graduates that will be able to design and implement aerospace projects focusing on more productive but environmentally friendly technologies so as to respond to today's challenges of a cleaner sky and less noisy and non-polluted environment, as well as to develop safer, faster and cheaper transportation for a growing society.

The objective of this Master course is to provide the graduates with the skills required by national and international aerospace companies and with the right profile to match recruitment criteria for agencies as well as public and private bodies in the aerospace sector and also other engineering sectors, for example Automotive. In detail, MCAST's highly targeted learning aerospace pathway aims at developing career-enhancing skills for aerospace professionals in the aviation sector and in the expanding civilian space business in fields such as the management, maintenance and conversion of aircrafts, R&D of technologies for new generations of aircrafts, and civilian applications for smart satellites and sub-orbital spacecrafts.

The course offers the students the possibility to specialize in one of three most highly-demanded fields, namely:

· Structures and Measurements for Aerospace
· Aerodynamics
· Space Technologies.

This course is not related to the Engineering Warrant.

FEES: Fees apply - Further information through MG2i (MCAST Gateway to Industry)

Il-Master of Science in Aerospace Engineering li joffri l-MCAST għandu l-għan li jifforma gradwati li jkunu kapaċi jiddisinjaw u jimplimentaw proġetti aerospazjali li jiffukaw fuq teknoloġiji aktar produttivi imma li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent. Dan sabiex jirrispondu għall-isfidi kurrenti, ta' sema aktar nadif u ambjent inqas storbjuż u mniġġes, kif ukoll biex jiżviluppaw trasport iktar sikur, veloċi u rħis għal soċjetà li qiegħda tikber.

L-iskop ta' dan il-kors ta' Master huwa li jagħti lill-gradwati prospettivi l-ħiliet mitluba minn kumpaniji nazzjonali u internazzjonali fil-qasam tal-aerospazju, kif ukoll il-profil it-tajjeb biex jissodisfaw il-kriterji ta' ingaġġ ta' aġenziji u korpi pubbliċi u privati fis-settur tal-aerospazju kif ukoll f'setturi oħra tal-inġinerija, bħall-Automotive. Dan il-programm ta' studju fil-qasam tal-aerospazju jimmira fil-għoli ħafna u għandu l-għan li jiżviluppa u jtejjeb il-ħiliet tal-professjonisti f'dan il-qasam li jaħdmu fis-settur tal-avjazzjoni u f'intrapriżi privati tal-ispazju ċivili f'oqsma bħat-tmexxija, il-manutenzjoni u l-modifika ta' ajruplani, ir-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġiji għal ġenerazzjonijiet ġodda ta' ajruplani, u applikazzjonijiet għall-użu f'satelliti smart u vetturi spazjali sub-orbitali.

Il-kors joffri lill-istudenti l-possibiltà li jispeċjalizzaw f'wieħed minn tliet oqsma mfittxija ħafna, jiġifieri:

· L-Istrutturi u l-Qisien fil-Qasam tal-Aerospazju
· L-Aerodinamika
· Teknoloġiji Spazjali.

Dan il-kors ma jagħtix id-dritt lill-kandidati għall-warrant ta' inġinier.

Entry Requirements	**Course Duration**	**MQF Level**
A Bachelor degree in Mechanical Engineering or in Aerospace Engineering or in a related field or A MQF Level 5 qualification related to Engineering or Science and adequate professional experience	PT 6 Semesters	7
	Course Code	**ECTS**
	AE7-01-21	120 Credits
	Mode	
	Blended	

Master of Science in Mechatronics

The Master of Science in Mechatronics programme provides students with a broad range of knowledge and skills in the field of automation and control of production processes and equipment, as well as in the field of mechatronic devices and systems control. It focuses on the study of network technologies (e.g. Ethernet, Industrial Protocol, Profinet, Modbus, Profibus, Devicenet, Control Net), and the development of SCADA (Supervisory Control and Data Acquisition) system construction. The practical use of real-time systems is also an important part of the programme. Students shall apply the theoretical principles of industrial robotics and mechatronics, mechatronic and robotic actuators, and modern technologies of microcontroller applications.

This course is not related to the Engineering Warrant.

FEES: Fees apply - Further information through MG2i (MCAST Gateway to Industry)

Il-programm tal-Master of Science in Mechatronics jipprovdi lill-istudenti firxa wiesgħa ta' għarfien u ħiliet fil-qasam tal-awtomatizzazzjoni u l-kontroll ta' proċessi tal-produzzjoni u t-tagħmir, kif ukoll fil-qasam tal-apparat mekatroniku u s-sistemi tal-kontroll. Dan il-programm jiffoka fuq l-istudju tat-teknoloġiji tan-netwerk (eż. Ethernet, Industrial Protocol, Profinet, Modbus, Profibus, Devicenet, Control Net), u l-iżvilupp tal-kostruzzjoni tas-sistema SCADA (l-Kontroll Superviżorju u l-Akkwist tad-Data). L-użu prattiku ta' sistemi ta' ħin reali huwa wkoll parti importanti tal-programm. L-istudenti jkunu meħtieġa japplikaw il-prinċipji teoretiċi tar-robotika u l-mekatronika industrijali, tal-attwaturi tal-mekatronika u tar-robotika, u t-teknoloġiji moderni ta' applikazzjonijiet ta' mikrokontrolluri.

Dan il-kors ma jagħtix id-dritt lill-kandidati għall-warrant ta' inġinier.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
Any MQF Level 6 degree related to Engineering or Science or A MQF Level 5 qualification related to Engineering or Science and adequate professional experience	PT 5 Semesters	7
	Course Code	**ECTS**
	EE7-01-21	90 Credits
	Mode	
	Blended Learning	

Master of Science in High Performance Buildings

The Master of Science in High Performance Buildings (HPB) gives candidates the opportunity to develop optimized building concepts, integrating various components of holistic design methodology, building physics, building climatology and comfort, energy-efficiency, environmental sources, building services systems, building aerodynamics, thermal and fluid dynamic CFD simulations, lighting design, building operations, as well as green urban modelling. The programme provides for advanced skills in specialization and scientific research of building physics coupled with architectural design, preparing students for professional as well as research and development settings at national and international levels.

This course is not related to the Engineering Warrant.

FEES: Fees apply - Further information through MG2i (MCAST Gateway to Industry)

Il-Master of Science in High Performance Buildings (HPB) jipprovdi lill-kandidati l-opportunità li jiżviluppaw kunċetti ta' bini aħjar milli għandna, billi jużaw elementi tal-metodoloġija ħolistika tad-disinn, tal-fiżika tal-bini, tal-klimatoloġija u l-kumdità tal-bini, tal-effiċjenza fl-enerġija, tas-sorsi ambjentali, tas-sistemi tas-servizzi tal-bini, tal-ajrudinamika tal-bini, ta' simulazzjonijiet dinamiċi (CFD) termali u fluwidi, tad-disinn tad-dwal, tal-operat tal-bini, kif ukoll tal-immudellar ekoloġiku urban. Il-programm jipprovdi ħiliet avvanzati fl-ispeċjalizzazzjoni u fir-riċerka xjentifika tal-fiżika tal-bini flimkien mad-disinn tal-arkitettura. Dan iħejji lill-istudenti għal ambjenti professjonali u ta' riċerka u żvilupp f'livelli nazzjonali u internazzjonali.

Dan il-kors ma jagħtix id-dritt lill-kandidati għall-warrant ta' inġinier.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
Any MQF Level 6 degree related to Engineering or Science or A MQF Level 5 qualification related to Engineering or Science and adequate professional experience	PT 5 Semesters	7
	Course Code	**ECTS**
	CE7-13-21	90 Credits
	Mode	
	Blended	

Master of Science in Information Technology and Systems

The Master of Science in Information Technology and Systems provides fundamental skills in a variety of advanced ICT areas such as cloud computing, big data and the Internet of Things (IoT), with a focus on developing intelligent solutions through a blend of hardware and software. The programme focuses on software as a service infrastructure, information management, enterprise systems and eLogistics. A focus is also placed on systems strategy and management, business process innovation and cyber security. Key to the programme are network security and data management technologies, as well as software defined networking, and the new field of distributed hashing and computing, typified by distributed version control systems and blockchain based crypto-currency.

FEES: Fees apply - Further information through MG2i (MCAST Gateway to Industry)

Il-Master of Science in Information Technology and Systems jipprovdi ħiliet fundamentali f'varjetà ta' oqsma avvanzati tal-ICT, bħall-cloud computing, il-big data u l-Internet tal-Oġġetti (IoT), b'enfasi fuq l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet intelliġenti, kemm bl-użu ta' ħardwer kif ukoll ta' softwer. Il-programm jiffoka fuq is-softwer bħala infrastruttura ta' servizz, il-ġestjoni tal-informazzjoni, is-sistemi tal-intrapriżi u l-loġistika elettronika. Issir enfasi wkoll fuq l-istrateġija u l-ġestjoni tas-sistemi, l-innovazzjoni tal-proċess tan-negozju u ċ-ċibersigurtà. L-elementi ewlenin tal-programm huma t-teknoloġiji tas-sigurtà tan-netwerk u l-ġestjoni tad-data, kif ukoll in-netwerking definit mis-softwer, u l-qasam il-ġdid tal-hashing u l-kompjuting distribwit, karatterizzat minn sistemi distribwiti tal-kontroll tal-verżjoni u applikazzjonijiet tal-cryptocurrency ibbażati fuq il-blockchain.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
A degree in the respective area	PT 5 Semesters	7
Other Entry Requirements	**Course Code**	**ECTS**
A MQF Level 5 qualification and adequate professional experience are also considered.	IT7-14-21	90 Credits
	Mode	
	Blended	

Professional Research Doctorate (DRes) on the Competitive Behaviour of Small Organizations

The MCAST Professional Research Doctorate (DRes) on the Competitive Behaviour of Small Organizations is a research based EQF/MQF Level 8 qualification that takes on a specific remit to understand and build applied theories of small organization competitive behaviour within small island states, using the grounded theory method of enquiry and adopting qualitative and mixed methods techniques.

FEES: Fees apply - Further information through MG2i (MCAST Gateway to Industry)

Id-Dottorat ta' Riċerka Professjonali (DRes) tal-MCAST dwar l-Imġiba Kompetittiva ta' Organizzazzjonijiet Żgħar hija kwalifika tal-Livell 8 tal-EQF/MQF, ibbażata fuq riċerka li għandha l-għan speċifiku li tifhem u tibni teoriji applikati dwar l-imġiba kompetittiva ta' organizzazzjonijiet żgħar fi stati gżejjer żgħar. Il-metodu li se jintuża għal din ir-riċerka se jkun dak magħruf bħala grounded theory fejn jiġu applikati tekniki kwalitattivi u oħrajn imħallta.

Entry Requirements	Course Duration	MQF Level
A relevant first degree and a relevant master qualification at 60 ECTS, with at least 5 years relevant industry or research experience.	5 Years Part-Time	8
Other Entry Requirements	**Course Code**	
A relevant first degree and a relevant master qualification at 90 ECTS, with at least 2 years relevant industry or research experience or A master qualification in the MCAST MVEAR at 120 ECTS, with at least 2 years' relevant industry or research experience or A relevant master qualification at 90 ECTS, and at least 10 years' relevant industry or academic experience	RI8-01-21	
	Mode	
	Taught, research based	
	Career Opportunities	
	The D.Res is aimed at senior management, business leaders, NGO leaders, policy makers and senior technologists that need to understand the behavioural and competitive patterns of small organisations with the aim of enhancing the efficiencies and the performance of these small organisations.	